Grupp ta' funzjoni u grad	L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)			
	2023		2022	
	Awtorizzati skont il-baġit tal-Unjoni		Awtorizzati skont il-baġit tal-Unjoni	
	Karigi permanenti	Karigi temporanji	Karigi permanenti	Karigi temporanji
AD 16				
AD 15		1		1
AD 14		1		1
AD 13		23		22
AD 12		3		2
AD 11		2		3
AD 10		9		7
AD 9		7		7
AD 8		17		7
AD 7		40		42
AD 6		29		32
AD 5		9		3
<i>AD Sub-total</i>		<i>141</i>		<i>127</i>
AST 11				
AST 10				
AST 9		1		1
AST 8		1		1
AST 7				
AST 6		3		2
AST 5		13		8
AST 4		22		15
AST 3		6		13
AST 2				
AST 1				
<i>AST Sub-total</i>		<i>46</i>		<i>40</i>
AST/SC 6				
AST/SC 5				
AST/SC 4				
AST/SC 3		1		1
AST/SC 2		3		3
AST/SC 1				
<i>AST/SC Sub-total</i>		<i>4</i>		<i>4</i>

Total		191		171
Total kumplessiv		191		171

Partita O1 01 01 01 — Remunerazzjoni u gratifiki

Abbozz tal-baġit 2023	Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023	Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023	Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023	Konċiljazzjoni 2023
68 215 000	67 225 000	68 215 000	67 148 000	67 148 000

Kummenti:

Dan id-dħul huwa maħsub biex ikopri, fir-rigward tal-uffiċjali u l-persunal temporanju li jkunu fil-pjan tal-istabbiliment:

- salarji, gratifiki u ħlasijiet marbuta mas-salarji,
- assigurazzjoni kontra inċidenti u mard u ħlasijiet oħra ta' sigurtà soċjali,
- assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-persunal temporanju u pagamenti mill-istituzzjoni sabiex dawn jiksbu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom,
- gratifiki u għotjiet varji oħra,
- il-kost tal-ponderazzjonijiet applikat għar-remunazzjoni ta' uffiċjali u persunal temporanju u l-kost tal-ponderazzjonijiet applikat għall-parti mis-salarji li tiġi ttrasferita lejn pajjiż differenti għajr dak tal-impjeg,
- il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

Partita O1 01 01 02 — Spejjeż u gratifiki relatati mar-reklutaġġ, mat-trasferimenti u mal-irtirar mis-servizz

Abbozz tal-baġit 2023	Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023	Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023	Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023	Konċiljazzjoni 2023
594 000	594 000	594 000	587 000	587 000

Artikolu O1 01 02 — Persunal estern

Abbozz tal-baġit 2023	Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023	Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023	Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023	Konċiljazzjoni 2023
2 505 000	2 505 000	2 505 000	2 483 000	2 483 000

Partita O2 01 01 01 — Remunerazzjoni u gratifiki

Abbozz tal-baġit 2023	Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023	Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023	Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023	Konċiljazzjoni 2023
13 503 000	13 333 000	13 503 000	13 294 000	13 294 000

Kummenti:

Dan id-dħul huwa maħsub biex ikopri, fir-rigward tal-uffiċjali u l-persunal temporanju li jkunu fil-pjan tal-istabbiliment:

- salarji, gratifiki u ħlasijiet marbuta mas-salarji,
- assigurazzjoni kontra inċidenti u mard u ħlasijiet oħra ta' sigurtà soċjali,
- assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-persunal temporanju u pagamenti mill-istituzzjoni sabiex dawn jiksbu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom,
- gratifiki u għotjiet varji oħra,
- il-kost tal-ponderazzjonijiet applikat għar-remunazzjoni ta' uffiċjali u persunal temporanju u l-kost tal-ponderazzjonijiet applikat għall-parti mis-salarji li tiġi ttrasferita lejn pajjiż differenti għajr dak tal-impjeg,
- il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja,
- il-konċessjonijiet u l-ħlasijiet b'rati fissi u fis-siegħa għal sahra maħduma minn uffiċjali fil-kategorija AST u minn persunal lokali li ma setax jingħata leave kompensatorju skont il-proċeduri stabbiliti,
- gratifika għal kuljum għal uffiċjali u persunal temporanju li jiġġustifikaw il-bżonn li jibdlu l-post ta' residenza tagħhom meta jibdeu impjeg jew meta jiġu trasferiti lejn post ġdid ta' impjeg,
- l-infiq addizzjonali b'riżultat ta' ssekondar ta' uffiċjali tal-Unjoni, jiġifieri sabiex jitħallsu benefiċċji u jkunu rimborżati l-ispejjeż li l-issekondar jintitolahom għalihom, u kif ukoll il-kostijiet marbuta ma' skemi ta' taħriġ speċifiku ma' amministrazzjonijiet u entitajiet tal-Istati Membri u ta' pajjiżi terzi.

Partita O2 01 01 02 — Spejjeż u gratifiki relatati mar-reklutaġġ, mat-trasferimenti u mal-irtirar mis-servizz

Abbozz tal-baġit 2023	Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023	Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023	Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023	Konċiljazzjoni 2023
46 000	46 000	46 000	45 000	45 000

Artikolu O2 01 02 — Persunal estern

Abbozz tal-baġit 2023	Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023	Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023	Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023	Konċiljazzjoni 2023
1 820 000	1 820 000	1 820 000	1 796 000	1 796 000

Partita O3 01 01 01 — Remunerazzjoni u gratifiki

Abbozz tal-baġit 2023	Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023	Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023	Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023	Konċiljazzjoni 2023
18 353 000	18 043 000	18 353 000	18 020 000	18 020 000

Kummenti:

Dan id-dħul huwa maħsub biex ikopri, fir-rigward tal-uffiċjali u l-persunal temporanju li jkunu fil-pjan tal-istabbiliment:

- salarji, gratifiki u ħlasijiet marbuta mas-salarji,
- assigurazzjoni kontra inċidenti u mard u ħlasijiet oħra ta' sigurtà soċjali,
- assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-ħaddiema temporanji u pagamenti mill-istituzzjonijiet f'isem il-ħaddiema temporanji sabiex dawn biex jiksbu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-orìġini tagħhom,
- gratifiki u għotjiet varji oħra,
- il-kost tal-ponderazzjonijiet applikat għar-remunerazzjoni ta' uffiċjali u persunal temporanju u l-kost tal-ponderazzjonijiet applikat għall-parti mis-salarji li tiġi ttrasferita lejn pajjiż differenti għajr dak tal-impjeg,
- il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat

2 680 000 3 2 0 2

Partita O3 01 01 02 — Spejjeż u gratifiki relatati mar-reklutaġġ, mat-trasferimenti u mal-irtirar mis-servizz

Abbozz tal-baġit 2023	Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023	Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023	Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023	Konċiljazzjoni 2023
104 000	104 000	104 000	101 000	101 000

Artikolu O3 01 02 — Persunal estern

Abbozz tal-baġit 2023	Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023	Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023	Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023	Konċiljazzjoni 2023
19 177 000	19 177 000	19 177 000	18 782 000	18 782 000

Partita O4 01 01 01 — Remunerazzjoni u gratifiki

Abbozz tal-baġit 2023	Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023	Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023	Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023	Konċiljazzjoni 2023
36 354 000	35 474 000	36 354 000	35 763 000	35 763 000

Kummenti:

Dan id-dħul huwa maħsub biex ikopri, fir-rigward tal-uffiċjali u l-persunal temporanju li jkunu fil-pjan tal-istabbiliment:

- salarji, gratifiki u ħlasijiet marbuta mas-salarji,
- assigurazzjoni kontra inċidenti u mard u ħlasijiet oħra ta' sigurtà soċjali,
- assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-persunal temporanju u pagamenti mill-istituzzjoni sabiex dawn jiksbu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom,
- gratifiki u għotjiet varji oħra,
- il-kost tal-ponderazzjonijiet applikat għar-remunazzjoni ta' uffiċjali u persunal temporanju u l-kost tal-ponderazzjonijiet applikat għall-parti mis-salarji li tiġi ttrasferita lejn pajjiż differenti għajr dak tal-impjeg,
- il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat

1 250 000 3 2 0 2

Partita O4 01 01 02 — Spejjeż u gratifiki relatati mar-reklutaġġ, mat-trasferimenti u mal-irtirar mis-servizz

Abbozz tal-baġit 2023	Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023	Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023	Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023	Konċiljazzjoni 2023
266 000	266 000	266 000	263 000	263 000

Partita O4 01 02 01 — Persunal estern — OIB

Abbozz tal-baġit 2023	Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023	Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023	Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023	Konċiljazzjoni 2023
23 306 000	23 306 000	23 306 000	22 874 000	22 874 000

Partita O4 01 02 02 — Persunal estern — Faċilitajiet tat-tħaris tat-tfal

Abbozz tal-baġit 2023	Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023	Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023	Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023	Konċiljazzjoni 2023
14 089 000	14 089 000	14 089 000	13 774 000	13 774 000

Partita 05 01 01 01 — Remunerazzjoni u gratifiki

Abbozz tal-baġit 2023	Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023	Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023	Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023	Konċiljazzjoni 2023
13 114 000	12 914 000	13 114 000	12 911 000	12 911 000

Kummenti:

Dan id-dħul huwa maħsub biex ikopri, fir-rigward tal-uffiċjali u l-persunal temporanju li jkunu fil-pjan tal-istabbiliment:

- salarji, gratifiki u ħlasijiet marbuta mas-salarji,
- assigurazzjoni kontra inċidenti u mard u ħlasijiet oħra ta' sigurtà soċjali,
- assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-ħaddiema temporanji u pagamenti mill-istituzzjoni f'isem il-ħaddiema temporanji sabiex dawn biex jiksbu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom,
- gratifiki u għotjiet varji oħra,
- il-kost tal-ponderazzjonijiet applikat għar-remunazzjoni ta' uffiċjali u persunal temporanju u l-kost tal-ponderazzjonijiet applikat għall-parti mis-salarji li tiġi ttrasferita lejn pajjiż differenti għajr dak tal-impjeg,
- il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

Partita 05 01 01 02 — Spejjeż u gratifiki relatati mar-reklutaġġ, mat-trasferimenti u mal-irtirar mis-servizz

Abbozz tal-baġit 2023	Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023	Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023	Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023	Konċiljazzjoni 2023
142 000	142 000	142 000	141 000	141 000

Partita 05 01 02 01 — Persunal estern — OIL

Abbozz tal-baġit 2023	Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023	Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023	Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023	Konċiljazzjoni 2023
7 593 000	7 593 000	7 593 000	7 470 000	7 470 000

Partita 05 01 02 02 — Persunal estern — Faċilitajiet tat-tħaris tat-tfal

Abbozz tal-baġit 2023	Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023	Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023	Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023	Konċiljazzjoni 2023
3 096 000	3 096 000	3 096 000	3 074 000	3 074 000

Partita O6 01 01 01 — Remunerazzjoni u gratifiki

Abbozz tal-baġit 2023	Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023	Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023	Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023	Konċiljazzjoni 2023
46 341 000	45 741 000	46 341 000	45 617 000	45 617 000

Kummenti:

Dan id-dħul huwa maħsub biex ikopri, fir-rigward tal-uffiċjali u l-persunal temporanju li jkunu fil-pjan tal-istabbiliment:

- salarji, gratifiki u ħlasijiet marbuta mas-salarji,
- assigurazzjoni kontra inċidenti u mard u ħlasijiet oħra ta' sigurtà soċjali,
- assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-persunal temporanju u pagamenti mill-istituzzjoni sabiex dawn jiksbu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom,
- gratifiki u għotjiet varji oħra,
- il-kost tal-ponderazzjonijiet applikat għar-remunazzjoni ta' uffiċjali u persunal temporanju u l-kost tal-ponderazzjonijiet applikat għall-parti mis-salarji li tiġi ttrasferita lejn pajjiż differenti għajr dak tal-impjeg,
- il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

Partita O6 01 01 02 — Spejjeż u gratifiki relatati mar-reklutaġġ, mat-trasferimenti u mal-irtirar mis-servizz

Abbozz tal-baġit 2023	Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023	Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023	Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023	Konċiljazzjoni 2023
193 000	193 000	193 000	191 000	191 000

Artikolu O6 01 02 — Persunal estern

Abbozz tal-baġit 2023	Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023	Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023	Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023	Konċiljazzjoni 2023
2 547 000	2 547 000	2 547 000	2 537 000	2 537 000

Partita PP 01 22 02 — Proġett pilota – L-istabbiliment ta' metodoloġiji komuni ġodda, inklużi l-metrika u l-istatistika u l-użu tal-analitika tad-*data*, li huma aktar adegwati biex janalizzaw id-distakk bejn il-ġeneru fl-investimenti f'impriżi innovattivi fil-livell reġjonali, nazzjonali u Ewropew (b'mod partikolari l-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, il-Fond Ewropew tal-Investment u l-Bank Ewropew tal-Investment)

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
p.m.	356 200	p.m.	356 200	600 000	656 200	p.m.	356 200	600 000	506 200

Artikolu PP 01 23 — 2023

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				6 600 000	3 300 000			6 600 000	1 650 000

Partita PP 01 23 01 — Proġett pilota — Forum tal-UE biex tiżdied l-imġiba effiċjenti f'termini enerġetiċi

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				2 000 000	1 000 000			2 000 000	500 000

Kummenti:

In-nuqqas ta' mġiba b'saħħha tal-konsumatur u ta' responsabbilizzazzjoni tal-konsumaturi fil-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika, speċjalment fil-livelli lokali, jitlob soluzzjonijiet ġodda u innovattivi, speċjalment minħabba li d-drawwiet spiss ikollhom għeruq fondi u jista' jkun hemm reżistenza għall-bidla.

Il-bdil ta' mġibet iċ-ċittadini fil-ħajja ta' kuljum tagħhom jikkostitwixxi sfida importanti li teħtieġ li tiġi indirizzata fil-livell lokali ħalli jinbidel l-atteġġjament taċ-ċittadini fir-rigward ta' mġiba aktar riflessiva u effiċjenti f'termini enerġetiċi.

Bil-għan li l-muniċipalitajiet u r-reġjuni jingħataw għajnuna biex isaħħu l-imġiba taċ-ċittadini tagħhom inkwantu konsumaturi, qed jiġi propost il-ħolqien ta' "Forum tal-UE biex tiżdied l-imġiba effiċjenti f'termini enerġetiċi" aċċessibbli għall-muniċipalitajiet u għar-reġjuni fl-Istati Membri. Il-Forum tal-UE għandu:

- Joffri programm ta' bini tal-kapaċità permezz ta' approċċ ta' taħriġ lil min iħarreġ jew miżuri ta' gwida simili.

Il-programm għandu jkun speċifiku għall-atturi lokali u reġjonali sabiex dawn jiksibu, isaħħu u jżommu l-

kapaċitajiet meħtieġa biex iwettqu attivitajiet li jagħtu spinta lill-effiċjenza enerġetika, bħal kompetizzjonijiet, kampanji, proġetti tal-arti jew inizzjattivi ta' nudging.

- Jipprovdi informazzjoni ġenerali u statistika u joffri riżorsi biex jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt aktar speċifiċi ta' proġetti, pariri xjentifiċi u pariri esperti speċifiċi dwar kampanji pubbliċi.

- Jistabbilixxi pjattaforma ta' kondiviżjoni tal-ġharfien għar-rappreżentanti tal-muniċipalitajiet u tar-reġjuni biex jikkondividu l-informazzjoni dwar l-imġiba taċ-ċittadini fiż-żoni rispettivi tagħhom kif ukoll jaqsamu l-esperjenzi li involvew proġetti konkreti u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni bl-għan li titqawwa l-imġiba tal-konsumaturi b'saħħitha. Is-servizz tal-forum tal-UE għandu janima b'mod attiv l-iskambji bejn il-pari, jimmonitorja u jissottometti informazzjoni dwar proġetti lill-pjattaforma sabiex jinġabru l-isforzi, jiġġenera ekonomiji ta' skala u jipromwovi l-konverġenza lejn l-aħjar prattiki madwar l-Ewropa.

Il-Forum tal-UE għandu jistabbilixxi għanijiet u miri konkreti għas-servizzi pprovduti.

Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

Partita PP 01 23 02 — Proġett pilota — Repożitorju pubbliku tal-UE ta' xogħlijiet ta' dominju pubbliku u b'liċenzja miftuħa

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				700 000	350 000			700 000	175 000

Kummenti:

L-Artikolu 17 tad-Direttiva (UE) 2019/790 dwar id-Drittijiet tal-Awtur fis-Suq Uniku Diġitali introduċa sensiela ta' rekwiżiti għall-fornituri ta' servizz tal-kondiviżjoni tal-kontenut online fir-rigward tar-responsabbiltà tagħhom biex il-kontenut disponibbli protett mid-drittijiet tal-awtur jiġi uplowljat mill-utenti tiegħu. Din l-istess dispożizzjoni legali tirrikjedi wkoll li tali kooperazzjoni bejn id-detenturi tad-drittijiet u l-pjattaformi ma

tirriżultax fl-imblukkar tad-disponibbiltà ta' xogħlijiet imtelligħin minn utenti li ma jiksrux id-drittijiet tal-awtur jew li mhumiex soġġetti għad-drittijiet tal-awtur jew drittijiet relatati. Bħala parti mit-traspożizzjoni tal-Artikolu 17 fil-liġi nazzjonali, Stati Membri bħall-Ġermanja elaboraw fuq dawn ir-rekwiżiti, pereżempju dwar salvagwardji kontra l-imblukkar ta' talbiet fir-rigward ta' xogħlijiet fid-dominju pubbliku.

Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni korretta ta' din id-dispożizzjoni, se jkun essenzjali li jiġu identifikati faċilment xogħlijiet li ma għadhomx protetti mid-drittijiet tal-awtur (xogħlijiet ta' dominju pubbliku) jew li jistgħu jintużaw liberament taħt liċenzji miftuħa. Dan jista' jinkiseb billi jiġu żviluppata bażijiet ta' data li jistgħu jippermettu l-identifikazzjoni u r-referenza ta' Dominju Pubbliku u xogħlijiet b'liċenzja miftuħa. Bażijiet ta' data bħal dawn jista' jkollhom valur miżjud billi jżidu l-opportunitajiet għall-użu mill-ġdid tal-wirt kulturali ta' dominju pubbliku lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 17, billi daww ix-xogħlijiet u l-istatus ta' dominju pubbliku tagħhom isir aktar faċilment disponibbli.

Id-Direttiva DSM dwar id-Drittijiet tal-Awtur fiha regoli li jiffaċilitaw l-użu tal-kontenut fid-dominju pubbliku (premissa 3, Artikolu 14). Filwaqt li tirrikonoxxi l-istatus tax-xogħlijiet ta' arti viżiva fid-dominju pubbliku (l-Artikolu 14), id-Direttiva tinnota wkoll id-differenzi bejn il-liġijiet nazzjonali dwar id-drittijiet tal-awtur li jirregolaw il-protezzjoni ta' tali riproduzzjonijiet li jwasslu għal inċertezza legali u jaffettwaw it-tixrid transfruntier ta' xogħlijiet tal-arti viżiva fid-dominju pubbliku (il-premissa 53).

L-iskop ta' dan il-proġett pilota huwa li jevalwa l-opportunità li jiġu żviluppata repożitorji pubbliċi ta' xogħlijiet ta' dominju pubbliku u b'liċenzja miftuħa bl-għan li jtejbu ċ-ċertezza legali għat-tipi kollha ta' xogħlijiet fid-dominju pubbliku jew li ma jkunux soġġetti għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur.

Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

Partita PP 01 23 03 — Proġett pilota — Pjattaforma Ewropea tal-NFT għas-settur kreattiv u soluzzjonijiet tal-PI

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				700 000	350 000			700 000	175 000

Kummenti:

It-teknoloġija blockchain saret parti integrali mill-ktajjen tal-valur industrijali. Wieħed mill-aktar avvanzati teknoloġiċi reċenti huwa l-adozzjoni esponenzjali fis-setturi kollha ta' Tokens Mhux Funġibbli (NFTs) – assi uniku jew unitajiet ta' data maħżuna f'reġistru distribwit. Il-karatteristiċi ewlenin tal-NFTs (l-awtentikità, is-sjieda, u t-trasferibbiltà) jagħmlu kull NFT uniku u insostitwibbli – biċċa xogħol waħda tat-tip b'identifikatur diġitali uniku fir-reġistru distribwit.

L-NFTs għandhom każijiet ta' użu fl-industrija kollha: mill-protezzjoni tal-identità diġitali (li tagħti lill-individwi kontroll sħiħ fuq liema informazzjoni għandhom jaqsmu ma' min) sal-Internet tal-Oġġetti (bħala awtentikatur tal-apparat) u l-industrija kreattiva (li tipprovdi likwidità fl-irkanti u fis-setturi tal-arti, tal-mużika, tal-moda u tal-logħob tal-azzard).

Peress li prattikament kwalunkwe ħaġa li tista' tiġi diġitalizzata tista' tinbidel f'NFT, l-NFTs jista' jkollhom rwol ewlieni fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-Proprietà Intellettwali (PI) billi jipprovdu lill-inventuri, lir-riċerkaturi u lill-ħallieqa b'ċertifikat diġitali uniku tad-drittijiet tal-PI referenzjati fir-reġistru distribwit.

Il-pjattaforma Ewropea proposta tal-NFT se tmexxi dan il-każ ta' użu. Din tesplora l-potenzjal tal-NFTs u l-blockchain li jiffunzjonaw bħala rekord immutabbli tal-pretensjonijiet tas-sjieda u jippermettu l-verifika u l-awtentikazzjoni tas-sjieda u tal-liċenzji, il-ġestjoni tad-drittijiet diġitali u t-trasferiment tad-drittijiet tal-awtur, l-identifikazzjoni tal-ksur tad-drittijiet tal-awtur, u l-evitar ta' pretensjonijiet żbaljati dwar is-sjieda. Il-proġett jidentifika l-infrastruttura bażika, l-istandards u l-protokolli meħtieġa għall-iskjerament u t-tkabbir tal-użu tal-NFTs u l-blockchain għall-protezzjoni tal-PI fl-UE, u l-potenzjal tagħhom li jinkoraġġixxu l-innovazzjoni.

Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-

Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

Partita PP 01 23 04 — Proġett pilota — Twissija ta' Tfal Nieqsa/mekkaniżmu sikur għall-Ukrajna: Pjattaforma li tappoġġa l-kooperazzjoni transfruntiera għall-protezzjoni u r-riżoluzzjoni ta' każijiet ta' tfal Ukreni li għebu matul il-gwerra

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				850 000	425 000			850 000	212 500

Kummenti:

Abbażi tad-data disponibbli fid-29 ta' Marzu 2022, aktar minn 2 000 tifel u tifla minn 1 481 familja ġew irrappurtati nieqsa fl-Ukrajna minħabba l-gwerra. Sakemm tkompli għaddejja l-gwerra, dawn in-numri qed ikomplu jiżdiedu ta' kuljum. L-għoti ta' tweġibiet lil kull membru tal-familja li jkun irrapporta tifel jew tifla bħala nieqsa, mill-esperjenza ta' organizzazzjonijiet oħra ta' tfal neqsin bi gwerra u diżastri, jista' jieħu ħafna snin u se jinkludi proċeduri robusti ta' traċċar tal-familja għal kull tifel Ukren mhux akkumpanjat fl-Ewropa u kull orfni tal-gwerra kif ukoll kooperazzjoni mal-Kumitat Internazzjonali dwar Persuni Nieqsa li se janalizza l-fdalijiet mhux identifikati.

Proċeduri u għodod robusti u rapidi għall-ġestjoni ta' każijiet transfruntiera madwar l-Ewropa huma essenzjali peress li n-nies jistgħu jiċċaqalqu liberament fit-territorju tal-UE u taż-ŻEE. Missing Children Europe – il-Federazzjoni Ewropea għat-Tfal Nieqsa u Sfruttati Sesswalment – qed tistenna li l-għadd ta' minorenni mhux akkumpanjati li għebu fl-UE jikber malajr hekk kif tkompli l-gwerra, peress li qed jiġu attakkati aktar territorji, u aktar tfal jispiċċaw orfni minħabba l-gwerra.

F'dawn iċ-ċirkostanzi severi, l-organizzazzjoni Ukrena għat-tfal neqsin (membru ta' Missing Children Europe) qed titħabat biex tkun ta' appoġġ għall-ġenituri u t-tfal, mingħajr m'għandha aċċess għall-uffiċċji tagħha, u tiddependi biss fuq l-użu ta' apparat mobbli, kont tal-posta elettronika, u l-media soċjali. Il-komunikazzjoni mal-pajjiżi ġirien, bħall-Polonja jew ir-Rumanija, hija diffiċli u l-informazzjoni tista' faċilment tintilef, titpoġġa ħażin jew tkun suxxettibbli għal żball uman. F'din il-kriżi, il-ħtieġa għal sistema ta' ġestjoni tal-każijiet li tista' tittratta informazzjoni transfruntiera dwar tfal Ukreni neqsin hija ferm evidenti. Għalkemm l-organizzazzjonijiet

tat-tfal neqsin għandhom għadd ta' għodod u mezzi ta' komunikazzjoni disponibbli, dawn huma limitati għal każijiet lokali, li l-maġġoranza l-kbira tagħhom huma adolexxenti. L-hotlines bin-numru 32 116000, li ħafna minnhom huma membri ta' Missing Children Europe, huma neqsin minn għodda li tappoġġa l-kooperazzjoni u l-iskambju transfruntier rapidu ta' informazzjoni dwar tfal mhux akkumpanjati nieqsa permezz ta' pjattaforma komuni li tagħti valur kbir lis-sigurtà u l-privatezza tad-data.

Is-sistema proposta għal Missing Children Europe għall-Ukrajna se tingrana s-setgħa tat-teknoloġija li tippermetti li l-każijiet transfruntiera ta' tfal neqsin jiġu solvuti, permezz ta' kollaborazzjoni organizzattiva, kemm jista' jkun f'waqtha u b'mod effiċjenti. Din l-azzjoni pilota tisfrutta s-sejbiet tar-riċerka u l-għarfien tekniku miksub mill-proġett ta' riċerka Orizzont 2020 iffinanzjat mill-UE "ChildRescue" (ftehim ta' għotja Nru 780938), li jistabbilixxi l-funzjonalitajiet u s-servizzi meħtieġa li jistgħu jlaħħqu ma' każijiet transfruntiera fi żminijiet ta' bżonn iddisprat.

L-implimentazzjoni proposta se tipprovdi ambjent sigur ta' pjattaforma web, mibni fuq il-prototip bażiku żviluppat fil-qafas tal-inizjattiva H2020 imsemmija hawn fuq, biex jiġu koperti l-ħtiġijiet speċifiċi identifikati minn Missing Children Europe u l-organizzazzjoni ta' rispons tagħha fl-Ukrajna:

- ir-rappurtar tal-inċidenzi ta' tfal Ukreni neqsin u l-ġestjoni ta' każijiet lokali u transfruntiera bl-involviment ta' organizzazzjonijiet awtorizzati madwar l-Ewropa kollha;
- il-kondiviżjoni sigura ta' każijiet transfruntiera fost l-organizzazzjonijiet involuti, peress li t-tfal neqsin mill-Ukrajna jistgħu jkunu kullimkien fl-Ewropa (mhux dejjem skont ir-rieda tagħha stess);
- trasferiment ta' bażi ta' data eżistenti dwar każijiet transfruntiera għall-pjattaforma unifikata;
- tqabbil intelliġenti ta' każijiet Ukreni ta' tfal neqsin ibbażati fuq tekniki avvanzati ta' Tagħlim Awtomatiku;
- integrazzjoni bla xkiel mas-sit web www.missingchildrenukraine.eu fi 3 lingwi (EN, UA, RU), inkluża l-formola ta' rapportar għal każijiet ġodda (riċeviment) u funzjoni biex isiru appelli pubbliċitarji fil-forma ta' posters online dwar każijiet transfruntiera inkwetanti ta' tfal neqsin;
- ħolqien awtomatiku ta' posters għall-appell pubbliċitarju stampat.

Barra minn hekk, fil-qafas tal-proġett pilota propost, se jiġu żviluppati żewġ għodod oħra:

- applikazzjonijiet mobbli privati (għal Android u iOS) għal aċċess u kontroll faċli tal-pjattaforma Missing Children Tracker permezz ta' apparat mobbli, li jipprovdu lill-utenti awtorizzati tal-organizzazzjonijiet ta' rispons uffiċjali, madwar l-Ewropa kollha, notifikati diretti ta' spinta għal inċidenti/aġġornamenti relatati ma' każijiet ta' tfal neqsin li, abbażi ta' informazzjoni u/jew ir-risultati tal-algoritmi ta' tqabbil intelliġenti tal-pjattaforma, jistgħu jkunu lokalizzati f'pajjiżhom;

- bot intelliġenti (ibbażat ukoll fuq l-IA) imfassal b'mod speċjali għall-media soċjali li permezz tiegħu każ ġdid ta' tfal neqsin jista' jiġi rrapportat mill-familja Ukreni. Bħalissa Facebook Messenger huwa l-mezz ewlieni ta' komunikazzjoni użat miċ-ċittadini Ukreni biex jikkuntattjaw lill-organizzazzjoni Ukrena ta' rispons għat-tfal neqsin. Il-proċess kollu għar-rappurtar ta' każ huwa bbażat biss fuq l-iskambju ta' messaġġi, appoġġat minn ftit voluntiera li qed jesperjenzaw diffikultajiet biex jittrattaw b'mod sħiħ it-tunnellati ta' informazzjoni dwar każijiet ta' tfal neqsin riċevuti permezz ta' Messenger. L-ambitu tal-bot huwa li jawtomatizza l-proċess kollu għar-rappurtar ta' għajbien, jistaqsi u jikseb tveġibiet għal mistoqsijiet speċifiċi b'mod intelliġenti u joħloq każijiet ġodda fil-bażi tad-data marbuta ma' kwalunkwe evidenza disponibbli (stampi, dokumenti legali eċċ), li jippermetti lill-manigġers tal-każijiet Ukreni jiffokaw fuq il-ġestjoni tal-każijiet minflok ma jdaħħlu u jqabblu d-data riċevuta permezz taċ-chat;

Il-proġett pilota propost mhux biss se jkollu impatt pożittiv immedjat fuq il-kriżi umanitarja tal-Ukrajna iżda jista' jstabilixxi wkoll il-bażi għall-organizzazzjonijiet kollha tat-tfal neqsin taħt il-kappa ta' Missing Children Europe, li għandhom jitħejjew għal kwalunkwe emerġenza multinazzjonali futura ta' daqs u natura simili. Barra minn hekk, il-proċeduri u l-għodod ta' ġestjoni tal-każijiet li għandhom jiġu stabbiliti għall-minorenni Ukreni mhux akkumpanjati fil-qafas tal-proġett pilota propost, jistgħu faċilment jiġu estiżi fil-futur għall-minorenni mhux akkumpanjati kollha neqsin fl-UE peress li nafu li aktar minn 18 000 minorenni għebu bejn l-2018 u l-2021 u aktar u aktar minnhom huma rrapportati wkoll lin-network 116000 (Hotline Ewropea għal Tfal Nieqsa) madwar l-Ewropa.

Ir-risultati ta' dan il-proġett pilota jistgħu jkunu ta' assistenza f'avvenimenti simili għal għadd kbir ta' pajjiżi tal-UE, u għal organizzazzjonijiet li jfittxu tfal rifuġjati neqsin madwar l-Ewropa u wkoll biex jgħaqqdu u jiproteġu lit-tfal jew saħansitra lin-nisa/ommijiet billi javżaw perjodikament dwar il-pożizzjoni/il-post sikur tagħhom. Se jkun hemm possibbiltà miżjuda li din l-app tintuża bħala buttuna sikura għall-ommijiet/in-nisa.

1. Dan il-proġett pilota attwali jista' jibni fuq is-suċċess tal-proġett ta' salvataġġ tat-tfal, li jmexxi bażi tad-data speċifika ta' każijiet ta' tfal neqsin (kemm attivi kif ukoll passati), filwaqt li jżomm informazzjoni u data

dettaljata għal kull każ, kif ukoll ta' għodda intelliġenti li tista' tikklassifika (abbażi tal-analiżi tad-data disponibbli ta' kull każ attiv u mudell intelliġenti li jaqbel ma' każijiet tal-passat li jieħdu vantaġġ mill-mudelli ta' Tagħlim Awtomatiku) l-għajbien tat-tfal, eż. maħruba/abbandunati, ħtif mhux mill-familja, ħtif mill-familja, interferenza ta' kustodja, mitlufa u għajbien involontarju. Il-pjattaforma tat-tfal tista' tiġi personalizzata, imsaħħa u aġġornata biex tkun stabbilita u tiffunzjona biex tittratta l-każijiet ta' tfal neqsin bħala riżultat tal-gwerra fl-Ukrajna.

Hemm diversi komponenti tal-proġett ta' salvataġġ tat-tfal, li wrew li kellhom suċċess kbir u li jistgħu jerġgħu jintużaw u jiġu adattati mill-ġdid biex ikopru l-kamp ta' applikazzjoni u l-oġġettivi tal-proposta attwali.

Fi kliem ieħor:

L-app ChildRescue għall-apparati mobbli tista' faċilment tiġi aġġornata sabiex mhux biss tibgħat notifikati iżda wkoll tiġbor id-data meħtieġa għal każijiet ġodda u taġixxi bħala għodda ta' komunikazzjoni sikura u sigura bejn il-persuni li jirrapportaw l-għajbien, l-organizzazzjonijiet volontarji fl-Ukrajna li jappoġġaw l-inizjattiva u l-organizzazzjonijiet ta' rispons ta' Missing Children Europe, kemm fl-Ukrajna kif ukoll fil-pajjiżi ġirien.

Il-pjattaforma ewlenija ChildRescue tista' tissaħħaħ sabiex tappoġġa l-kollaborazzjoni transfruntiera, li tippermetti li l-informazzjoni dwar każijiet Ukreni ta' tfal neqsin mhux biss tkun aċċessibbli iżda wkoll tiġi arrikkita aktar minn organizzazzjonijiet f'pajjiżi oħra (fejn it-tfal jistgħu potenzjalment jinstabu) u permezz ta' Missing Children Europe direttament. Dan japplika wkoll għall-bażi tad-data tar-rifuġjati tfal mhux akkumpanjati inkorporata fil-pjattaforma.

Il-modulu tal-ġestjoni tad-data ta' ChildRescue jista' jiġi adattat faċilment sabiex jikkomunika u jiskambja informazzjoni ma' pjattaforma antika tal-organizzazzjoni Ukrena ta' rispons għat-tfal neqsin, peress li din il-pjattaforma tista' tikseb data utli għal każijiet attivi u tal-passat.

Il-magna AI/ML ta' ChildRescue: Il-magna għandha tissaħħaħ minn żewġ lati: (i) tkun kapaċi tqabbel każijiet ta' minorenni misjuba f'pajjiżi differenti ma' rekords ta' tfal neqsin, (ii) tkun kapaċi tidentifika tendenzi bbażati fuq data eżistenti u tipprovdi dettalji jew tbassar fejn jistgħu jinstabu daww it-tfal li qasmu l-Ukrajna (abbażi ta' tfal oħrajn b'karatteristiċi simili diġà misjuba).

2. Kooperazzjoni/interazzjoni ma' għodod/inizjattivi eżistenti oħra fil-livell tal-UE

Abbażi tal-informazzjoni pprovduta minn Missing Children Europe, l-unika għodda operattiva eżistenti (minbarra ChildRescue) li hija relatata mal-proġett propost hija sistema tas-CRM ta' legat ġestita minn Missing Children Europe li l-membri tal-organizzazzjoni f'pajjiżi oħra jistgħu jaċċessaw. Madankollu, il-funzjonalitajiet tas-sistema huma limitati għal dawk li tiddaħħal xi data għal kull każ mingħajr ma jkollhom l-ebda waħda mill-karatteristiċi tas-Salvataġġ tat-tfal jew tas-soluzzjoni ppreżentata fil-proposta tal-proġett. Barra minn hekk, peress li mhijiex sistema ta' CRM miftuħa, ma hemm l-ebda kapaċità li wieħed jibni fuqha. Madankollu, se jiġi implimentat pont sabiex tinkiseb data mis-CRM sabiex kwalunkwe informazzjoni li tkun diġà ddaħħlet tkun aċċessibbli u disponibbli fil-pjattaforma l-ġdida. In-nuqqas ta' għodod oħra huwa r-raġuni għaliex Missing Children Europe u n-network kollu tal-116000 iquisu li huwa biss billi jittieħed vantaġġ mill-għodod eżistenti ta' ChildRescue tiġi żviluppata soluzzjoni sħiħa kif deskritta fil-proposta b'mod rapidu u effiċjenti peress li l-gwerra għadha għaddejja u ż-żmien qed jitfa' pressjoni.

3. Sensittività għall-ħin:

Is-sħab tekniċi li żviluppaw il-komponenti ta' ChildRescue għandhom għarfien sod tal-karatteristiċi tal-pjattaforma li trid tiġi aġġornata, kif ukoll l-esperjenza miksuba permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fid-dimostraturi ta' ChildRescue. Sabiex jiġu żviluppati moduli ġodda għall-kopertura tal-karatteristiċi deskritti fil-proposta tal-proġett li mhumiex ibbażati direttament fuq is-Salvataġġ tat-tfal, iż-żmien meħtieġ għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-ewwel verżjoni ta' ħidma tal-parti ewlenija tas-soluzzjoni huwa ta' mhux aktar minn xahrejn. Dan se jinkludi l-involviment tat-tim kollu tal-iżvilupp involut fis-Salvataġġ tat-tfal, kif ukoll esperti minn Missing Children Europe li jipprovdu konsultazzjoni u pariri għal kull karatteristika individwali.

Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

Partita PP 01 23 05 — Proġett pilota — Operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ għas-settur tal-avjazzjoni u għas-settur marittimu

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				2 000 000	1 000 000			2 000 000	500 000

Kummenti:

Waħda mill-funzjonijiet speċifiċi ta' Galileo hija t-tfittxija u s-salvataġġ. Is-servizzi ta' tfittxija u salvataġġ qegħdin jiġu żviluppati kontinwament bl-objettiv li n-nies f'diffikultà jiġu assistiti iżda l-użu tagħhom għandu jiġi estiż għal aktar każijiet fl-UE fid-dawl tas-sitwazzjoni ġeopolitika attwali. Dan jista' jsir billi jinsilet vantaġġ mit-teknoloġiji emerġenti li jwasslu għall-proċessi diġitali u aktar sikuri. L-operazzjonijiet avanzati ta' tfittxija u salvataġġ se jifih u opportunitajiet kummerċjali ġodda, kif ukoll joħlqu problemi ġodda, li jappoġġaw l-isfidi ta' diġitalizzazzjoni, sostenibbiltà u reżiljenza tal-UE.

Il-proġett għandu jikkonċentra fuq:

- il-konsolidament tal-kunċett ta' operazzjonijiet u l-pożizzjonament tal-bżonnijiet ta' prestazzjoni għat-tfittxija u salvataġġ;
- l-identifikazzjoni tal-isfidi ewlenin li jridu jingħelbu biex jiġi żgurat tħaddim sikur u pożizzjonament reżiljenti;
- l-identifikazzjoni u l-analiżi tal-ostakli tekniċi u regolatorji (eż. in-nuqqas ta' standards u regolamentazzjoni), il-katina tal-valur tas-settur u l-mudelli ekonomiċi l-ġodda li jistgħu jinbtu;
- l-identifikazzjoni tal-azzjonijiet possibbli fil-livell tal-Istati Membri, reġjonali u lokali biex tingħata spinta lill-iżvilupp tan-negozju, u jiġu appoġġati l-SMEs biex jipprovdu soluzzjonijiet ibbażati fuq l-ispazju tal-UE bil-għan li joffru soluzzjonijiet aktar sikuri għall-flotot tal-UE (kemm tal-ajru jew ukoll marittima);
- l-iżvilupp ta' prototipi ta' tagħmir abbord li juża sinjali ta' Galileo biex jindirizza l-ħtiġijiet ewlenin mhux koperti s'issa minn tagħmir eżistenti, b'enfasi fuq l-użu tas-servizzi ta' tfittxija u salvataġġ Galileo. Il-prototipi ta' tagħmir żviluppati fi ħdan dan il-proġett pilota għandhom ikunu bbażati, meta jkunu disponibbli, fuq komponenti kummerċjali eżistenti kummerċjalment disponibbli;

- l-implimentazzjoni ta' diversi dimostrazzjonijiet għall-inġenji tal-ajru kummerċjali u għall-bastimenti tas-sajd. L-għan huwa li jintwerew il-fattibbiltà u l-valur miżjud għas-settur, permezz tal-konvalida tal-kunċett operattiv bil-parteċipazzjoni tal-utenti tal-avjazzjoni u marittimi u tal-awtoritajiet kompetenti minn diversi pajjiżi. L-inġenji tal-ajru u l-bastimenti fid-dimostrazzjoni għandhom jiġu mgħammra b'tal-anqas prototip ta' sinjal ta' dawl bil-kapaċità li jiġi attivat mill-bogħod bl-użu ta' sinjali Galileo u l-messaġġi speċifiċi kodifikati.

Barra minn hekk:

- il-kontribut għall-abbozzar ta' standards ġodda li jiddefinixxu 1) ir-rekwiżiti operattivi minimi għal sinjal ta' dawl ta' tfittxija u salvataġġ ta' 406MHz f'inġenji tal-ajru kummerċjali (ELT-DT) u f'bastiment tas-sajd (EPIRBS) biex ikollhom il-kapaċità li jiġu attivitati mill-bogħod u 2) it-testijiet neċessarji meħtieġa għall-verifika tal-konformità tal-prestazzjonijiet bħala appoġġ għall-inizjattivi regolatorji futuri fl-Ewropa;

- parteċipazzjoni fi gruppi ta' ħidma eżistenti li jindirizzaw soluzzjonijiet għas-sinjali ta' dawl ta' tfittxija u salvataġġ, inklużi pjattaformi pubbliċi/privati differenti u b'intervisti ta' partijiet ikkonċernati industrijali ewlenin, bħal operaturi ta' inġenji tal-ajru, assoċjazzjonijiet ta' bastimenti tas-sajd, operaturi tat-trasport marittimu u awtoritajiet tal-avjazzjoni u marittimi rilevanti oħra fil-qasam tat-tfittxija u s-salvataġġ;

- il-konsolidament tar-rekwiżiti tal-utenti u d-definizzjoni ta-rekwiżiti tat-tagħmir (sinjali ta' dawl).

[1] SAR Galileo Service Definition Document. <https://www.gsc-europa.eu/sites/default/files/sites/all/files/Galileo-SAR-SDD.pdf>

[2] ED-277 MASPS for Aircraft Emergency Locator Transmitter Remote Command via Return Link Service. <https://eshop.eurocae.net/eurocae-documents-and-reports/ed-277/#>

[3] ED-62B - MOPS for Aircraft Emergency Locator Transmitters 406 MHz. <https://eshop.eurocae.net/eurocae-documents-and-reports/ed-62b/>

Kummenti:

Cospas-Sarsat, l-organizzazzjoni internazzjonali għat-tfittxija u s-salvataġġ qiegħda tikkontribwixxi biex issalva madwar 2000 ruħ fis-sena, bħala medja. It-tagħmir użat (sinjal ta' dawl ta' 406MHz) jinkludi kapaċitajiet obligatorji bażiċi għat-trażmissjoni ta' messaġġi ta' allerta lis-satelliti li jittrażmettu mill-ġdid l-informazzjoni lill-infrastrutturi terrestri. Galileo diġà qiegħed jikkontribwixxi billi jipprovdi s-satelliti tiegħu għat-trażmissjoni

ta' messaġġi, dan jisejjah "forward link service" (ara [1]). Fuq l-infrastrutturi terrestri, il-lokalizzazzjoni tas-sinjal tad-dawl hija ddeterminata u l-forzi tat-tfittxija u salvataġġ huma attivati.

Illum Galileo joffri kapaċità fakultattiva, bl-objettiv primarju li jagħti konferma tar-riċevuta lis-sinjal attiv, l-hekk imsejjaħ "return link" (ara [1]).

Il-possibbiltà li jkun hemm kanal ta' komunikazzjoni mill-infrastrutturi Galileo lejn kwalunkwe sinjal ta' dawl fid-dinja se tippermetti funzjonalitajiet ġodda, u waħda mill-aktar rilevanti hija l-possibbiltà li sinjali jiġi attiv mill-bogħod mill-infrastrutturi terrestri f'każ ta' bżonn.

Sar xogħol preliminari fis-settur tal-avjazzjoni kummerċjali li jidher fil-pubblikazzjoni ta' standard ta' prestazzjoni minimu tas-sistema tal-avjazzjoni (EUROCAE ED-277 [2]), li jiddeskrivi l-proċeduri operattivi li għandhom jiġu stabbiliti biex issir din l-evoluzzjoni. Madankollu, għad m'hemmx stabbilit rekwiżit ta' prestazzjoni minimu għas-sinjali ta' dawl, li jista' jintuża bħala appoġġ għar-regolamentazzjoni tal-futur. Fil-fatt, l-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) li tipprevedi rekwiżiti għat-traċċar tal-inġenji tal-ajru tispjega li l-attivazzjoni mill-bogħod tas-sinjali ta' dawl teħtieġ żvilupp ulterjuri. L-istandard għas-sinjali ta' dawl tal-inġenji tal-ajru (EUROCAE ED-62B [3]) għadu ma jinkludix il-possibbiltà ta' attivazzjoni mill-bogħod.

Mill-banda l-oħra, l-attivazzjoni tas-sinjali ta' dawl mill-bogħod qiegħda tiġbed l-attenzjoni tal-komunità marittima speċjalment is-settur tal-bastimenti tas-sajd, li jara vantaġġi kbar f'dik li hi protezzjoni ulterjuri tal-ħajjiet tas-sajjieda.

Id-Data tal-Ispazju tal-UE li tiġi minn Galileo u minn EGNOS se tkun fattur fundamentali li jippermetti din it-trasformazzjoni billi tiffaċilita l-informazzjoni ta' pożizzjonament affidabbli u robusta meħtieġa għal attivitajiet ta' tfittxija u salvataġġ aktar rapidi. Galileo se joffri 1) kanal ta' komunikazzjoni biex tkun tista' ssir attivazzjoni tas-sinjali ta' dawl u 2) sinjali ta' kejl tad-distanza biex titjeb il-preċiżjoni tal-pożizzjoni meta mqabbel mal-GPS, it-tnejn jippermettu lokalizzazzjoni aktar rapida u aktar preċiża tal-persuna f'diffikultà. Is-sistema ta' awmentazzjoni bis-satellita (SBAS) (EGNOS fl-Ewropa) se toffri korrezzjonijiet addizzjonali biex titjeb il-preċiżjoni u l-integrità tal-interess għall-implimentazzjoni fis-sikurezza tal-proċess ta' salvataġġ, wara l-lokalizzazzjoni tad-diffikultà meħtieġa, ngħidu aħna, mill-operazzjonijiet ta' emerġenza tal-ħelikopters.

Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

Partita PP 01 23 06 — Proġett pilota — Premju għall-Intraprendituri Żgħażaġħ Ewropej — Il-Programm tal-UE għall-Aċċellerazzjoni u l-Investment għall-Imprendituri Żgħażaġħ

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				350 000	175 000			350 000	87 500

Kummenti:

L-intraprenditorija hija wieħed mill-valuri ewlenin tal-Unjoni Ewropea. L-imprendituri żgħażaġh, il-persuni li jħarsu 'l quddiem, u n-negozji ġodda huma s-sinsla u l-futur tal-innovazzjoni Ewropea. Il-Premju għall-Imprendituri Żgħażaġħ Ewropej (YEEA) għandu l-għan li jsir il-Programm tal-UE għall-Aċċellerazzjoni u l-Investment għall-imprendituri żgħażaġh mill-Ewropa kollha, filwaqt li jirrikonoxxi u jrawwem l-innovaturi eżistenti filwaqt li jipprovdi l-iżvilupp tal-ħiliet.

Il-YEEA hija prevista bħala proġett annwali, appoġġat kemm mill-Parlament Ewropew kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea, flimkien ma' networks rilevanti, bħal Business Angels Europe, il-Fond Ewropew għall-Angels, EBAN, EE-HUB, Erasmus għal Imprendituri Żgħażaġħ, CEA-PME, EMEN u WEgate, fost partijiet ikkonċernati oħra. Fil-Parlament Ewropew, il-YEEA se tkun appoġġata minn Eva Kaili, Viċi President tal-Parlament Ewropew u President tal-UE40, u ospitat u organizzat taħt il-kappa tal-UE40, in-network tal-Membri Żgħażaġħ tal-Parlament Ewropew.

L-għan huwa li 100 imprenditur żagħżuġh u żagħżuġha japplikaw għall-Programm ta' Aċċellerazzjoni u Investment taż-Żgħażaġħ kull sena. Il-YEEA se tipprovdi "punt uniku ta' servizz" għall-fondi tal-UE (il-Kummissjoni Ewropea, il-Bank Ewropew tal-Investment, il-fond ta' tnedija tal-UE) u l-investituri privati. Barra minn hekk, l-aqwa 10 imprendituri żgħażaġh jibbenefikaw kull sena minn mentoring imfassal apposta minn konsulenti u/jew kumpaniji magħrufa, li joffru l-għarfien tagħhom bħala kontribuzzjoni in natura għall-

programm. B'hekk, il-YEEA tkun tikkostitwixxi bord ta' sondaġġ għall-ilħna tal-innovaturi u l-intraprendituri żgħażaġh.

Il-Membri żgħażaġh tal-Parlament tan-network tal-UE40 se jkollhom rwol ċentrali fir-reklamar tal-premju u l-aċċeleratur madwar l-Ewropa u fi ħdan il-kostitwenzi tagħhom biex jiżguraw li s-sejħa pubblika lill-impredituri żgħażaġh tkun mifruxa u aċċessibbli kemm jista' jkun. Il-MPE żgħażaġh se jkunu promoturi tal-inizjattiva u l-messaġġ tagħha, u se jkollhom rwol kruċjali fil-komunikazzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni politika u l-iżvilupp tal-kompetizzjoni. Il-Parlament Ewropew jista' jospita avveniment annwali ("Jiem ta' Investiment") biex jippromwovi u jagħti l-premju.

Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

Artikolu PP 02 23 — 2023

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				4 125 000	2 062 500			4 125 000	1 031 250

Partita PP 02 23 01 — Proġett pilota — Spazju għall-Metavers

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				800 000	400 000			800 000	200 000

Kummenti:

Il-metavers huwa l-konverġenza ta' ideat li issa ilhom jeżistu għal xi snin: ir-realtà virtwali (VR), ir-realtà awmentata (AR), u t-teknoloġija blockchain. Il-metavers jimplika network ta' ambjenti virtwali aċċessati permezz ta' apparati differenti fejn l-utenti jistgħu jinteraġixxu, jissoċjalizzaw, jaħdmu, jilagħbu u jikkunsmaw f'ambjent diġitali immersiv li jirrifletti ħafna mid-drawwiet tagħna fid-dinja reali.

Filwaqt li l-KE qed tikkunsidra bir-reqqa r-regolamentazzjoni tal-metavers, l-għarfien ġenerali ta' x'tinvolvi din it-teknoloġija emerġenti għadu limitat ħafna jew lil hinn mill-komprensjoni medja għas-soċjetà kollha kemm hi, u għal dawk li jfasslu l-politika u l-impjegati taċ-ċivil fl-istituzzjonijiet Ewropej b'mod partikolari. Madankollu, huma jehtgħilhom jilleġiżlaw dwar din id-dinja diġitali li qed tevolvi, fost oqsma oħra, fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet fundamentali, il-protezzjoni tad-data, il-privatezza, kif ukoll il-livell ta' responsabbiltà tal-individwi meta jaġixxu fl-isfera virtwali. X'inhum l-metavers, kif jopera, x'esperjenzi ta' VR jista' joffri, x'inhuma l-implikazzjonijiet potenzjali tal-użu tiegħu u l-attivitajiet imwettqa f'dak l-ambjent, eċċ., huma mistoqsijiet li t-tweġibiet tagħhom għadhom vagi, tal-anqas, għall-maġġoranza.

Dan il-proġett pilota jippermetti jew joħloq spazju għall-metavers fi ħdan korp tal-istituzzjonijiet Ewropej b'involverment leġiżlattiv determinanti biex iqarreb il-fenomeni lejn l-istituzzjonijiet tal-UE, jagħmlu aċċessibbli biex wieħed jifhem aħjar ir-riperkussjonijiet ta' din id-dinja diġitali futuristika, u biex iżid l-għarfien tiegħu għal leġiżlazzjoni aħjar dwaru, meta jasal iż-żmien.

L-ispazju għall-metavers fl-istituzzjonijiet Ewropej ikun miftuħ għal interazzjonijiet ma' gruppi ta' ħidma, professjonisti, gruppi ta' riflessjoni, esperti tat-teknoloġija, xjentisti, ġuristi, psikologi soċjali, regolaturi tal-istat, u uffiċjali eletti - u r-riflessjonijiet tagħhom jikkontribwixxu biex jiġi elaborat qafas regolatorju eventwali dwar il-fenomeni tal-metavers.

Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

Partita PP 02 23 02 — Proġett pilota — Aċċess mingħajr monopolju għall-applikazzjonijiet tal-UE

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				500 000	250 000			500 000	125 000

Kummenti:

Ambjenti moderni ta' smartphone, tablet u (dejjem aktar) desktop stabbilixxew swieq, bħal Google Play Store jew Apple App Store, għall-installazzjoni u l-manutenzjoni tal-apps. Dawn il-postijiet tas-suq joffru apps konvenjenti u kkurati li jiġu akkost ta' ostaklu kbir għad-dħul fis-suq għal fornituri iżgħar u inqas għażla għall-konsumaturi. Każijiet reċenti ta' antitrust (AT.40437 Apple — App Store Practices (streaming ta' mużika)) enfasizzaw il-problema bl-app stores, u l-Kummissjoni pproponiet ir-regolament dwar l-Atti dwar is-Swieq Diġitali sabiex tinħoloq aktar kontestabbiltà fis-suq. Minkejja l-leġiżlazzjoni u l-każijiet tal-antitrust, l-istituzzjonijiet tal-UE nfushom ma joffrux lill-konsumaturi għażla ħielsa biex jużaw jew jitbiegħdu mis-swieq dominanti. Pereżempju l-apps kollha tal-android rilaxxati mill-Kummissjoni huma disponibbli biss fuq il-Google Play store (Events@EU, EUROSTAT myregion eċċ)(1).

Il-proġett pilota għandu l-għan li jestendi l-infrastruttura teknika tal-UE biex jiġu rilaxxati, miżmuma u promossi l-applikazzjonijiet tal-UE mingħajr ma tkompli tissaħħaħ il-pożizzjoni fis-suq tal-app stores tal-gwardjani. L-enfasi tal-proġett pilota tinkludi l-istituzzjonijiet tal-UE li jirrilaxxaw l-apps tagħhom fuq app stores alternattivi eżistenti, inkluż f-droid li għandha l-għan li tippromwovi apps rilaxxati taħt liċenzji b'sors miftuħ. Dan jinkludi wkoll ir-rilaxx tal-kodiċi sors tal-apps għan-nies biex jibnu l-apps waħedhom u biex jirrilaxxaw il-fajls APK għall-illowdjaw laterali mingħajr l-użu ta' app store. Din il-ħidma hija konsistenti mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021)8759 dwar il-liċenzjar b'sors miftuħ u l-użu mill-ġdid tas-software tal-Kummissjoni u għanijiet ta' politika ġenerali oħra tal-Kummissjoni u tal-Parlament.

(1)<https://play.google.com/store/apps/collection/cluster?clp=igNEChkKEzYxNzkzNzYxNTA1MDQ0MTc1NzIQCBgDEiUKH2V1LmV1cm9wYS5wdWJsaWNhdGlvbNlMucmVvcGVuZXUQARgDGAE%3D:S:ANO1ljKVNOM&gsr=CkeKA0QKGQoTNjE3OTM3NjE1MDUwNDQxNzU3MhAIGAMSJQofZXUuZXVyb3BhLnB1YmxpY2F0aW9ucy5yZW9wZW5ldRABGAMYAQ%3D%3D:S:ANO1ljJyeGM>

Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

Partita PP 02 23 03 — Proġett pilota — Żvilupp ta' studju biex tingħata spinta lill-intelliġenza artifiċjali ambjentalment sostenibbli fl-UE - IA Ekoloġika

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				425 000	212 500			425 000	106 250

Kummenti:

Fil-White Paper dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (IA) ippubblikata fi Frar 2020 mill-Kummissjoni Ewropea, is-sostenibbiltà ambjentali tissewma b'mod espliċitu bħala sfida għall-futur immedjat tal-Ewropa. Dan l-istudju jfittex li jallinja l-istrateġija Ewropea tal-IA u l-azzjonijiet tagħha mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, biex l-UE ssir waħda mir-reġjuni ewlenin fl-adozzjoni tal-aħjar prattiki fl-iżvilupp ta' mudelli sostenibbli tal-IA.

L-IA għandha potenzjal qawwi għal impatt ambjentali. Mil-lat pożittiv, l-IA u t-teknoloġiji analitiċi tad-data għandhom il-potenzjal li jaċċelleraw l-analiżi ta' volumi kbar ta' data, li jippermettu fehim aħjar tal-isfidi ambjentali u jipprovdu soluzzjonijiet għalihom. Dan se jipprovdi mekkaniżmi għal ippjanar ambjentali mtejjeb, teħid ta' deċiżjonijiet u monitoraġġ tat-theddid ambjentali. B'mod speċifiku, l-IA tista' tgħin biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija u tar-riżorsi, tiġi promossa d-dekarbonizzazzjoni u tingħata spinta lill-ekonomija ċirkolari. Aspett interessanti ieħor huwa l-użu tal-IA biex jiġu analizzati r-riżultati ta' esperimenti xjentifiċi tal-passat u biex l-esperimenti futuri jirnexxu aktar.

Mil-lat negattiv, l-IA toħloq ukoll għadd ta' theddidiet ambjentali. L-użu ta' soluzzjonijiet tal-ICT jammonta għal 5-9 % tal-konsum tal-elettriku madwar id-dinja, u jista' jilħaq 20 % sal-2030, skont ir-rapport tal-PE "The role of Artificial Intelligence in the European Green Deal" (Ir-rwol tal-Intelliġenza Artifiċjali fil-Patt Ekoloġiku Ewropew). Fil-prattika, dan irrappreżenta bejn 1,1 u 1,3 biljun tunnellata (Gt) ta' CO2 fl-2020. Barra minn hekk, l-istudju "Etika għall-adozzjoni sostenibbli tal-IA li tgħaqqad l-IA u l-ESG" wera li l-emissjonijiet tal-karbonju għat-taħriġ ta' mudell uniku għall-ipproċessar tal-lingwa naturali kien ekwivalenti għal 125 titjira bir-ritorn bejn New York u Beijing. B'referenza speċifika għall-użu tal-IA, xi artikli xjentifiċi dwar l-impatt ambjentali tagħha jiddifferenzjaw bejn l-IA ħamra, jew l-IA intensiva fl-enerġija, u l-IA ekoloġika, imfassla skont il-parametri tal-effiċjenza enerġetika. Bħala eżempju, ta' min jinnota li r-riżorsi tal-computing meħtieġa għat-taħriġ tal-mudelli tal-IA ilhom jirduppjaw kull 3,4 xhur mill-2012, hekk kif qed jiġu mfittxija mudelli aktar preċiżi. Il-fatturi li jixprunaw din iż-żieda fil-konsum jistgħu jinġabru fil-qosor fi tlieta: il-kost tat-tħaddim

ta' mudell tal-IA fiżolament, id-daqs tas-sett tad-data għat-taħriġ u l-għadd ta' esperimenti iperparametriċi mwettqa.

Il-qasam ta' prijorità 2021 tal-Pjan Ikkoordinat dwar l-Intelliġenza Artifiċjali "Bring AI in play for climate and environment" (Nużaw l-IA għall-klima u l-ambjent) jinkludi azzjonijiet li għandhom l-għan li javvanzaw IA aktar ekoloġika. Dawn l-azzjonijiet jinkludu l-appoġġ għar-riċerka dwar it-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija tal-IA permezz tal-programm Orizzont Ewropa; u l-iżvilupp ta' proċessuri b'konsum baxx tal-enerġija għall-applikazzjonijiet tal-IA permezz ta' Orizzont Ewropa u s-Sħubija Ewropea istituzzjonalizzata dwar it-Teknoloġiji Diġitali Ewlenin. Madankollu, il-Pjan Ikkoordinat ma jiffukax fuq l-inċentivar tal-iżviluppaturi biex jużaw IA ekoloġika.

F'dan il-kuntest, dan il-proġett pilota għandu l-għan li jwettaq studju biex jiddefinixxi elementi li jinċentivaw lill-iżviluppaturi tal-IA biex jaqilbu minn IA intensiva fl-enerġija għal IA ambjentalment sostenibbli - IA ekoloġika - li jipromwovi proċeduri għal effiċjenza aħjar u li jindika l-impronta tal-karbonju ta' sistema tal-IA, inkluż l-esplorazzjoni ta' "immarkar tal-effiċjenza enerġetika u tal-intensità tal-karbonju" u "tikketta tal-IA ekoloġika". B'dan il-mod, dan l-istudju se jikkontribwixxi biex jifforma l-biċċa l-kbira tal-attivitajiet meħtieġa għall-ekoloġizzazzjoni tal-IA sabiex ikun jista' jservi bħala bażi għal programm ta' algoritmi ekoloġiċi Ewropej potenzjali jew għal kwalunkwe leġiżlazzjoni dwar l-IA ekoloġika li tista' tiġi kkunsidrata fil-futur. Il-proposta għal Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali ma tinkludi l-ebda inċentiv jew obbligu biex jiġi kkalkulat u ssimulat l-impatt ambjentali tas-sistemi tal-IA, għalhekk dan l-istudju ma jkun qed jikkoinċidi mal-ebda azzjoni, programm jew liġi eżistenti attwali.

Implimentazzjoni

L-attivitajiet ewlenin tal-istudju jiffukaw fuq l-identifikazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri ta' soluzzjonijiet mhux teknoloġiċi biex jittaffa l-impatt ambjentali li jirriżulta mill-użu ta' soluzzjonijiet tal-IA, bħall-iżvilupp ta' proċeduri tal-aħjar prattika, għodod u l-bażi ta' għarfien meħtieġa biex tiġi indirizzata din l-isfida.

B'mod speċifiku, peress li l-konsum tal-enerġija u l-intensità tal-karbonju tas-sistemi tal-IA qed jitfaċċaw bħala l-problema ambjentali ewlenija, huma previsti l-attivitajiet li ġejjin sabiex l-iżviluppaturi/il-fornituri jiġu inċentivati jibdlu:

– L-identifikazzjoni tal-aħjar prattiki u l-ġenerazzjoni ta' repożitorju li jinkludi eżempji ta' disinn u applikazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija li jistgħu jservu bħala prattiki tajba għan-negozji.

— Abbażi ta' dan, l-iżvilupp ta' linji gwida u metodoloġija għal algoritmi effiċjenti, li jinkludu l-aħjar data identifikata u mudelli mħarrġa minn qabel mill-perspettiva tar-razzjonalizzazzjoni tal-attività ta' taħriġ. L-objettiv huwa li jiġu identifikati mudelli li jnaqqsu l-konsum tal-enerġija billi jiġi bbilanċjat il-volum ta' data meħtieġa biex jitħarreġ mudell, l-ammont ta' ħin biex jitħarreġ u l-għadd ta' iterazzjonijiet biex jiġu ottimizzati l-parametri tagħha, u b'hekk titnaqqas l-intensità tal-karbonju tagħha. Minħabba l-fatt li bħalissa ma hemm l-ebda metodoloġija biex jiġi kkalkulat u ssimulat l-impatt ambjentali tas-sistemi jew tal-algoritmi tal-IA, dan l-istudju jistabbilixxi l-bażi għall-iżvilupp tagħhom u jħeġġeġ l-introduzzjoni tagħha.

– L-iżvilupp ta' "immarkar tal-effiċjenza enerġetika u tal-intensità tal-karbonju" għas-sistemi tal-IA, jiġifieri, immarkar li permezz tiegħu żviluppatur/fornitur jista' jindika l-impronta tal-karbonju ta' sistema tal-IA kkalkulata billi jiġi stmat il-konsum tal-enerġija tat-taħriġ u l-eżekuzzjoni tal-algoritmi, inkluż l-iżvelar ta' informazzjoni dwar is-sors tal-enerġija u l-użu tal-enerġiji rinnovabbli. Dan l-immarkar ikun jeħtieġ id-definizzjoni ta' standards minimi u skala ta' effiċjenza, kif ukoll metodoloġija u proċedura għall-iżvelar tal-informazzjoni.

– Abbażi tal-"effiċjenza enerġetika u l-immarkar tal-intensità tal-karbonju", l-iżvilupp ta' "tikketta tal-IA ekoloġika", jiġifieri, tikketta li biha jiġu rikonossuti s-sistemi tal-IA inqas intensivi fil-karbonju u l-aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija u li tippromwovi t-tekniki u l-proċeduri użati għal effiċjenza aħjar.

– L-identifikazzjoni ta' soluzzjonijiet oħra li jinċentivaw bħala d-definizzjoni ta' indikaturi biex jitkejjel il-livell ta' sostenibbiltà tal-IA u l-użu tas-sostenibbiltà bħala kriterju ta' valutazzjoni fl-akkwist pubbliku.

– It-tfassil u l-implimentazzjoni ta' kampanja ta' disseminazzjoni biex jiġu enfasizzati r-riżultati miksuba bl-istudju, li se sservi biex titqajjem kuxjenza dwar il-potenzjal tal-użu tal-IA ekoloġika bħala vettur għas-sostenibbiltà ambjentali.

Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

Partita PP 02 23 04 — Proġett pilota — Żvilupp ta' għodod ta' interoperabbiltà fis-suq uniku diġitali

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				400 000	200 000			400 000	100 000

Kummenti:

L-internet iwassal għal tkabbir u innovazzjoni b'veloċitajiet bla preċedent. Iżda huwa fil-biċċa l-kbira minsi li wieħed mill-prinċipji arkitettoniċi oriġinali tiegħu kien l-interoperabbiltà. Servizzi bħall-Web u l-email huma bbażati fuq l-interoperabbiltà. Madankollu, illum, is-servizzi ta' sistema diversa u deċentralizzata bi standards miftuħa ġew sostitwiti b'"walled gardens" (ambjenti kkontrollati) b'utenti mwaħħlin minn għadd żgħir ta' kumpaniji, speċjalment fid-dawl tas-servizzi tal-messenger u tal-media soċjali. Dan il-proġett pilota jista' jservi bħala l-ewwel pass biex tiġi indirizzata din id-dominanza tas-suq u b'hekk jikkontribwixxi biex jintlaħqu kundizzjonijiet ekwi fis-settur diġitali b'appoġġ għall-SMEs Ewropej. L-għan ta' dan il-proġett pilota jkun li jiġu identifikati l-għażliet għall-interoperabbiltà, il-vantaġġi, l-isfidi u s-soluzzjonijiet tekniċi potenzjali għas-servizzi tal-messenger u tal-media soċjali bħala l-ewwel pass lejn l-iżvilupp ta' standards ta' interoperabbiltà miftuħa. L-att dwar is-Swieq Diġitali diġà jindirizza l-interoperabbiltà għas-servizzi ta' komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri fl-Artikolu 7 u jitlob lill-Kummissjoni tevalwa jekk il-kamp ta' applikazzjoni għandux jiġi estiż għas-servizzi ta' networking soċjali online. Dan il-proġett pilota jista' jikkontribwixxi għal tali evalwazzjoni u għalhekk, jista' joħloq aktar kompetizzjoni fejn servizzi u prodotti kompatibbli jistgħu jipplaggjaw f'sistemi mdawra b'"walled gardens" u b'hekk jippermettu lil aktar kumpaniji jikkompetu ma' gwardjani diġitali. Għalhekk, dan jikkontribwixxi għall-alternattivi Ewropej, l-awtonomija strateġika Ewropea u jrawwem is-sovranità diġitali Ewropea. Sabiex dawn l-għodod jirnexxu, element ċentrali jkun li jiġi ggarantit livell għoli ta' protezzjoni tad-data, trasparenza u għażla tal-utenti.

Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċizzjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

Partita PP 02 23 05 — Proġett pilota — Korp Ewropew għall-istandards tal-fjuwil tal-ġettijiet u ċ-
 ċertifikazzjoni tas-sikurezza

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				1 000 000	500 000			1 000 000	250 000

Kummenti:

L-għan ta' dan il-proġett pilota hu li jipromwovi s-supremazija u l-awtonomija Ewropea fl-istandards tal-fjuwil għall-avjazzjoni. Bħalissa, l-UE tistabbilixxi standards tal-fjuwil għal diversi modi ta' trasport għal raġunijiet ta' sikurezza u sostenibbiltà, iżda dan mhux il-każ fis-settur tal-avjazzjoni. Dan jippreżenta sfidi f'termini ta' żgurar u promozzjoni tal-interessi tal-UE inkluż fis-supremazija teknoloġika u s-sostenibbiltà, kif ukoll fl-ifforzi biex jiġu evitati ostakli fiċ-ċertifikazzjoni u jiġi żgurat li jinżamm l-interess pubbliku.

Sabiex ikun hemm konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-miri stabbiliti mil-Liġi Ewropea dwar il-Klima, anke fis-settur tat-trasport b'mod ġenerali u l-avjazzjoni b'mod partikolari, hija meħtieġa evoluzzjoni kostanti lejn it-tnaqqis tal-impatt klimatiku u ambjentali tal-fjuwils tal-ġettijiet eżistenti u futuri. Fil-fatt, il-kompożizzjoni tiegħu ikollha impatt dirett fuq l-ammont ta' emissjonijiet ta' CO₂ għal kull passiġġier kull kilometru iżda anke fuq emissjonijiet oħra, li l-impatt klimatiku tagħhom huwa stmat mill-EASA li huwa d-doppju ta' dak tal-emissjonijiet tas-CO₂ waħedhom. Filwaqt li l-SAFs, u b'mod aktar partikolari l-fjuwils sintetiċi, jgħinu biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ billi jissostitwixxu dejjem aktar il-fjuwil konvenzjonali, fil-proposta għal regolament dwar l-avjazzjoni ReFuelEU għadu previst li għal ħafna snin il-fjuwil fossili tal-ġettijiet se jibqa' jkollu l-akbar sehem fit-taħlita ta' fjuwils tal-avjazzjoni. U hija preċiżament il-preżenza ta' aromatiċi u kubrit fil-pitrolju li tikkawża impatti mhux tas-CO₂, u din trid tiġi indirizzata b'urġenza.

Waħda mir-restrizzjonijiet esperjenzati hija l-fatt li l-proċess ta' standardizzazzjoni attwali għall-fjuwil tal-ġettijiet iseħħ kważi esklużivament fi ħdan ASTM International, organizzazzjoni privata bbażata fl-Istati Uniti li tgawdi pożizzjoni kważi monopolistika. L-istatus quo attwali jirriskja li eventwalment idewwem u jxekkel l-iżvilupp rapidu u l-adozzjoni ta' opportunitajiet potenzjali ta' innovazzjoni fil-kompożizzjoni tal-fjuwil tal-ġettijiet, inklużi s-sikurezza, il-minimizzazzjoni tal-effetti mhux tas-CO₂, it-tniġġis u l-emissjonijiet tas-CO₂ mistennija fis-snin li ġejjin. Hemm bżonn li l-Unjoni tkun imħejjija bis-sħiħ biex ikollha l-awtonomija tagħha f'dan il-qasam, kif inhu l-każ f'ħafna setturi oħra, biex tkun tista' tkun minn tal-ewwel. Anke r-Renju

Unit għandu korp ta' standardizzazzjoni għall-fjuwils tal-avjazzjoni, fatt li jħalli l-UE waħedha f'dan ir-rigward u b'hekk idgħajjef l-awtonomija tagħha.

Għalhekk, fid-dawl tal-bidliet previsti fil-qasam tal-fjuwil tal-ġettijiet, inklużi r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni ulterjuri tal-SAFs li joħorġu mill-inizjattiva ReFuelEU Aviation, u minħabba l-bżonn li titrawwem l-innovazzjoni fil-qasam tal-emissjonijiet u t-tniġġis zero, huwa importanti li tiġi żgurata l-awtonomija strateġika tal-UE. Il-proġett pilota jkun l-ewwel pass biex jippermetti għodda utli li tipprovi l-istrutturi meħtieġa biex l-UE tiddeċiedi dwar standards u kriterji rigward il-fjuwils tal-avjazzjoni u l-kwalitajiet fit-taħlit. Aspett partikolari jkun li finalment isir progress fit-tnaqqis tal-limiti minimi għall-aromatiċi u l-kubrit, filwaqt li titrawwem l-evoluzzjoni fit-teknoloġiji tal-magni u titwitta t-triq biex il-ġettijiet joperaw bi fjuwils li jkunu komposti 100 % minn SAFs.

Minħabba l-implikazzjonijiet rilevanti tas-sikurezza għas-settur tal-avjazzjoni, ikun tajjeb li dan il-proġett pilota jesplora l-possibiltajiet u r-rekwiżiti għal entità bbażata fl-UE, u f'dan is-sens jidentifika liema rwol jista' jkollha l-EASA f'dan il-proċess.

Fl-aħħar nett, jidher evidenti li dan il-proġett pilota jappoġġja diversi objettivi tal-Unjoni, fosthom dawk tal-awtonomija strateġika, is-supremazija teknoloġika, l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, il-Patt Ekoloġiku tal-UE, il-Liġi Ewropea dwar il-Klima, l-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti, il-Programm tal-Avjazzjoni Sostenibbli tal-EASA, il-proposta għal regolament dwar l-avjazzjoni ReFuelEU li mistennija tiġi adottata fix-xhur li ġejjin, u diversi politiki tal-avjazzjoni u industrijali oħra. Barra minn hekk, jista' faċilment ifittex kollaborazzjoni ma' korpi u inizjattivi tal-avjazzjoni internazzjonali biex tiġi żgurata l-konsistenza u l-armonizzazzjoni fil-livell internazzjonali, mingħajr periklu għall-avjazzjoni internazzjonali, filwaqt li jipromwovi objettivi ta' sikurezza u sostenibbiltà akbar.

Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

Partita PP 02 23 06 — Proġett pilota — Proposta għal Approċċ Ewropew Konġunt lejn l-Iskart Radjuattiv

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				1 000 000	500 000			1 000 000	250 000

Kummenti:

L-invażjoni militari predatorja Russa mnedija fi Frar 2022 kontra l-istat sovrani tal-Ukrajna mhijiex biss attakk sfaċċat fuq l-istat tad-dritt u d-demokrazija iżda wkoll tfakkira li l-UE teħtieġ tinvesti fl-awtonomija strateġika tagħha. Sakemm l-UE ma jkollhiex sistema tal-enerġija reżiljenti, li tista' tiżgura biżżejjed is-sigurtà tal-provvista, se tibqa' vulnerabbli għal pressjonijiet ġeopolitiċi permezz ta' esportazzjonijiet tal-enerġija użata bħala armi.

L-enerġija nukleari hija akkreditata biżżejjed bħala sors ta' enerġija sigur, affidabbli u dekarbonizzata. Għalhekk naraw potenzjal għal rwol akbar tal-enerġija nukleari fit-taħlita tal-enerġija tagħna bħala sors tal-enerġija dekarbonizzata li jista' jnaqqas drastikament il-ħtieġa tagħna għall-importazzjonijiet u b'hekk isaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-UE.

Il-valutazzjoni teknika tal-enerġija nukleari mwettqa miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka fl-2021 ikkonfermat il-kunsens tekniku u xjentifiku wiesa' dwar formazzjonijiet ġeoloġiċi profondi bħala mod xieraq, sikur u fattibbli biex jintrema l-iskart radjuattiv tul perjodi ta' żmien twal ħafna. Barra minn hekk, il-proċeduri attwali ta' ħżin għal fjuwil nukleari użat u tipi oħra ta' skart intermedju u ta' livell għoli li jinfirxu faċilment ma kinux maħsuba biex ikunu sostenibbli fit-tul.

Barra minn hekk, l-abbozz tal-att delegat komplementari dwar l-inklużjoni tal-enerġija nukleari għat-tassonomija, kif propost mill-Kummissjoni, jiddikjara li l-Istati Membri jeħtieġ li jkollhom "pjan b'passi dettaljati biex, sal-2050, ikun hemm faċilità tar-rimi għall-iskart radjuattiv ta' livell għoli".

Il-qafas legali attwali dwar il-ġestjoni u l-vjeġġi tal-iskart nukleari għandu l-bażi tiegħu fit-Trattat EURATOM u huwa żviluppat aktar kemm permezz tad-Direttiva dwar l-iskart nukleari (2011/70/EURATOM) kif ukoll permezz tad-Direttiva dwar il-vjeġġi ta' skart radjuattiv (2006/117/EURATOM). Kif inhu bħalissa, l-iskart radjuattiv huwa kwistjoni nazzjonali u r-rimi tiegħu huwa kompetenza li taqa' esklussivament f'kull wieħed mill-Istati Membri. B'mod aktar speċifiku, id-Direttiva 2011/70/Euratom tirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu u jżommu qafas leġislattiv, regolatorju u organizzattiv nazzjonali (l-Artikolu 5) li jinkludi l-

adozzjoni ta' programm nazzjonali għall-ġestjoni ta' fjuwil użat u skart radjuattiv, li jkopri t-tipi kollha ta' fjuwil użat u skart radjuattiv taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu u l-istadji kollha tal-ġestjoni tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv mill-ġenerazzjoni sar-rimi (l-Artikolu 11).

Il-vjeġġi ta' skart radjuattiv lejn faċilità komuni ta' rimi fil-livell tal-UE jkunu soġġetti għar-regoli stabbiliti fil-Kapitolu 2 tad-Direttiva 2006/117/Euratom, li jittratta l-"vjeġġi intra-Komunitarji". Għandu jiġi enfasizzat ukoll li l-Kummissjoni waqqfet grupp ta' esperti dwar l-aspetti finanzjarji tal-back-end nukleari, inkluża faċilità ta' rimi ġeoloġiku fil-fond, biex tappoġġja lill-Kummissjoni fil-valutazzjoni tal-elementi ta' spejjeż, finanzjament u fondi ta' faċilitajiet bħal dawn. L-attivitajiet taħt dak il-programm ta' ħidma tal-grupp ta' esperti jenħteġ li jitqiesu bħala komplementari għal xi wħud mill-attivitajiet proposti taħt dan il-proġett.

Filwaqt li r-rimi ta' skart radjuattiv fi Stat Membru ieħor huwa permess, l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/70/Euratom jistipula li kull Stat Membru għandu jkollu r-responsabbiltà aħħarija għall-ġestjoni tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv iġġenerat fih. Il-possibbiltà tar-rimi ta' skart radjuattiv fi Stat Membru ieħor hija rregolata mill-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2011/70/Euratom, li jgħid hekk: "L-iskart radjuattiv għandu jintrema fl-Istat Membru fejn kien iġġenerat, sakemm fiż-żmien tal-vjeġġ ma jkunx daħal fis-seħħ ftehim [...] bejn l-Istat Membru kkonċernat u Stat Membru ieħor [...] biex tintuża faċilità tar-rimi f'wieħed minnhom". Tali ftehimiet għandhom b'hekk jiġu inklużi fil-programm nazzjonali, kif stipulat fl-Artikolu 12(1)(k), skont liema: "Il-programmi nazzjonali [...] għandhom jinkludu: [...] (k) jekk hemm, il-ftehim(iet) konkluż(i).

Fl-istess ħin, l-Istati Membri huma mħeġġa jippjanaw fit-tul u jinkludu repożitorji tal-iskart nukleari ġeoloġiċi profondi fil-pjanijiet nazzjonali rispettivi tagħhom.

Mil-lum, l-ebda pajjiż madwar id-dinja ma għandu repożitorju ġeoloġiku fil-fond għall-fjuwil nukleari użat li qed jopera. Bħalissa, il-Finlandja qed tibni wieħed u l-Iżvezja u Franza biss għandhom pjanijiet realistiċi għal repożitorji ġeoloġiċi fil-fond tal-iskart biex ikunu disponibbli kmieni fl-2030ijiet. Il-bqija tal-Istati Membri għad m'għandhomx tali kunċetti u għalhekk il-proġetti futuri possibbli xorta jdumu għexieren ta' snin biex isiru operazzjonali. Madankollu, il-pjanijiet ta' disinn Franċiż iqisu biss il-kapaċitajiet ta' rimi għal kwalunkwe skart radjuattiv Franċiż li jeżisti jew li huwa previst minn issa.

Filwaqt li l-impjanti tal-enerġija nukleari huma l-aktar ovvjji, ċertament mhumiex l-uniku sors ta' skart radjuattiv. L-industrija, l-isptarijiet u t-tagħmir mediku, iċ-ċentri ta' riċerka u l-universitajiet, kollha jipproduċu skart radjuattiv. Kull Stat Membru tal-UE, irrispettivament mill-fatt li jkollu l-enerġija nukleari fit-taħlita tal-enerġija tiegħu jew le, jipproduċi u jkollu jittratta xi tip ta' skart radjuattiv. Aħna nemmnu li l-isforzi finanzjarji

u ta' inġinerija enormi meħtieġa, minbarra l-perjodi ta' kostruzzjoni estremament twal, jagħmlu d-duplikazzjoni ta' diversi repożitorji ġeoloġiċi profondi mxerrda madwar l-UE tidher estremament ineffiċjenti.

Għalhekk, aħna nissuġġerixxu t-tnedija, f'kooperazzjoni mad-DĠ ENER, ta' proġett pilota (PP) u, jekk jirnexxi, kontinwazzjoni possibbli permezz ta' azzjoni preparatorja (AP). Dan il-proċess jista' jieħu l-forma ta' studju ta' fattibbiltà dwar repożitorju ġeoloġiku profond tal-iskart nukleari ta' użu komuni Ewropew imwettaq minn, pereżempju iżda mhux limitat għal, il-"Pjattaforma tat-Teknoloġija tal-Implimentazzjoni tar-Rimi Ġeoloġiku tal-Iskart Radjuattiv": l-għarfien maħluq mill-(IGD-TP) se jkun ta' rilevanza kbira.

L-għan ta' studju bħal dan ikun li jippermetti lil dawk li jfasslu l-politika jivvalutaw id-data inkwistjoni, jekk teknikament, finanzjarjament u f'termini ta' effiċjenza ġenerali, il-ġbir flimkien tar-riżorsi Ewropej biex jittrattaw l-iskart radjuattiv jagħmilx sens u jiddetermina jekk ikunx meħtieġ rieżami tal-leġiżlazzjoni attwali li tippermetti tali approċċ Ewropew konġunt għall-ġestjoni tal-iskart radjuattiv.

L-enfasi primarja għandha tkun fuq l-azzjonijiet abilitanti meħtieġa, b'mod partikolari sistema komuni ta' klassifikazzjoni tal-iskart radjuattiv fl-UE, segwita minn definizzjoni tal-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet, is-sjeda/titlu u l-obbligi finanzjarji bejn il-ġeneraturi tal-iskart, l-organizzazzjonijiet tal-ġestjoni tal-iskart u l-Istati Membri li jipparteċipaw fi proġett ta' repożitorju ġeoloġiku fil-fond reġjonali. Is-salvagwardji nukleari għandhom jitqiesu fil-bidu tal-analiżi flimkien mal-aspetti ta' sikurezza u sigurtà.

Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

Partita PP 03 22 04 — Proġett Pilota — Ir-rwol tal-liġijiet dwar id-drittijiet tal-awtur fl-iffaċilitar tal-edukazzjoni u r-riċerka mill-bogħod

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	700 000	350 000	p.m.	p.m.	700 000	175 000

Artikolu PP 03 23 — 2023

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				4 000 000	2 000 000			4 000 000	1 000 000

Partita PP 03 23 01 — Proġett pilota — Bini ta' Kapaċità għall-Ekosistema tat-Turiżmu – Aċċess għall-fondi tal-UE

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				3 000 000	1 500 000			3 000 000	750 000

Kummenti:

L-ekosistema tat-turiżmu hija rappreżentata fil-livell ta' 99,9 % minn SMEs u partijiet ikkonċernati żgħar oħra. Il-proporzjon ta' kumpaniji mikro u żgħar huwa partikolarment għoli fil-lukandi, il-bars u r-ristoranti, fejn ħafna sidien joperaw b'mod indipendenti jew taħt franchise minn gruppi kbar. Sfida komuni mqajma mill-komunità tat-turiżmu f'laqgħat differenti tat-Task Force dwar it-Turiżmu fil-Kumitat TRAN hija dik tal-aċċess għall-fondi tal-UE. Il-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati fit-turiżmu jemmnu fl-importanza li tinħoloq linja baġitarja xierqa għat-turiżmu, iżda sakemm din ma ssirx realtà, l-ekosistema trid titgħallem kif takkwista kompetenzi u għarfien biex tikseb aċċess għall-14-il programm differenti li għaddejjin bħalissa fil-qafas pluriennali.

Il-gwida li nħarġet dan l-aħħar dwar il-fondi tal-UE għat-turiżmu għandha l-għan li tgħin lill-ekosistema tat-turiżmu ssib opportunitajiet. Il-mistoqsija hi: kif tista' l-Unjoni tibni kapaċità biex il-komunità tat-turiżmu u partijiet oħra tal-ekosistema tat-turiżmu jiksbu aċċess għal dawk is-sejħiet differenti kollha? Dan hu l-aħħar pass biex il-mikrointrapriżi u l-SMEs jingħataw is-setgħa u biex l-ekosistema tat-turiżmu tkun konxja mill-fondi disponibbli, tikseb aċċess għalihom u ssib sħubijiet u konsorzji, l-aħjar prattiki u għodod oħra.

Mir-rapport speċjali tal-Qorti tal-Awdituri bit-titlu "Appoġġ mill-UE lit-turiżmu: Ħtieġa għal orjentazzjoni strateġika ġdida u approċċ ta' finanzjament aħjar" joħroġ li, matul il-qafas finanzjarju pluriennali preċedenti, l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni b'appoġġ għall-ekosistema tat-turiżmu tal-UE kienu parzjalment effettivi.

Il-perkors ta' tranżizzjoni għat-turiżmu enfasizza wkoll il-bżonn li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-fondi tal-UE, il-bżonn li tinbena l-kapaċità, l-appoġġ permezz ta' assistenza teknika u l-finanzjament biex jiġu ssodisfati dawn l-esiġenzi.

Fid-dawl ta' dan, il-proġett pilota għandu l-għan li:

- jiffaċilita l-aċċess għall-fondi tal-UE għall-intrapriżi tat-turiżmu u l-komunità tat-turiżmu b'mod ġenerali billi jiġu identifikati d-diffikultajiet u jinħolqu l-għodod xierqa biex jizjed is-sehem tal-ekosistema tat-turiżmu u tal-ivvjaġġar fl-użu totali tal-fondi, li jikkomplementa l-bażi tad-data eżistenti ta' proġetti ffinanzjati mill-UE;
- janalizza liema programmi tal-gwida huma xierqa għall-implimentazzjoni tal-miri tal-perkorsi ta' tranżizzjoni tat-turiżmu skont il-profil tal-partijiet ikkonċernati u l-maturità fl-ideat tal-proġetti;
- jiġbed l-attenzjoni għal prattiki tajbin ta' proġetti turistiċi ffinanzjati minn fondi tal-UE;
- jikkapitalizza fuq proġetti li rnexxew u oħrajn li ma rnexxewx: jistimula t-trasferiment u jevita d-duplikazzjoni;
- iressaq lill-intrapriżi u l-komunità tat-turiżmu flimkien għat-tisħiħ tan-networks eżistenti u javvicinathom lejn punti ta' kuntatt li jistgħu jgħinuhom;
- jiżviluppa linji gwida għall-kumpaniji u partijiet oħra tal-ekosistema tat-turiżmu dwar kif japplikaw b'suċċess għall-fondi tal-UE, fi djalogu mal-istrutturi eżistenti;
- jara liema proġetti ġew aġġudikati u kif tkun sejra l-implimentazzjoni, id fid mal-awtoritajiet maniġerjali.

L-oġġettivi ta' din il-proposta huma konformi mal-istrateġija għall-SMEs, l-istrateġija industrijali aġġornata u r-rapport dwar l-istabbiliment ta' strateġija tal-UE għal turiżmu sostenibbli. Il-ħsieb hu li tingħata aktar għajjnuna lill-SMEs u lil atturi oħra fl-ekosistema tat-turiżmu biex jiksbu aċċess għall-fondi tal-UE, filwaqt li jiġu ċċarati ċerti aspetti kumplessi.

L-informazzjoni ġġenerata minn din il-proposta tkun ta' valur miżjud sinifikanti utilizzabbli mill-amplifikaturi tal-informazzjoni istituzzjonali biex jimmassimizzaw is-sensibilizzazzjoni fl-UE kollha.

Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru

1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

Partita PP 03 23 02 — Proġett pilota — Network Ewropew ta' investituri konxji dwar kwistjonijiet ta' ġeneru

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				1 000 000	500 000			1 000 000	250 000

Kummenti:

Il-Kummissjoni għandha tistabilixxi network Ewropew ta' investituri konxji dwar kwistjonijiet ta' ġeneru. Tali network għandu jkoll kuxjenza u jippreveni d-diskrepanza fl-investiment bejn il-ġeneri billi jistieden lill-investituri pubbliċi kif ukoll privati u lill-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej jimpenjaw ruħhom favur ċerti għanijiet ta' diversità volontarji bħall-implimentazzjoni ta' politiki dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-diversità u l-inklużjoni kif ukoll il-kejl u t-traċċar tar-rappreżentanza tal-ġeneri, u jipubblikaw id-data kull sena.

Network ta' investituri konxji dwar kwistjonijiet ta' ġeneru fil-livell tal-UE fl-istess ħin jista' jiffoka fuq, u jkun jista' jgħin ukoll biex jtkissru, il-ħafna ostakli li jeżistu bejn l-industriji jew b'perċentwal għoli ħafna inkella b'perċentwal baxx ħafna ta' nisa. Speċjalment fir-rigward tal-pożizzjonijiet ta' investitur u ta' finanzjament fejn in-nisa huma sottorappreżentati, li hija sfida għall-ekosistema intraprenditorjali minħabba li diversi studji juru li l-manigġers tal-investiment għandhom it-tendenza jipprovdu kapital u jimpenjaw lil dawk li huma simili għalihom infushom.

In-network għandu jkun ta' ispirazzjoni, iżid l-għarfien tal-fatti u jippermetti l-kondiviżjoni tal-aħjar prattika f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u t-tnaqqis tad-diskrepanza fl-investiment bejn il-ġeneri kif ukoll jipprovdi lill-kumpaniji mmexxija min-nisa b'konnessjonijiet, networks u opportunitajiet ta' finanzjament rilevanti f'kollaborazzjoni ma' networks oħra bħal WEgate.

Permezz tas-sensibilizzazzjoni u l-promozzjoni ta' parteċipazzjoni akbar tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-investiment, dan jikkontribwixxi wkoll biex tintlaħaq il-mira tad-diversità tal-ġeneru stabbilita fl-ambitu ta' InvestEU (mill-inqas 25 % tal-fondi appoġġati minn InvestEU għandu jkollhom nisa fil-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet).

Barra minn hekk, jista' jikkontribwixxi biex isir iktar faċli għall-imprendituri nisa li jsibu l-investituri t-tajba li qiegħdu fil-mira l-ideat ta' negozju tan-nisa u ta' timijiet diversi, li joħloq valur addizzjonali permezz ta' relazzjonijiet u inizjattivi transfruntieri u transindustrijali.

Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

Artikolu PP 05 23 — 2023

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				3 500 000	1 750 000			3 500 000	875 000

Partita PP 05 23 01 — Proġett pilota — Kunċett innovattiv u komprensiv tal-iżvilupp tal-bijodiversità urbana għall-gvernijiet lokali fl-Ewropa — Restawr tal-ekosistema tal-ilma urban tal-Belt ta' Łódź

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				3 500 000	1 750 000			3 500 000	875 000

Kummenti:

Mill-Belt ta' Łódź (il-Polonja) jgħaddu madwar 20 xmara u nixxieġha, iżda fil-biċċa l-kbira huma moħbija fil-kanaali ta' taħt l-art. Għal bosta snin, l-awtoritajiet tal-belt ilhom hađu passi biex jirrestawrawhom u jġibuhom fil-wiċċ, u wieħed minn dawn il-proġetti ambizzjużi jikkonċerna x-Xmara Lamus, li tgħaddi minn parks storiċi stabbiliti fis-seklu 19 bħala ġonna tal-palazzi tas-sidien tal-fabbriki ta' Łódź, fundaturi tal-"Art Imwieġħda" ta' Łódź.

Il-proġett "Restawr tal-ekosistema tal-ilma urban" se jikkonsisti fl-irkupru tax-Xmara Lamus, it-tneħħija tagħha mis-sistema tad-drenaġġ u l-esponiment tagħha fuq l-art kif ukoll l-użu tal-ilma tax-xita u tat-tidwib tas-silġ minn proprjetajiet fil-qrib u soqfa għall-provvista tax-Xmara Lamus. Barra minn hekk, qed nippjanaw li nsaqqu

l-parks u nidderieġu l-ilma tax-xita lejn il-wied tax-Xmara Jasieñ sabiex nimlew l-għadira taż-żamma bih. Barra minn hekk, il-proġett se jinkludi elementi ta' trattament tal-ilma tax-xita (eż. bl-użu ta' sistema sekwenzjali ta' sedimentazzjoni u bijofiltrazzjoni) u monitoraġġ tal-livell ta' ndewwa tal-ħamrija u l-livell tal-ilma ta' taħt l-art (permezz ta' sensuri speċjalizzati tal-ndewwa tal-ħamrija). Il-proġett se juża prototipi ta' bollards PARO, li huma soluzzjoni innovattiva fil-qasam tal-mikrożamma tal-ilma.

Il-proġett se jkun komprensiv ħafna u se jqis il-problemi taż-żamma żgħira, il-livell tal-ilma ta' taħt l-art, il-preżenza tal-ilma fil-pajsaġġ tal-belt. L-għan tal-proġett se jkun li l-ilma tax-xita u t-tidwib tas-silġ jiġu diretti b'mod xieraq biex jissolvew il-problemi attwali relatati man-nuqqas tal-ilma u l-eċċess per iodiku, li jirriżulta f'għargħar għall-għarrieda u t-tnixxif tas-siġar fil-parks (ikkawżati mit-tnaqqis tal-livelli tal-ilma ta' taħt l-art minħabba l-kostruzzjoni ta' stazzjon taħt l-art u linja ferrovjarja), il-ħtieġa li jimtlew artifiċjalment il-gġibjuni tax-xmajjar li jeżistu fil-widien, ladarba jiġu fornuti kompletament bl-ilma mix-xmajjar Łódź.

Flimkien mar-restawr tal-korp tax-xmara, se jinħolqu boulevards rikreattivi u edukattivi. Il-kunċett ta' rivalorizzazzjoni tal-parks flimkien max-xmara se jiġi żviluppat bil-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u għaċ-ċittadini, filwaqt li jinżamm il-wirt storiku tal-parks li huma monumenti storiċi. Bħala parti mix-xogħol, se noħolqu baċir ta' żamma b'ilma staġnat u veġetazzjoni akkwatika. Il-proġett se jagħmel użu sħiħ mill-possibiltajiet li jintużaw uċuħ mhux issiġillati, li jippermettu l-infiltrazzjoni tal-ilma tax-xita.

Iż-żona tal-parks tul ix-Xmara Lamus se tkun iċ-ċentru ta' workshops ekoloġiċi u l-promozzjoni tat-trasformazzjoni ekoloġika. Grazzi għall-opportunità li jiġu esperjenzati l-attivitajiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-attività tal-Parlament Ewropew. Il-qiegħ tax-xmara u ż-żoni ħodor ta' maġenbhom se jiġu kkonvertiti fi traċċa edukattiva li se tkun il-punt fokali ta' proġetti edukattivi futuri.

Ir-restawr tax-xmara, li kellu impatt dirett fuq il-ħolqien tal-"Art Imwiegħda" ta' Łódź, ikun element eċċellenti fit-tisħiħ tal-għarfien storiku u l-identità lokali, u fl-istess ħin jaqbel mal-għanijiet tal-politika dwar il-klima tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Peress li Łódź hija fqira fil-mogħdijiet tal-ilma li jnixxu b'mod naturali, ir-restawr tax-xmara jista' jkollu effett pożittiv fuq l-ekosistema tal-belt, u jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' attrazzjoni turistika unika ġdida. L-implimentazzjoni tal-proġett se toħloq valur miżjud Ewropew f'termini ta' azzjonijiet biex tissolva problema ambjentali sinifikanti u l-innovazzjoni.

Łódź, bħala parteċipant tal-Missjoni ta' Bliet Newtrali għall-Klima u Intelliġenti, tistabbilixxi wieħed mill-għanijiet ewlenin tagħha biex tiskambja l-ħsibijiet, l-esperjenzi u s-suċċessi fil-qasam tat-tranżizzjoni ekoloġika. Diġà qed naqsmu l-esperjenza tagħna ma' ħafna bliet Ewropej bħala parti minn proġetti innovattivi

mill-Programm Orizzont. Il-problema tar-restawr tax-xmara hija preżenti f'ħafna bliet Ewropej fejn ix-xmajjar ġew imwassla jew ikkonkretizzati. Bis-saħħa tas-sistema innovattiva taż-żamma tal-ilma u tad-drenaġġ tal-ilma żejjed, aħna noffru soluzzjoni għall-problemi tal-bliet kollha bi problemi ta' għargħar u nixfiet perjodiċi, li hija karatteristika speċjalment għall-klima varjabbli ħafna tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, fejn hemm mewġiet ta' sħana, borra qawwija u xita qawwija. Ir-riżultati tal-analiżijiet imwettqa fuq is-soluzzjonijiet innovattivi implimentati fil-qasam tal-monitoraġġ tal-indewwa jew tal-mikrożamma tal-ħamrija se jservu bħala għodda għat-tfassil ta' soluzzjonijiet simili f'partijiet oħra tal-belt. Barra minn hekk, bl-implimentazzjoni tas-suppożizzjonijiet tal-Missjoni dwar il-Bliet Newtrali għall-Klima u Intelliġenti, se nagħmlu l-kunċett innovattiv u komprensiv tagħna tal-iżvilupp tal-bijodiversità urbana disponibbli għall-gvernijiet lokali kollha fl-Ewropa.

Iż-żona tal-implimentazzjoni tal-investiment tkopri 60 ettaru ta' art fiċ-ċentru tal-belt, tinkludi parzjalment żoni storiċi li jinsabu fiż-żona tal-Proġett ta' Rivitalizzazzjoni taċ-Ċentru tal-Belt. In-natura innovattiva tas-soluzzjonijiet ippjanati u l-karattru storiku ta' parti kbira taż-żona koperta mill-proġett ifissru li l-ispejjeż ma jistgħux jitnaqqsu b'mod sinifikanti.

Qed jiġi żviluppat proġett bil-parteciġazzjoni ta' xjentisti miċ-Ċentru Reġjonali Ewropew għall-Ekoidroloġija li taħt l-awspiċi tal-UNESCO kiber miċ-Ċentru Internazzjonali għall-Ekoġija (ICE). L-istima tal-ispejjeż kienet ibbażata fuq l-analiżi tal-Periti PricewaterhouseCoopers u Chapman Taylor.

Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

Partita PP 07 22 01 — Proġett pilota — Ħolqien ta' Ċentru tal-Patrimonju Ewropew b'appoġġ għal segwitu olistiku u kosteffikaċi tas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
p.m.	1 156 000	p.m.	1 156 000	1 000 000	1 656 000	p.m.	1 156 000	1 000 000	1 406 000

Kummenti:

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Il-wirt kulturali tal-Ewropa fid-diversità kollha tiegħu għandu valuri multipli enormi għaċ-ċittadini tal-Ewropa u l-komunitajiet tagħhom u l-ambjent tal-għajxien, kemm urban kif ukoll rurali. Bħala tali, jikkostitwixxi assi kruċjali għall-futur tal-Ewropa. Jgħaqqad il-passat, il-preżent u l-futur tagħna, billi jgħaqqad flimkien il-persuni, inklużi ż-żgħażaġh, lil hinn mill-fruntieri, il-kulturi u l-ġenerazzjonijiet, u jsaħħaħ is-sens ta' kburija u appartenenza tagħna (kemm fil-livell lokali kif ukoll f'dak Ewropew). Irawwem ukoll il-koeżjoni u l-inklużjoni soċjali u jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli speċjalment billi jaqdi rwol ewlieni fl-azzjoni klimatika kif ukoll fit-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali tal-istil ta' ħajja tagħna. Is-suċċess tas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali fl-2018, bil-mobilizzazzjoni bla preċedent ta' atturi tal-patrimonju – kemm pubbliċi kif ukoll privati – fil-livelli kollha u madwar il-kontinent kollu, inklużi l-istati membri kandidati, wera biċ-ċar il-potenzjal tal-wirt kulturali li jżid is-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini dwar il-proġett Ewropew u l-involviment tiegħu abbażi ta' storja u valuri kondiviżi, speċjalment fost il-ġenerazzjonijiet ta' età iżgħar.

L-objettiv tal-proġett pilota huwa li jsostni b'mod xieraq u effettiv il-legat tas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018 billi jappoġġja t-twaqqif ta' Ċentru tal-Patrimonju Ewropew, bħala pjattaforma awtonoma ta' promozzjoni u għarfien li tlaqqa' flimkien il-partijiet ikkonċernati kollha involuti f'dan il-qasam. Se jkun qed jaħdem taħt l-awspiċi tal-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni dwar il-wirt kulturali biex tkun żgurata azzjoni koerenti u konġunta mal-Kummissjoni (DĠ EAC) għall-benefiċċju ta' djalogu u azzjoni kontinwi u msaħħa min-naħa tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-partijiet ikkonċernati kollha. Se jkun qed ifittex ukoll li jsaħħaħ l-impenn taċ-ċittadini (speċjalment il-ġenerazzjoni żagħżuġha) favur il-wirt kulturali Ewropew. Dan se jsir billi ż-żgħażaġh jiġu integrati fl-attivitajiet kollha tal-pjattaforma.

Ix-xenarju tal-partijiet ikkonċernati eżistenti fil-qasam tal-patrimonju huwa estremament rikk u varjat iżda għadu frammentat u għalhekk jirrikjedi koordinazzjoni aktar b'saħħitha. Kulħadd b'hekk jibbenefika bil-kbir minn ċentru permanenti u dinamiku li jrawwem, fuq bażi kontinwa u b'mod flessibbli u kosteffettiv, sinerġiji bejn diversi proġetti (li ħafna minnhom huma ffinanzjati mill-programmi tal-Unjoni), diversi programmi ta' politika tal-Unjoni li għandhom impatt dirett jew indirett fuq il-wirt kulturali, u diversi inizjattivi relatati mal-patrimonju u l-aħjar prattiki żviluppata mill-partijiet ikkonċernati f'kull livell ta' governanza (lokali, reġjonali, nazzjonali, Ewropea u internazzjonali). Tali Ċentru tal-Patrimonju Ewropew se jservi l-interessi u jirrifletti t-

tħassib tal-"ekosistema tal-wirt kulturali" kollha li tkopri l-wirt kulturali tanġibbli, intanġibbli u diġitali, iżda johlq ukoll sinerġiji mal-oqsma ta' politika rilevanti l-oħra kollha bħall-ambjent, l-azzjoni klimatika, l-iżvilupp urban u rurali, ir-riċerka, l-innovazzjoni, l-edukazzjoni kif ukoll ir-relazzjonijiet esterni.

L-għan ewlieni ta' tali pjattaforma se jkun li jinġabru flimkien l-ilħna, il-forzi u r-riżorsi – kemm pubbliċi kif ukoll privati – għall-benefiċċju ta' approċċ olistiku u integrat għall-politiki dwar il-wirt kulturali fil-livelli kollha, b'mod partikolari fil-livell tal-Unjoni, u jiġi żgurat li l-politiki u l-prijoritajiet rilevanti kollha tal-Unjoni u dawk nazzjonali jinkorporaw kif xieraq id-dimensjoni tal-wirt kulturali. F'dan il-proċess, għandha tirrispetta l-prijoritajiet trasversali li ġejjin:

- l-inklużività, id-diversità u l-ugwaljanza, partikolarment billi ż-żgħażaġh jiġu indirizzati permezz ta' kampanji ta' komunikazzjoni, proġetti ta' involviment u emanċipazzjoni kif ukoll opportunitajiet ta' taħriġ;
- it-trasformazzjoni ekoloġika u l-għieda kontra t-tibdil fil-klima, partikolarment billi jiġu mobilizzati l-partijiet ikkonċernati fil-qasam tal-wirt kulturali biex jiġu indirizzati l-aktar temi urġenti tat-tibdil fil-klima u l-wirt kulturali, kemm bħala theddida għall-wirt kulturali kif ukoll bħala opportunità biex jiġu żviluppati miżuri ta' adattament u mitigazzjoni.

Jistgħu jiġu żviluppati l-attivitajiet addizzjonali li ġejjin (lista mhux eżawrjenti):

- pjattaforma interattiva online ta' promozzjoni u għarfien li tiġbor dokumenti rilevanti ta' politika u proġetti u aħbarijiet mill-partijiet ikkonċernati fil-qasam tal-wirt kulturali f'kull livell ta' governanza;
- kampanji ta' komunikazzjoni sinifikattivi u immaġinattivi (online u offline), inklużi kampanji mmirati lejn iż-żgħażaġh;
- riċerka u analiżi ta' xejriet u fenomeni emerġenti fir-rigward tal-wirt kulturali biex jiġi appoġġjat it-tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza;
- attivitajiet ta' bini ta' kapaċità fir-rigward, fost l-oħrajn, tal-politiki, il-programmi, l-opportunitajiet ta' finanzjament tal-Unjoni kif ukoll it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali;
- proġetti konġunti biex jinħolqu sinerġiji aħjar, fost l-oħrajn bejn il-programm Ewropa Kreattiva (inkluż iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew), il-programm Erasmus+, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u l-programm Orizzont Ewropa.

Biex jiffunzjona bl-aktar mod effiċjenti u kosteffettiv, iċ-Ċentru tal-Patrimonju Ewropew se jiġi stabbilit b'dan li ġej:

- approċċ minn isfel għal fuq: iċ-Ċentru se jitwaqqaf u jitmexxa minn organizzazzjoni ewlenija tas-soċjetà ċivili li tirrappreżenta l-ekosistema tal-wirt kulturali tal-Ewropa;
- parteċipanti fil-mira: it-tlaqqiġh flimkien u l-mobilizzazzjoni tal-aktar spettru wiesa' possibbli ta' partijiet ikkonċernati, kemm pubbliċi kif ukoll privati, bħala riflessjoni tar-rikkezza u l-varjetà tal-ekosistema tal-wirt kulturali tal-Ewropa;
- sħubija: il-ħolqien ta' pontijiet u sinerġiji bejn id-diversi inizjattivi Ewropej eżistenti, inklużi gruppi ta' ħidma, networks u fora ta' esperti, relatati mal-wirt kulturali;

- koerenza: taħt l-awspiċi tal-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni dwar il-wirt kulturali, jissaħħaħ approċċ olistiku u integrat għall-wirt kulturali min-naħa tal-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni u s-sħab Ewropej u internazzjonali ewlenin tagħhom (kemm intergovernattivi kif ukoll nongovernattivi);
- integrazzjoni: l-iżvilupp ta' sinerġiji ma' pjattaformi simili li huma attivi f'oqsma ta' politika relatati, bħall-arkitettura, l-ippjanar urban, l-ambjent, l-azzjoni klimatika, il-koeżjoni, l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, l-enerġija, l-edukazzjoni, it-turiżmu, l-iżvilupp u d-diplomazija kulturali;
- appoġġ finanzjarju adegwat biex jiġu żgurati koordinazzjoni u sensibilizzazzjoni effiċjenti u kosteffettivi.

Fit-tieni sena, il-proġett pilota se jkabbar l-ambitu billi jfittex li jinkludi aktar partijiet ikkonċernati fil-Hub u jwessa' l-kopertura ġeografika. Għandha ssir enfasi wkoll fuq l-Ukrajna u l-Moldova, it-tliet pajjiżi fil-Kawkasu kif ukoll fil-Balkani tal-Punent.

Partita PP 07 22 03 — Proġett pilota — Għadd tal-Persuni bla Dar fl-Ewropa

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
p.m.	450 000	p.m.	450 000	1 990 500	1 445 250	p.m.	450 000	1 990 500	947 625

Kummenti:

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Huwa stmat li n-numru ta' persuni mingħajr dar għola b'70 % fl-Ewropa f'dawn l-aħħar għaxar snin u x'aktarx li dan in-numru se jizjed minħabba l-impatt soċjali tal-kriżi tal-Covid u l-kriżi tar-rifuġjati mill-Ukrajna.

Madankollu ma hemm l-ebda data Ewropea affidabbli dwar il-problema tal-persuni mingħajr dar ibbażata fuq kriterji jew indikaturi komuni. Dan huwa rikonoxxut mill-Parlament Ewropew, mill-Kummissjoni Ewropea u mill-esperti bħala ostaklu importanti għal rispons politiku effettiv.

Data komparabbli u miġbura regolarment dwar il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar se tippermetti lill-Kummissjoni Ewropea tappoġġa aktar l-Istati Membri biex javvanzaw fil-ġlieda kontra l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar u japplikaw il-Prinċipju 19 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali dwar "l-akkomodazzjoni u l-assistenza għall-persuni mingħajr dar". Id-data tkun tippermetti azzjoni aktar immirata u bbażata fuq evidenza permezz tal-Pjattaforma Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Kundizzjoni ta' Persuni Mingħajr Dar ħalli jkun hemm sforz biex tintemm il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar fl-UE sal-2030 kif kien maqbul mill-Istati Membri kollha fid-Dikjarazzjoni ta' Lisbona. Il-proġett pilota ġie inkorporat fil-pjan ta' ħidma tal-Pjattaforma bħala waħda mill-azzjonijiet prinċipali għat-tisħiħ tax-xogħol analitiku u l-ġabra tad-data.

Għalhekk, il-proġett pilota għandu l-għan li jstimula l-għbir regolari ta' data dwar il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar fil-livell lokali. L-awtoritajiet lokali jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jindirizzaw il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar flimkien mas-servizzi soċjali u l-atturi tas-soċjetà ċivili, u jeħtieġu data affidabbli li fuqha jibbażaw il-politiki tagħhom. Il-proġett pilota jibni fuq metodoloġiji robusti u effettivi eżistenti, bħall-għadd abbażi ta' punt fiż-żmien, il-punt ta' prevalenza, u l-istħarriġ. Għandha tiġi esplorata l-komplementarjetà mal-ħidma tal-EUROSTAT dwar id-dimensjonijiet differenti tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar inklużi l-irqad fit-toroq, il-persuni li joqogħdu f'postijiet ta' kenn għall-persuni mingħajr dar, il-persuni li waslu biex jiġu rilaxxati minn istituzzjoni mingħajr garanzija ta' akkomodazzjoni, u l-persuni li jkollhom jorqdu fuq is-sufan mal-familja jew il-ħbieb ("sofa surfers").

Il-proġett pilota jippromwovi metodoloġija komuni fost l-awtoritajiet lokali interessati u jikkoordina l-għadd komuni Ewropej ta' persuni mingħajr dar fl-istess żmien/fl-istess perjodu. L-għan ikun li dan l-għadd jiġi ripetut fuq bażi regolari, u li maż-żmien jiżdied in-numru ta' bliet li jipparteċipaw. Ir-riżultati jipprovdu informazzjoni lill-awtoritajiet lokali, nazzjonali u Ewropej u lil dawk li jfasslu l-politika dwar l-evoluzzjoni tan-natura u l-ambitu tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, u d-dimensjonijiet u l-profilijiet differenti tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar. Dan jgħin ukoll biex tinħoloq sensibilizzazzjoni pubblika u politika dwar il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar u jikkontribwixxi biex tinħoloq ir-rieda li din tissolva. Filwaqt li jibni fuq metodoloġiji differenti, il-proġett għandu l-għan li jagħmel id-data kumparabbli sabiex jinsiltu t-tagħlimiet dwar ix-xejriet fil-livell tal-UE.

Iż-żieda proposta hija fundamentali sabiex ikun hemm fehim aktar profund tax-xejriet u l-karatteristiċi tal-iżvilupp tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, b'mod partikolari permezz ta' ċikli suċċessivi ta' għbir ta' data.

Partita PP 07 22 04 — approċċ għdid għas-sostenibbiltà permezz tal-isport fl-Ewropa

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
p.m.	1 008 350	p.m.	1 008 350	1 500 000	1 758 350	p.m.	1 008 350	1 500 000	1 383 350

Artikolu PP 07 23 — 2023

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				8 250 000	4 125 000			8 250 000	2 062 500

Partita PP 07 23 01 — Proġett pilota — Portal Ewropew tal-Aħbarijiet bit-Televiżjoni u bil-Vidjo għaċ-Ċittadini li jintuża għall-istreaming, it-Tiftix u t-Traduzzjoni ta' aħbarijiet Ewropej għat-TV u l-vidjo u dokumentarji politiċi prodotti jew trażmessi minn media pubblika u privata akkreditata fl-Istati Membri tal-UE

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				2 500 000	1 250 000			2 500 000	625 000

Kummenti:

Sfera pubblika li tiffunzjona hija essenzjali għal kull demokrazija. Bħalissa, madankollu, ffit korporazzjonijiet b'saħħithom ibbażati barra l-Ewropa jiddominaw l-isfera diġitali pubblika fl-Ewropa.

Il-proġett pilota “Portal Ewropew tal-Aħbarijiet bit-Televiżjoni u bil-Vidjo għaċ-Ċittadini” għandu l-għan li jikkontribwixxi għal sfera pubblika li tiffunzjona, li tgħammar b'mod uniku liċ-ċittadini bi pjattaforma ta' streaming ta' filmati aċċessibbli madwar l-Ewropa kollha u punt ta' aċċess uniku għal aħbarijiet u dokumentarji ta' kwalità għolja — f'konformità mal-valuri Ewropej u meħtieġa għall-parteċipazzjoni fid-demokrazija Ewropea, bejn il-fruntieri u fl-Istat Membru tagħhom stess.

Għal dan l-għan, se johlq pjattaforma unika ta' streaming għall-kontenut tal-aħbarijiet bit-televiżjoni u bil-vidjo, direttament aċċessibbli għall-udjenzi u ċ-ċittadini Ewropej, u dan jippermettilhom ifittxu l-kontenut kollu pprovdut mill-media pubblika u privata rreġistrata fl-Istati Membri, filmat li jipprovdi sottotitoli tradotti fil-lingwi kollha tal-UE ta' dawn l-aħbarijiet u d-dokumentarji. Il-Portal tal-Aħbarijiet bit-Televiżjoni u bil-Vidjo taċ-Ċittadini mhux se jkun stazzjon tat-televiżjoni, iżda pjattaforma newtrali fis-sens fundamentali tal-kelma. Għalhekk, mhux se jipprovdi servizzi editorjali u se jkun purament orjentat lejn l-infrastruttura u t-teknoloġija, peress li l-kontenut li għandu jiġi mxandar fuq il-Portal se jiġi pprovdut mill-produzzjonijiet proprji rikki u varjati ta' aħbarijiet u dokumentarji mill-ħafna media rreġistrata fl-Istati Membri. Għal dan l-għan, se jfittex li jstabbilixxi alleanza teknoloġika u alleanza tal-kontenut fost l-atturi tal-media interessati fl-Istati Membri. Filwaqt li hemm għadd ta' azzjonijiet tal-UE mmirati lejn it-tisħiħ tal-kapaċitajiet editorjali u l-ħolqien tal-kontenut, dan il-proġett pilota jfittex li jindirizza angolu ieħor. Il-Portal se jindirizza liċ-ċittadini u se jkun newtrali fis-sens li mhu se jieħu l-ebda deċiżjoni editorjali dwar il-kontenut iprovdut mill-media pubblika u privata akkreditata tal-Istati Membri. Il-kontenut iġġenerat mill-utenti u tal-produtturi indipendenti se jkun disponibbli fuq il-pjattaforma mill-bidu nett, sa fejn ikun ġie trażmess qabel minn media pubblika jew privata akkreditata fl-UE. Fit-tieni stadju, il-proċeduri u r-regoli għandhom jitfasslu u jiġu ttestjati biex jippermettu lill-

kreaturi indipendenti u lill-UGC jikkontribwixxu direttament għall-Portal, filwaqt li jinżamm il-prinċipju li ma jitwettaq l-ebda kontroll editorjali mill-Portal. Dan il-prinċipju huwa essenzjali biex jiġu żgurati l-kwalità, l-affidabbiltà u l-indipendenza tal-Portal, kif ukoll in-newtralità. Offerti ta' Kontenut Akkreditat jiġu esklużi biss mit-trażmissjonijiet fuq il-Portal jekk ma jikkonformawx mal-prinċipji relatati mal-valuri tal-UE, u se jiġu stabbiliti l-mekkaniżmi meħtieġa biex tiġi ssalvagwardjata l-indipendenza tal-kontenut.

Il-Pjattaforma għandha tipprovdi biss l-infrastruttura u t-teknoloġija meħtieġa għall-aggregazzjoni, l-iskoperta u t-tiftix tal-kontenut b'sistema ta' rakkomandazzjoni li tiffunzjona f'konformità mal-valuri demokratiċi u Ewropej tat-Trattati tal-UE, sistema għat-traduzzjoni awtomatika u servizz ta' streaming, u b'hekk tipprovdi stampa pluralistika tal-kontenut. Is-sistema ta' rakkomandazzjoni għalhekk la se jkollha l-għan li timmassimizza l-ħin tat-tele spettaturi permezz ta' loġika ta' skandalizzazzjoni dejjem akbar, u lanqas mhi se tibbaża r-rakkomandazzjonijiet tagħha kompletament fuq l-interess minn qabel u l-profilu tal-imġiba tat-tele spettaturi, bħal fis-servizzi tal-istreaming iffinanzjati mir-reklamar. Se jkollha kontenut strettament ibbażat fuq kliem ta' tiftix użati miċ-ċittadini u tifsiriet ta' kliem relatati, u dan fil-lingwi kollha, u b'hekk fil-każijiet kollha tipprovdi stampa diversa tal-aħbarijiet.

It-teknoloġiji kollha meħtieġa għat-twettiq ta' dan il-proġett huma disponibbli u sempliċiment jeħtieġ li jinġiebu flimkien u jiġu integrati f'sistema waħda. Għalhekk huwa fattibbli li jitwettaq dan il-pass addizzjonali importanti lejn dan l-element vitali tal-integrazzjoni u d-demokrazija Ewropea. Ikun hemm demokrazija Ewropea sostenibbli fl-era tad-diġitalizzazzjoni biss jekk tkun tista' tiġi stabbilita sfera pubblika Ewropea li toffri informazzjoni vverifikata u perspettivi differenti dwar l-avvenimenti attwali liċ-ċittadini kollha bejn il-fruntieri lingwistiċi u kulturali. Fi sfera pubblika Ewropea reali u sostenibbli, iċ-ċittadini ta' pajjiżi iżgħar u gruppi lingwistiċi jew li jgħixu fi Stati Membri b'inqas varjetà jew inqas indipendenza tal-media jrid ikollhom ukoll aċċess sħiħ għad-diversità tal-informazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-aħbarijiet bit-televiżjoni u bil-vidjo li tkun ġiet prodotta fl-Ewropa minn media akkreditata, spiss iffinanzjata minn fondi pubbliċi.

Il-proġett Pilota se jindirizza l-ħtieġa li eventwalment jiġi organizzat fil-forma ta' persuna ġuridika — la b'kontroll mill-Istati Membri u mill-Istituzzjonijiet tal-UE u lanqas minn objettivi ta' profitt iżda jiġi pprovdut servizz pubbliku b'finanzjament pubbliku b'mod indipendenti.

Il-Portal Ewropew tal-Aħbarijiet bit-Televiżjoni u bil-Vidjo għaċ-Ċittadini huwa idea bla preċedent, peress li bħalissa ma hemm l-ebda pjattaforma tal-istreaming diġitali fil-forma ta' punt uniku ta' aċċess għad-diversità vasta tal-beni kulturali Ewropej fil-forma ta' aħbarijiet bit-televiżjoni u bil-vidjo u dokumentarji politiċi bbażati

fuq sistema ta' rakkomandazzjoni ġusta u standards imfassla f'konformità mad-drittijiet u l-valuri tagħna Ewropej. Il-Portal se jagħmel it-taħlita rikka kulturali u demokratika tat-televiżjoni pubblika u privata u l-aħbarijiet bil-vidjo u l-produzzjoni tad-dokumentarji minn media akkreditata fl-Istati Membri kollha aċċessibbli għaċ-ċittadini kollha tal-UE. B'hekk, se jkun pedament — ibbażat fuq l-infrastruttura — fit-triq lejn il-ħolqien ta' Sfera Pubblika Diġitali Ewropea li tiffunzjona u żżid ma' proġetti eżistenti oħra, tindirizza n-nuqqas ta' sfera pubblika fejn jiġu kkontestati kwistjonijiet Ewropej komuni u tkun opportunità biex tmexxi 'l quddiem l-integrazzjoni u d-demokrazija Ewropea.

Dan il-proġett huwa kongruwenti mal-pjanijiet eżistenti tal-Kummissjoni, iżda ma jfittixx li jsaħħaħ il-kapaċitajiet editorjali tal-kontributori. Il-Portal se jkun f'sinerġija ma' Proġetti oħra tal-UE li jtejbju l-kapaċità tal-produtturi tal-Aħbarijiet Ewropej li joħolqu kontenut bħall-pjattaformi tal-Media Ewropea u l-ispazju tad-data għall-media.

Madankollu, din il-proposta se tiffoka esklużivament fuq l-infrastruttura u t-teknoloġija u b'hekk jiġi permess aċċess dirett taċ-ċittadini għal varjetà ta' kontenut eżistenti, mhux fuq il-produzzjoni ta' kontenut ġdid.

Dan il-Proġett Pilota se jesplora sinerġiji potenzjali f'termini ta' kondiviżjoni/skambju tad-data mal-ispazju tad-data tal-media. Huwa f'dan il-kuntest li l-proġett se jesplora wkoll kif, fit-tieni stadju, il-kreaturi indipendenti u l-UGC jistgħu jikkontribwixxu direttament għall-Portal, filwaqt li jinżamm il-prinċipju li l-Portal ma jiħux deċiżjonijiet editorjali u fl-istess ħin iżomm standard ta' kwalità għolja u l-legalità tal-kontenut.

Dan il-Portal jeħtieġ li jipprovdi vidjo HQ b'wisa' tal-banda għolja u latenza baxxa u jista' jiġi implimentat f'diversi fażijiet. Għall-ewwel sena, l-identifikazzjoni — anke permezz ta' studju ta' fattibbiltà — tar-rekwiżiti u l-ispeċifikazzjonijiet teknoloġiċi u infrastrutturali meħtieġa, it-tfassil tal-pjan ta' azzjoni ta' rakkomandazzjoni u l-ħtiġijiet futuri ta' finanzjament se jkollhom ikunu prijorità. Se jkun meħtieġ ukoll li titfassal l-istruttura legali biex tirregola l-pjattaforma futura u biex tibda tinbena alleanza ta' media privata u pubblika akkreditata fl-Istati Membri li jixtiequ jikkontribwixxu l-kontenut tagħhom. Fit-tieni sena, l-ewwel dimostratur għandu jiffassal fuq din il-bażi u għandhom jinkisbu kontributori oħra biex jingħaqdu mal-Portal.

Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru

1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

Partita PP 07 23 02 — Proġett pilota — Dokumentazzjoni tal-aħjar Prattiki minn esperjenzi li jikkonċernaw l-organizzazzjoni u t-tnaqqis tal-ħin tax-xogħol fl-Ewropa

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				250 000	125 000			250 000	62 500

Kummenti:

Is-siġhat tax-xogħol għandhom jitnaqqsu u jiġu aġġustati f'ċerti ċirkostanzi?

Fl-2021, il-gvern Spanjol iddeċieda li jniedi esperiment b'kumpaniji volontarji biex jittestja l-effett fuq il-ħolqien tal-impjegi, il-kwalità tal-ħajja u l-produttività meta wieħed jaqleb għal ġimgħa tax-xogħol b'4 ijiem. Spanja mhijiex eċċezzjoni: id-dibattitu qed jiżdied f'diversi pajjiżi li qed jiffaċċjaw kemm diffikultajiet ta' reklutaġġ f'haġna setturi ta' attività kif ukoll il-persistenza tal-qgħad tal-massa.

L-għan ta' dan il-proġett pilota huwa għalhekk li tinġabar data dwar esperjenzi konkreti ta' tnaqqis u riorganizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol sabiex jiġu evalwati l-vantaġġi kif ukoll l-iżvantaġġi tagħhom.

L-oġġettivi segwiti mill-kumpaniji li esperimentaw arranġament ġdid tal-ħin tax-xogħol huma varjati haġna:

- bilanċ aħjar bejn il-ħajja tal-familja u dik tax-xogħol;
- l-iffaċilitar tar-reklutaġġ f'setturi li jesperjenzaw diffikultajiet biex jirreklutaw;
- it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol;
- it-titjib tas-saħħa tal-impjegati u t-tnaqqis tal-istress tagħhom;
- l-iffaċilitar ta' karrieri itwal;
- il-ħolqien ta' impjegi ġodda;
- it-tiġdid tal-piramida tal-età fil-kumpanija;

- l-implimentazzjoni ta' organizzazzjonijiet li jikkwalifikaw u ż-żieda fir-responsabbiltajiet tal-ħaddiema kollha (peress li l-manigġers tagħhom ukoll ġeneralment jaħdmu inqas, dan jagħti l-opportunità lill-ħaddiema kollha biex iżidu r-responsabbiltajiet tagħhom);

- it-titjib tal-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja (b'mod partikolari fl-SMEs);

- żieda fl-użu tal-aktar magni għaljin kif ukoll żieda fl-amplitudni fis-siegħa tal-ħinijiet tal-ftuħ għall-klijenti...

X'inhu r-riżultat ta' dawn l-esperjenzi? X'kienu s-suċċessi tagħhom? X'kienu l-fallimenti tagħhom? L-għan ta' dan il-proġett pilota huwa li jagħmel l-aktar valutazzjoni kompluta u prammatika possibbli tal-esperimenti li jikkonċernaw l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol.

Din l-analiżi tiġi ppreżentata lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet soċjali u politiċi. L-analiżi se tkun disponibbli wkoll f'materjal edukattiv (infografika, filmati, eċċ.) sabiex il-pubbliku ġenerali jiġi infurmat dwar il-prattiki tajbin implimentati f'kumpaniji innovattivi fl-Istati Membri differenti.

Il-proġett pilota se jikkonsisti b'mod konkret fl-organizzazzjoni ta' laqgħat mal-partijiet ikkonċernati differenti mill-implimentazzjoni tal-politiki dwar il-ħinijiet tax-xogħol: l-impjegaturi, dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, l-akkademiċi, it-trade unions, eċċ., sabiex jiddokumentaw l-impatt ta' dawn il-politiki fuq il-komponenti differenti tas-soċjetà. Dawn il-laqgħat ser jiġu dokumentati u jsiru viżibbli għal kemm jista' jkun nies, b'mod partikolari permezz ta' seminars, webinars, filmati u rapporti li jsiru pubbliċi.

L-impatt ta' dan il-proġett pilota se jitkejjel mill-udjenza miġbura minn dawn id-diversi materjali edukattivi prodotti.

Is-suġġett tal-arranġament tal-ħin tax-xogħol xi drabi jista' jwassal għal tensjonijiet soċjali f'ċerti pajjiżi. Xogħol ta' dokumentazzjoni li jagħti vuċi lil impjegaturi, lil ħaddiema u lil partijiet ikkonċernati oħra abbażi ta' esperjenzi konkreti ta' suċċess f'firxa wiesgħa ta' setturi (SMEs u kumpaniji kbar, pubbliċi u privati, ekonomija soċjali, eċċ.) jista' jipprovdi kontribut pożittiv ħafna għad-djalogu soċjali Ewropew.

Dan il-proġett pilota se jikkonsisti f'2 fażijiet ewlenin:

1. L-ewwel laqgħat f'diversi pajjiżi (mill-inqas: il-Ġermanja, l-Iżvezja, Franza, Spanja, il-Belġju, il-Portugall, l-Olanda, u r-Repubblika Ċeka...) u seminars f'diversi bliet Ewropej ser jiġu organizzati fl-2023.

2. L-ewwel dokumenti, bil-miktub, infografika u filmati, se jsiru pubbliċi fl-2024.

Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

Partita PP 07 23 03 — Proġett pilota — Appoġġ għall-Isport — azzjonijiet sportivi ta' emerġenza għaż-żgħażaġh

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				2 000 000	1 000 000			2 000 000	500 000

Kummenti:

L-għan ta' dan il-proġett pilota huwa li joħloq programmi ta' emerġenza tal-isport fil-kuntest ta' kriżi umanitarja bħall-gwerra, sabiex jiffaċilita s-superament tat-traumi, l-adattament għal ambjenti ġodda u l-ħolqien ta' rabtiet mal-komunitajiet ospitanti temporanji.

Permezz ta' attivitajiet u interventi sportivi, dan il-proġett pilota se jiffoka fuq l-inkoraġġiment tal-integrazzjoni komunitarja tat-tfal u ż-żgħażaġh. Billi jtejbu l-benesseri mentali tagħhom billi jattendu sessjonijiet sportivi, dawn l-individwi eventwalment se jkunu lesti li jaġġustaw għall-ambjent il-ġdid tagħhom. L-isport, bis-setgħa tiegħu li jlaqqa' lin-nies flimkien, se jgħin fl-interazzjoni mal-komunità ospitanti, integrazzjoni aktar faċli fis-sistema edukattiva jew id-dħul fis-suq tax-xoġhol.

Biex jinkisbu l-aħjar riżultati, daww il-programmi jeħtieġ li jiġu organizzati fil-livell lokali, tad-dilettanti, prinċipalment permezz ta' klabbs sportivi tad-dilettanti. L-attivitajiet, il-logħob u l-isport iridu jitfasslu sabiex jilħqu għanijiet soċjali u psikosoċjali speċifiċi. Jeħtieġ li jkunu adatti għall-età, kulturalment xierqa u jiġu kkunsidrati fir-rigward tar-rwoli tal-ġeneri fil-komunità. Filwaqt li jibnu fuq il-kapaċitajiet fiżiċi eżistenti tal-parteċipanti, kowċis b'esperjenza se jgħinuhom iħossuhom komdi billi jinkoraġġuhom jużaw il-ħiliet li diġà għandhom. Għalhekk, il-kooperazzjoni bejn il-klabbs u ċ-ċentri sportivi tal-massa li jistgħu joffru appoġġ soċjali, psikoloġiku jew pedagoġiku tkun importanti u meħtieġa. Dan il-proġett jinvolvi wkoll, prinċipalment bħala faċilitaturi, il-federazzjonijiet sportivi. Barra minn hekk, l-iskop ta' din il-proposta huwa li tispira lil

klabbs sportivi oħra biex jistabilixxu programmi ta' appoġġ billi jipubblikaw u jippromwovu esperjenzi u prattiki tajba.

Il-grupp ewlieni fil-mira huwa t-fal u ż-żgħażaġh affettwati minn kriżijiet umanitarji u proċessi ta' migrazzjoni tal-massa fil-kuntest tal-gwerra. Dan il-proġett pilota jiġġenera wkoll l-inklużjoni fl-ispazju pubbliku u jippromwovi l-iskambju ta' kulturi u tradizzjonijiet ta' gruppi etniċi differenti.

Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

Partita PP 07 23 04 — Proġett pilota — L-Unjoni Ewropea — il-hub tal-libertà tal-media

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				3 000 000	1 500 000			3 000 000	750 000

Kummenti:

Dan il-proġett pilota oriġinarjament irċieva l-grad B fil-valutazzjoni tal-Kummissjoni u qed jistenna valutazzjoni mill-ġdid.

Il-gwerra mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja fl-Ukrajna, il-qerda sussegwenti tal-media indipendenti fir-Russja, u s-sitwazzjoni ġeopolitika usa' fil-fruntieri tagħna, inkluż iż-żarmar totali tal-media indipendenti fil-Belarużja f'dawn l-aħħar ftit snin, jipprovdu opportunità unika u responsabbiltà għall-Unjoni Ewropea biex tiegħu t-tmexxija għas-salvagwardja tal-pluralità u l-indipendenza tal-media fil-kuntest reġjonali usa'.

Minkejja l-isfidi esterni u interni fil-qasam tal-libertà tal-istampa, l-Unjoni Ewropea tibqa' l-aktar post sikur fid-dinja għall-media u l-ġurnalisti biex jagħmlu xogħolhom. Peress li l-libertà tal-espressjoni hija wieħed mill-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-UE għandha l-opportunità li ssir hub ewlieni għal dawk li qed jistinkaw għal-libertà tal-espressjoni u d-demokrazija.

Ġurnalisti indipendenti u kmamar tal-aħbarijiet editorjali sħaħ mir-Russja u l-Belarussja diġà ħarbu jew qed jirrilokaw lejn pajjiżi tal-Unjoni Ewropea. Huma qed jittamaw li jkomplu l-ħidma tagħhom fil-ġlieda għad-demokrazija tal-pajjiżi ta' orġini tagħhom, iżda minn żona sikura fl-UE, fejn mhumiex f'riskju ta' ripressjonijiet brutali, ritaljazzjoni u priġunerija imminenti talli jirrakkontaw il-verità. Fl-istess ħin, jeħtieġ li nappoġġaw lill-media Ukrena u lill-persunal tagħha li ġew fl-Unjoni Ewropea flimkien mal-għadd dejjem jikber ta' rifuġjati tal-gwerra mill-Ukrajna.

Dawn l-organizzazzjonijiet tal-media jiffaċċjaw nuqqas immedjat ta' riżorsi biex ikomplu bl-attivitajiet tagħhom, iżda wkoll l-isfidi li jistabilixxu mudelli ta' negozju vijabbli fid-dawl ta' għeluq u restrizzjonijiet dejjem akbar fl-ispazju ta' informazzjoni u fiżiku tar-Russja u l-Belarussja, kif ukoll tnaqqis ġenerali fil-kapaċità tal-akkwist tan-nies b'riżultat tal-gwerra. Għall-kuntrarju ta' soluzzjonijiet ta' emerġenza, fejn sħab tal-istess fehma għandhom rwol ewlieni fis-soluzzjoni ta' problemi finanzjarji u ta' riżorsi akuti ta' rilokazzjoni tal-media lejn l-UE fi kwistjoni tal-ewwel xhur, dan il-proġett pilota għandu l-għan li joffri mekkaniżmu ta' appoġġ prevedibbli li jipprovdi appoġġ ewlieni, opportunitajiet għall-innovazzjoni u żvilupp fit-tul.

L-għan tal-proġett pilota huwa li jipromwovi l-preservazzjoni ta' ambjent tal-media pluralistiku tal-pajjiżi affettwati, filwaqt li l-ġurnalisti u l-media qed jaħdmu mill-eżilju. L-għan usa' huwa li l-Ewropa ssir post aktar sikur billi l-popli ta' dawn il-pajjiżi jiġu megħjuna fl-aspirazzjonijiet demokratiċi tagħhom, fejn il-media indipendenti għandha rwol indispensabbli.

Il-proġett pilota għandu l-għan li jesplora ħtiġijiet ta' appoġġ preċiżi u sussegwentement jipprovdi appoġġ xieraq għall-media indipendenti u l-ġurnalisti mill-Ukrajna, ir-Russja u l-Belarussja li rrilokaw u li qed jaħdmu mill-Istati Membri tal-UE billi:

- isiru riċerka u mmappjar tal-ħtiġijiet u l-isfidi tal-kmamar tal-aħbarijiet indipendenti u tal-ġurnalisti professjonali li rrilokaw l-operazzjonijiet tagħhom;

- jiġu stabbiliti networks ta' appoġġ f'diversi Stati Membri tal-UE, sabiex jiġi pprovdut appoġġ imfassal apposta u aġġustat għall-kmamar tal-aħbarijiet u l-ġurnalisti eżiljati. B'mod ġenerali, l-appoġġ jiffoka fuq l-għajnuna biex jiġu introdotti mudelli ta' negozju vijabbli u soluzzjonijiet ta' format tekniku u tal-kontenut innovattivi sabiex jintlaħqu l-udjenzi (inklużi daww b'aċċess possibbilment limitat għall-internet u riżorsi oħra), kif ukoll ifittxu sinerġiji u jipromwovu l-kondiviżjoni tal-aħjar prattika u n-networking (b'mod partikolari fost il-media eżiljata) filwaqt li jiżguraw l-indipendenza tal-media u jrawmu l-pluralità.

Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

Partita PP 07 23 05 — Proġett pilota — Studju ta' fattibbiltà għal użu mill-ġdid soċjali tal-assi ffriżati u kkonfiskati bħala riżultat tas-sanzjonijiet tal-UE adottati wara l-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				500 000	250 000			500 000	125 000

Kummenti:

Dan l-istudju ta' fattibbiltà jwitti t-triq biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tas-sanzjonijiet finanzjarji tal-UE adottati kontra persuni u entitajiet marbuta mal-Kremlin. L-istudju se jipprovdi analiżi legali tal-oqfsa leġiżlattivi nazzjonali finali tal-UE biex jesplora sa liema punt il-leġiżlazzjoni tal-UE u tal-Istati Membri hija koerenti u adatta għall-implimentazzjoni taċ-ċiklu ta' politika tal-irkupru tal-assi relatat mas-sanzjonijiet. L-istudju ser ikopri aspetti bħall-adozzjoni ta' sanzjonijiet, l-iffriżar tal-assi, il-konfiska tal-assi, l-introduzzjoni mill-ġdid tal-assi kkonfiskati fl-ekonomija nazzjonali għall-użu soċjali, kif ukoll fil-baġit tal-UE għall-infiq pubbliku fl-Ukrajna. Fil-kuntest ta' din ir-riċerka, "assi" tfisser kwalunkwe sjieda monetizzabbli tal-oligarki u negozjanti tal-ogħla livell Russi, bħal kontijiet tal-bank, kriptovaluti, proprjetà immobbli, proprjetà lussuża inkluż jottijiet, opri tal-arti, djamanti, deheb. "Użu soċjali" tfisser finanzjament tal-Istati Membri tal-azzjonijiet kollha relatati mal-protezzjoni tar-rifuġjati Ukreni li jospitaw, bħal proċeduri amministrattivi, akkomodazzjoni soċjali, edukazzjoni skolastika, assigurazzjoni medika. Barra minn hekk, l-assi rkuprati se jservu biex jiffinanzjaw l-għajnuna umanitarja u għall-iżvilupp tal-UE fl-Ukrajna.

L-istudju se janalizza t-tfassil, il-kamp ta' applikazzjoni, u l-isfidi għal tali azzjoni madwar l-Unjoni dwar konfiska mhux ibbażata fuq kundanna u l-introduzzjoni mill-ġdid ta' assi kkonfiskati fl-użu pubbliku. Għal dan l-għan, hija ser tissuġġerixxi modi legali biex tiġi stabbilita l-konnessjoni bejn il-proprjetà li tkun proprjetà ta' individwi u entitajiet sanzjonati fuq naħa waħda u r-reat li jkunu wettqu fuq in-naħa l-oħra. Ir-relazzjoni

stabbilita bejn ir-reat u l-proprjetà mqiegħda fis-suq uniku tal-UE għandha sservi bħala bażi legali ta' litigazzjoni kollettiva ulterjuri jew mekkaniżmu leġiżlattiv ġdid, abbażi tas-sejbiet tal-istudju.

Ir-riżultati tal-istudju għandhom jinfurmaw it-tfassil tal-liġijiet nazzjonali u wara jistgħu jikkontribwixxu għal inizjattiva ta' politika futura tal-UE. Tali rabta bejn l-assi miksuba illegalment u r-reat tal-attakk tar-Russja fuq l-Ukrajna tista' sservi wkoll bħala bażi għall-implimentazzjoni ta' sanzjonijiet oħra adottati fir-rigward ta' individwi u entitajiet oħra ta' pajjiżi terzi.

L-irkupru u l-użu mill-ġdid tal-assi li ġew iffriżati b'riżultat tas-sanzjonijiet tal-UE adottati wara l-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna se jaqdu diversi għanijiet u objettivi tal-UE. L-ewwel nett, din l-azzjoni se tippermetti l-implimentazzjoni effiċjenti tar-reġim ta' sanzjonijiet, li tmur lil hinn mill-adozzjoni simbolika. It-tieni, se tagħti spinta lir-riżorsi pubbliċi tal-Istati Membri li jospitaw komunitajiet kbar ta' rifuġjati Ukreni. It-tielet, se tippermetti li parti mill-assi rkuprati tiġi diretta lejn il-baġit tal-UE għall-finanzjament tar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna, li sservi *de facto* bħala riżorsa għall-Fond tar-Rikostruzzjoni tal-Ukrajna. Tali Fond jista' jinkludi, minbarra l-assi rkuprati, anke r-riżorsi baġitarji tal-UE, ir-riparazzjonijiet tar-Russja u diversi donazzjonijiet. Ir-raba', se ttaffi l-piż tal-finanzjament tal-infiq li jirriżulta mill-attakk tar-Russja fuq l-Ukrajna, il-piż li bhaliisa huwa kondiviż mill-UE u l-Istati Membri. Il-ħames, se ssaħħaħ il-potenzjal ġeopolitiku tas-sanzjonijiet tal-UE u sservi bħala miżura dissważiva għal sidien oħra ta' assi ta' pajjiżi terzi, li mhumiex fil-lista ta' sanzjonijiet, iżda li jistgħu jkunu soġġetti għal sanzjonijiet jekk jinvolvu ruħhom f'attivitajiet li jiksru d-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji tad-demokrazija.

B'riżultat ta' dan, dan l-istudju se jindika perkorsi legali fi ħdan il-qafas legali eżistenti tal-UE għall-irkupru effettiv tal-assi f'għadd definit ta' każijiet, bħal aggressjoni militari mhux provokata. Fl-aħħar mill-aħħar, l-azzjonijiet ta' politika bbażati fuq dan l-istudju se jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-valuri tal-UE, it-tisħiħ tal-Istat tad-Dritt u t-tmiem tal-impunità.

Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

Artikolu PP 08 23 — 2023

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				1 500 000	750 000			1 500 000	375 000

Partita PP 08 23 01 — Proġett pilota – Titjib tal-post tal-prodotti organiċi fil-catering kollettiv

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				1 500 000	750 000			1 500 000	375 000

Kummenti:

Il-kwistjonijiet tal-ikel huma fil-qalba tat-tranżizzjoni lejn UE aktar sostenibbli. Taħt il-kappa tal-Patt Ekoloġiku tal-UE, l-istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt tenfasizza li t-tranżizzjoni lejn sistema tal-ikel tajba għas-saħħa, sostenibbli u reżiljenti mhux se sseħħ mingħajr bidla fid-dieti taċ-ċittadini, li huma dejjem aktar imħassba dwar kwistjonijiet ambjentali, sanitarji, soċjali u etiċi u l-valur tal-ikel tagħhom. F'dan il-kuntest, il-promozzjoni tal-ikel organiku hija għodda importanti. Fil-livell nazzjonali, diversi Stati Membri stabbilew miri għall-perċentwal ta' prodotti organiċi fil-kantins tagħhom, bil-għan li jinkoraġġixxu lill-partijiet ikkonċernati lokali biex jaġixxu.

Dawn l-inizjattivi jwasslu għal trasformazzjoni tal-prattiki fil-kantins pubbliċi, speċjalment fil-livell lokali, u spiss ikollhom implikazzjonijiet pożittivi għat-territorji. Madankollu, dawn l-inizjattivi huma kkaratterizzati minn disparitajiet kbar bejn l-Istati Membri minħabba d-differenza fil-funzjonament tal-istrutturi, id-distribuzzjoni tal-kompetenzi, u l-livelli differenti ta' ambizzjoni tal-esperimenti mwettqa.

Sal-lum, m'għandniex data li tippermettilna nkejlu dawn it-tranżizzjonijiet fil-qasam tal-catering kollettiv, għalkemm din l-informazzjoni tkun utli għall-iżvilupp ta' lingwa komuni u għall-iskambju ta' Prattiki tajba bejn l-atturi territorjali Ewropej dwar dawn il-kwistjonijiet. Dan jippermetti mhux biss l-identifikazzjoni tal-imblokki attwali iżda wkoll il-lievi, l-għodod u t-toroq possibbli lejn tranżizzjoni tal-ikel b'suċċess.

Għal dan il-għan, il-proġett pilota jipproponi għodda Prattika bbażata fuq 3 assi:

1) l-istabbiliment ta' osservatorju Ewropew, ħafif kemm jista' jkun sabiex jiġbor malajr il-prattiki u l-proġetti emerġenti fil-qasam tal-catering kollettiv fl-Unjoni Ewropea kollha. Dan il-għbir għandu jidentifika l-imblokki u

tiffaċilita l-qari tal-bidliet li qed iseħħu fit-territorji li għażlu li jintegraw il-prodotti organiċi fil-kantins tagħhom. Dan għandu jippermetti:

– li jiġi evalwat kif il-leġiżlazzjoni dwar l-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku tħalli impatt fuq is-settur tal-biedja u l-ikel organiċi.

– li jiġu studjati l-prattiki u l-approċċi tal-awtoritajiet lokali sabiex jiġu kkaratterizzati t-tranżizzjonijiet, u jiġu identifikati l-innovazzjonijiet (inklużi dawk edukattivi, b'mod partikolari fl-iskejjel) u l-kwistjonijiet emerġenti.

– li tiġi pprovduta informazzjoni siewja dwar l-approċċ finanzjarju tal-komunitajiet u l-awtoritajiet lokali fl-introduzzjoni tal-ikel organiku fil-kantins (b'mod partikolari kif jintegraw/jimmitigaw l-ispejjeż).

– li jittejbu l-programmi edukattivi dwar l-ikel organiku fl-iskejjel billi jissaħħa il-komponent ta' informazzjoni u edukazzjoni tagħhom dwar in-nutrizzjoni tajba

– li tiġi evalwata r-rabta bejn it-tnaqqis tal-ħela tal-ikel u l-introduzzjoni tal-ikel organiku fil-kantins pubbliċi

li jiġu segwiti kwistjonijiet/opportunitajiet rigward il-kwalità nutrizzjonali ta' ikliet organiċi/ikliet b'ingredjenti organiċi

– li jitkejjel l-involviment tal-atturi lokali fl-organizzazzjoni tal-catering kollettiv, inklużi l-bdiewa

2) Il-ħolqien ta' "klabb Ewropew tat-territorji" biex joffri spazju għall-iskambju u l-kondiviżjoni ta' uffiċjali eletti u partijiet ikkonċernati lokali dwar l-introduzzjoni tal-ikel organiku fil-kantins.

3) Il-ħolqien ta' gwida Prattika għall-uffiċjali eletti u l-partijiet ikkonċernati lokali dwar kif l-aħjar jiġu organizzati lokalment sabiex jiġi introdott l-ikel organiku fil-kantins, biex il-prattiki fil-kantins jiġu ttrasformati favur aktar sostenibbiltà u biex il-partijiet ikkonċernati lokali jingħataw lura kapaċità ta' azzjoni rigward is-sistema tal-ikel.

Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru

1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

Artikolu PP 09 23 — 2023

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				5 200 000	2 600 000			5 200 000	1 300 000

Partita PP 09 23 01 — Proġett pilota — It-tfassil mill-ġdid tal-kummerċ tal-annimali domestiċi eżotiċi fl-Ewropa: l-iżvilupp ta' interventi effettivi għat-tnaqqis tad-domanda bbażati fuq ix-xjenza

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				700 000	350 000			700 000	175 000

Kummenti:

L-UE hija ċentru, punt ta' tranżitu u destinazzjoni għall-annimali ħajjin selvaġġi, li ħafna drabi nqabdu illegalment u ġew esportati klandestinament mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom biex jinbiegħu bħala annimali domestiċi eżotiċi. Iż-żamma ta' annimali eżotiċi bħala annimali domestiċi hija xejra dejjem tikber stimolata mill-midja soċjali. L-UE hija waħda mill-akbar swieq tal-konsumaturi tar-rettili u l-anfibji fid-dinja u tospita wħud mill-akbar fieri tar-rettili u l-anfibji fid-dinja. Ir-rettili u l-anfibji jinsabu fuq quddiem fil-lista ta' organiżmi selvaġġi maqbuda u kkummerċjati illegalment fl-UE u dan il-kummerċ jikkontribwixxi għall-estinzjoni tal-ispeċijiet fiż-żoni tad-distribuzzjoni tagħhom. Xi speċijiet ta' annimali eżotiċi jistgħu jsiru invażivi fl-Ewropa meta jinħelsu fis-selvaġġ jew meta jaħarbu, b'impatt detrimental fuq il-konservazzjoni tal-fawna nattiva.

L-interventi għat-tnaqqis tad-domanda qed jiġu dejjem aktar rikonoxxuti bħala approċċ ewlieni fit-tul biex jiġi indirizzat it-traffikar ta' organiżmi selvaġġi. Filwaqt li t-tnaqqis fid-domanda kien fost il-prijoritajiet tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-Traffikar ta' Organiżmi Selvaġġi u tnedew xi kampanji ta' informazzjoni, dawn ma rriżultawx fi tnaqqis fid-domanda għall-annimali domestiċi eżotiċi. Ir-rapport ta' progress tal-UE tal-Pjan ta' Azzjoni jirrikonoxxi li jeħtieġ li jsir aktar. Kif enfasizzat frapport mill-organizzazzjoni ambjentali tan-NU, il-UNEP, l-attivitajiet biex titnaqqas id-domanda tal-konsumaturi għandhom ikunu bbażati fuq oqfsa ttestjati mix-xjenzi komportamentali.

Ir-riċerka tissuġġerixxi li s-sidien ta' annimali domestiċi eżotiċi għandhom karatteristiċi ta' personalità differenti mis-sidien tal-annimali domestiċi tradizzjonali. Hawn kampanji ta' sensibilizzazzjoni bbażati fuq preġudizzji u suppożizzjonijiet ġenerali huma sempliċement attivitajiet ta' informazzjoni li mhumiex immirati għal bidla fl-imġiba u għalhekk huma ineffettivi. Il-proġett pilota propost jindirizza l-ħtieġa għal interventi effettivi bbażati fuq l-evidenza biex titnaqqas id-domanda għal annimali eżotiċi. Huwa jiffoka fuq il-ħolqien tal-bażi xjentifika għal tali attivitajiet u se jipprovi lill-KE u lill-Istati Membri bl-għodod u l-prattiki tajba biex jimplementaw kampanji effettivi għat-tnaqqis tad-domanda f'kooperazzjoni mal-NGOs u partijiet ikkonċernati oħra.

Peress li l-firxa preċiża tal-kummerċ tar-rettili, l-anfibji, l-għasafar u l-mammiferi fl-Istati Membri għadha mhix magħrufa, b'mod partikolari f'termini tal-ispeċijiet involuti, u l-aktar minħabba n-natura mhux irrappurtata tal-kummerċ fl-ispeċijiet mhux regolati, il-proġett se jimplementa riċerka profonda tal-flussi kummerċjali globali tar-rettili, l-għasafar, il-mammiferi u l-anfibji fl-UE u lejha u se jiffoka fuq l-Istati Membri li huma d-destinazzjonijiet ewlenin tal-konsumatur fil-kummerċ legali u illegali, kemm globalment kif ukoll fl-Ewropa: il-Ġermanja, l-Italja, Franza u n-Netherlands. Se tingħata kunsiderazzjoni speċjali lill-ispeċijiet aljeni invażivi potenzjali li jheddu l-bijodiversità tal-UE, abbażi ta' Horizon Scan tal-UE u sorsi ppubblikati oħra. Bil-kollaborazzjoni tal-esperti dwar l-imġiba tal-konsumaturi, il-proġett imbagħad se jirriċerka l-profil tal-konsumaturi tal-annimali domestiċi eżotiċi f'dawn l-Istati Membri. Proċess ta' tfassil mill-ġdid, abbażi tar-riċerka dwar l-imġiba tal-konsumatur u d-diskussjoni ta' interventi possibbli mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, se jwassal għall-identifikazzjoni ta' għażliet għal attivitajiet effettivi għat-tnaqqis fid-domanda biex tinkiseb il-bidla fl-imġiba meħtieġa fit-tul tal-konsumaturi Ewropej tal-annimali domestiċi eżotiċi, abbażi tal-ittestjar inizjali tal-interventi.

B'mod aktar speċifiku, dan il-proġett se jwassal għal dawn ir-riżultati:

1. Rapport ta' riċerka li jippreżenta r-riżultati tal-istudju dwar il-profil tal-konsumaturi, il-valuri u l-motivazzjoni ta' dawk li jżommu annimali domestiċi eżotiċi fil-pajjiżi fil-mira.
2. Rapport li jippreżenta għarfien dwar il-kummerċ tal-annimali domestiċi eżotiċi fl-UE u lejha, b'enfasi fuq Franza, il-Ġermanja, l-Italja u n-Netherlands.
3. Rapport li jipprovi ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet possibbli mmirati lejn it-tibdil fl-imġiba tal-konsumatur sabiex titnaqqas id-domanda illegali u mhux sostenibbli għal annimali eżotiċi, abbażi ta' diskussjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u ttestjar inizjali ta' interventi li jindirizzaw konsumaturi tar-rettili u l-anfibji.

Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

Partita PP 09 23 02 — Proġett pilota — Żgħażaġħ għall-pollinaturi — trawwim tal-involviment taż-żgħażaġh u tal-governanza parteċipattiva fil-konservazzjoni tal-pollinaturi

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				4 500 000	2 250 000			4 500 000	1 125 000

Kummenti:

L-azzjonijiet biex jitreġġa' lura t-tnaqqis allarmanti tal-pollinaturi selvaġġi huma parti essenzjali mill-Patt Ekoloġiku Ewropew. Is-sigurtà tal-ikel u l-benesseri tagħna jiddependu fuq is-suċċess ta' dawn l-isforzi. In-nuqqas li tiġi indirizzata l-problema se jaffettwa b'mod drammatiku lill-ġenerazzjonijiet futuri. Għalhekk, huwa kruċjali li ż-żgħażaġh tal-lum jiġu involuti fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tas-soluzzjonijiet. Sempliċi sejħa għall-involviment mhix biżżejjed. L-abilitazzjoni tal-ġenerazzjonijiet żgħażaġh biex jaġixxu dwar il-problema u jsawru l-futur se tirrikjedi għodod u riżorsi ddedikati.

Fir-risoluzzjonijiet tiegħu dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'fajjita, u dwar l-Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi, il-Parlament appella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jappoġġaw aħjar l-involviment taċ-ċittadini, inkluż fil-programmi taż-żgħażaġh. Filwaqt li fil-livell tal-UE tnedew għadd ta' proġetti *ad hoc* biex jimmobilizzaw liċ-ċittadini (żgħażaġh) dwar il-konservazzjoni tal-pollinaturi, il-kamp ta' applikazzjoni u l-iskala tagħhom jeħtieġ li jizjeddu b'mod sostanzjali. B'mod partikolari, l-oportunitajiet ta' finanzjament aġġustati għall-kundizzjonijiet u l-ħtiġijiet taż-żgħażaġh bħalissa huma nieqsa, kif ukoll pjattaforma ddedikata li permezz tagħha ż-żgħażaġh jistgħu jinvolvu ruħhom fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE. Fis-sena Ewropea taż-Żgħażaġħ, huwa essenzjali li jittieħdu l-ewwel passi biex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet u jingħata appoġġ liż-żgħażaġh biex jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-politiki li se jaffettwaw il-futur tagħhom kif ukoll fit-teħid ta' azzjonijiet fuq il-post.

L-azzjonijiet jistgħu jkunu bbażati fuq:

- il-bini tal-kapaċità fl-involviment taż-żgħażaġh u l-governanza parteċipattiva fir-rigward tal-konservazzjoni tal-pollinaturi selvaġġi u l-politiki rilevanti tal-UE fl-Istati Membri kollha;
- il-ħolqien ta' Assemblea Ewropea permanenti taż-Żgħażaġħ dwar il-Pollinaturi bħala l-pjattaforma għall-kondiviżjoni tal-għarfien u l-esperjenza, id-diskussjoni u t-tfassil ta' rakkomandazzjonijiet għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika biex jitwaqqaf it-tnaqqis tal-pollinaturi selvaġġi. L-Assemblea għandha tikkonsisti minn parteċipanti żgħażaġh mill-Istati Membri kollha tal-UE;
- it-taħriġ u l-edukazzjoni ta' atturi żgħażaġh dwar il-konservazzjoni tal-pollinaturi selvaġġi u l-bijodiversità, li jkunu inklużi fil-kurrikuli tal-iskejjel;
- l-iffaċilitar tal-aċċess għall-fondi tal-UE permezz ta' Skema ta' Għotjiet Żgħar. L-iskema għandha tappoġġa azzjonijiet immexxija miż-żgħażaġh fl-Istati Membri kollha tal-UE bl-għan li jiġi sfruttat il-potenzjal lokali għall-konservazzjoni tal-pollinaturi selvaġġi, jissaħħu l-kapaċitajiet lokali għall-azzjoni, u tiżdied il-viżibbiltà tal-politika u l-oġettivi tal-UE dwar il-bijodiversità u jiġu tradotti f'kuntest lokali. Billi tiffoka fuq il-ħiliet u l-ideat tal-voluntiera żgħażaġh u ta' dawk li qed ifittxu impjieg, l-iskema għandha ttejjeb ukoll l-oportunitajiet lokali ta' impjieg għaż-żgħażaġh u tikkontribwixxi għall-iżvilupp territorjali sostenibbli. L-azzjonijiet għandhom jinvolvu lill-awtoritajiet lokali u lill-partijiet ikkonċernati bl-għan li jiġu żgurati l-impatti fit-tul tal-azzjonijiet.

L-attivitajiet jistgħu jiffukaw, fost l-oħrajn, fuq:

- it-titjib tal-istatus tal-ispeċijiet ta' pollinaturi mhedda u l-habitats tagħhom permezz ta' azzjoni lokali mmirata;
- monitoraġġ fuq il-post (xjenza mill-pubbliku) bil-ħsieb li jiġu appoġġati l-isforzi lokali, reġjonali, nazzjonali jew tal-UE fil-monitoraġġ tal-ispeċijiet tal-pollinaturi u t-theddid li jiffaċċjaw;
- l-immappjar tal-habitats tal-pollinaturi biex jiġu appoġġati attivitajiet tanġibbli fuq il-post għall-protezzjoni u/jew ir-restawr tagħhom;
- it-titjib tal-ġestjoni taż-Żona Protetta u/jew l-effikaċja tal-governanza fir-rigward tal-konservazzjoni tal-pollinaturi;

- appoġġ għall-inizjattivi tal-partijiet ikkonċernati lokali (eż., il-komunitajiet u l-awtoritajiet lokali) biex jgħinu fil-protezzjoni, il-konservazzjoni u r-restawr tal-popolazzjonijiet tal-pollinaturi jew tal-ħabitats tagħhom;
- analiżijiet biex jiġi mifhum jew ikkwantifikat aħjar it-theddid għall-pollinaturi sabiex jiġu appoġġati attivitajiet tanġibbli fuq il-post matul il-ħajja tal-proġett;
- l-indirizzar tal-kawżi għat-tnaqqis tal-pollinaturi permezz ta' azzjoni lokali mmirata;
- il-promozzjoni u l-iżvilupp ta' opportunitajiet għall-iżvilupp soċjoekonomiku lokali marbuta mal-konservazzjoni tal-pollinaturi jew tal-bijodiversità (eż. il-produzzjoni lokali sostenibbli tal-ikel jew tal-ħxejjex mediċinali, l-ekoturiżmu);
- soluzzjonijiet lokali u parteċipattivi tal-ekonomija ċirkolari għall-preservazzjoni tal-pollinaturi u s-servizzi tal-ekosistema li jipprovdu, inkluż billi jitnaqqsu l-pressjonijiet fuqhom;
- il-promozzjoni u l-introduzzjoni ta' prattiki agroekoloġiċi u agroforestali;
- il-promozzjoni ta' ġestjoni favur il-pollinaturi fuq proprjetà privata (eż. ġonna);
- appoġġ għall-parteċipazzjoni msaħħa tal-partijiet ikkonċernati lokali fl-attivitajiet u l-proċessi dwar il-bijodiversità u l-iżvilupp sostenibbli;
- sensibilizzazzjoni pubblika, kampanji edukattivi, attivitajiet soċjokulturali, taħriġ u bini tal-kapaċità.

Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

**Partita PA 01 22 01 — Azzjoni preparatorja — L-arti u t-teknoloġija diġitali: nilliberaw l-kreattività għall-
ġestjoni tal-ilma fl-Ewropa**

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	2 500 000	1 250 000	p.m.	p.m.	2 500 000	625 000

Kummenti:

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU (SDGs) jinkludu għanijiet speċifiċi dwar l-ilma, b'mod partikolari l-SDG 6 – "l-iżgurar tal-aċċess għall-ilma u s-sanità għal kulħadd" u l-SDG 14 "Il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-oċeani, l-ibħra u r-riżorsi tal-baħar għall-iżvilupp sostenibbli". Għanijiet oħra bħall-SDG 11 – "L-ibliet u l-insedjamenti umani jsiru inklużivi, sikuri, reżiljenti u sostenibbli" jenfazzjaw il-ħtieġa ta' approċċ ta' sistema li jindirizza l-kwistjonijiet imqajma mill-SDG b'mod olistiku lil hinn mill-effiċjenza tar-riżorsi.

Wara l-ewwel proġett pilota, din l-azzjoni preparatorja se tenfasizza r-rabtiet ma' riżorsi oħra (inkluż b'mod partikolari l-enerġija) u se tqiegħed il-ġestjoni sostenibbli tal-ilma f'kuntast usa'. Il-forum ekonomiku dinji ħareġ riflessjoni dwar "l-ilma u r-raba' rivoluzzjoni industrijali", li tindika konverġenza tad-dominji diġitali, fiżiċi u bijoloġiċi. Hu jsemmi t-teknoloġiji diġitali bħal "L-Internet tal-Oġġetti", ir-realtà virtwali u awmentata u l-intelliġenza artifiċjali li qed iwasslu għal bidliet tal-proċessi fin-negozju u s-soċjetà, u li b'mod aktar importanti qed iwasslu wkoll għal bidliet soċjali fil-valuri, l-imġiba u l-identità. Tabilħaqq, ħafna mill-għanijiet identifikati fl-SDG tal-NU jindirizzaw iż-żieda tas-sensibilizzazzjoni tal-problemi u jippromwovu mġiba responsabbli u jedukaw dwar l-importanza tal-effiċjenza tal-użu tar-riżorsi.

Il-premessa ewlenija ta' din is-sejħa hija li approċċ konġunt tat-teknoloġija diġitali mal-arti se jgħin biex iġib bidliet fil-mentalità tagħna, fuq livell kummerċjali, soċjetali u individwali. L-arti u l-kapaċità tagħha li tippreżenta d-data u toħloq esperjenzi ġodda (mhux l-inqas b'teknoloġiji diġitali ġodda bħal AR/VR) jistgħu jwasslu għal bidla radikali fil-mod kif l-informazzjoni tista' twassal għal bidliet fil-valuri u l-imġiba. Aspett importanti ieħor huwa l-involviment tal-komunità fejn it-teknoloġija diġitali u l-arti jistgħu jaqdu rwol ugwivalent importanti biex jippermettu l-ġbir kollettiv u parteċipattiv tad-data. Fl-aħħar mill-aħħar, l-arti tista' tixpruna soluzzjonijiet kreattivi għall-għanijiet tal-SDG billi tqajjem mistoqsijiet dwar xejriet stabbiliti u

telgħeb il-limiti tat-teknoloġija. Fost l-oħrajn, l-azzjoni se tibni fuq il-programm S+T+ARTS - innovazzjoni fir-rabta bejn ix-Xjenza, it-Teknoloġija, u l-ARTI. Bi STARTS, DĠ CONNECT — ippromwova l-arti bħala element produttiv fl-ghajjnuna lit-teknoloġiji diġitali li jagħmlu differenza għall-bnedmin u l-ambjent.

L-applikanti fil-mira: organizzazzjonijiet li jaħdmu fl-interfaċċja tal-arti mat-teknoloġija u l-ekoloġija, istituzzjonijiet tat-teknoloġija u utenti finali li lesti jingħaqdu ma' artisti, istituzzjonijiet tal-arti, fondazzjonijiet.

Deskrizzjoni tal-attivitajiet: ir-residenzi tal-artisti f'istituzzjonijiet tal-industrija u t-teknoloġija u attivitajiet konkreti fuq skala żgħira li jindikaw mogħdijiet ġodda għall-politika u s-soċjetà (permezz ta' finanzjament minn partijiet terzi), wirjiet, disseminazzjoni, azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni, attivitajiet edukattivi.

L-għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU — SDG — jinkludu għanijiet speċifiċi dwar l-ilma, b'mod partikolari l-SDG 6 u l-SDG 14. Għanijiet oħra bħall-SDG 11 dwar il-bliet jenfasizzaw il-ħtieġa olistika għall-SDGs li jmorru lil hinn mill-effiċjenza fir-riżorsi. Il-forum ekonomiku dinji ħareġ riflessjoni dwar "l-ilma u r-raba' rivoluzzjoni industrijali", li tindika konverġenza tad-dominji diġitali (pereżempju l-Intelliġenja Artifiċjali), bijoloġiċi u soċjali. Wara l-ewwel proġett pilota, din l-azzjoni għalhekk se tenfasizza r-rabtiet ma' riżorsi oħra (inkluż pereżempju, l-enerġija u l-mobilità) u se tqiegħed il-ġestjoni sostenibbli tal-ilma f'kuntest usa'.

Il-premessa ewlenija ta' din is-sejħa hija li approċċ konġunt tat-teknoloġija diġitali mal-arti se jgħin biex iġib bidliet fil-mentalità tagħna, fuq livell kummerċjali, soċjetali u individwali. Tabilħaqq, ħafna mill-għanijiet identifikati fl-SDG tan-NU jindirizzaw iż-żieda tas-sensibilizzazzjoni tal-problemi u "...jippromwovu mgħiba responsabbli u jedukaw dwar l-importanza tal-effiċjenza tal-użu tar-riżorsi...". L-arti u l-kapaċità tagħha li tippreżenta d-data u toħloq esperjenzi ġodda (mhux l-inqas b'teknoloġiji diġitali ġodda bħal AR/VR) jistgħu jwasslu għal bidla radikali fil-mod kif l-informazzjoni tista' twassal għal bidliet fil-valuri u l-imġiba.

Esperimenti mmexxija mill-arti f'tipi ġodda ta' ġestjoni tar-riżorsi jistgħu jwasslu għal soluzzjonijiet aktar sostenibbli u inklużivi. Fl-aħħar mill-aħħar, l-arti tista' tixpruna soluzzjonijiet kreattivi għall-għanijiet tal-SDG billi tqajjem mistoqsijiet dwar xejriet stabbiliti u tegħleb il-limiti tat-teknoloġija. Fost l-oħrajn, l-azzjoni se tibni fuq il-programm S+T+ARTS - l-innovazzjoni fir-rabta bejn ix-Xjenza, it-Teknoloġija, u l-ARTI. Bi STARTS, id-DĠ CONNECT — ippromwova l-arti bħala element produttiv biex jgħin lit-teknoloġiji diġitali jagħmlu differenza għall-bnedmin u għall-ambjent fl-ispirt tal-Inizjattiva tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida li għadha kif inħolqot.

Artikolu PA 01 23 — 2023

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				18 000 000	9 000 000			18 000 000	4 500 000

Partita PA 01 23 01 — Azzjoni preparatorja — Reġistru tal-prosumaturi tal-enerġija — Monitoraġġ tal-iżvilupp tal-azzjonijiet tal-prosumaturi fl-UE kollha

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				5 000 000	2 500 000			5 000 000	1 250 000

Kummenti:

Id-dispożizzjonijiet relatati mar-responsabbilizzazzjoni tal-konsumaturi li jinsabu fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (RED II) u fid-Direttiva dwar l-Elettriku 944/2019 (IMED) huma fost dawk l-aktar innovattivi tal-pakkett dwar l-Enerġija Nadifa (CEP). Jobbligaw lill-Istati Membri jippermettu rispons tad-domanda permezz ta' kuntratti ta' aggregazzjoni jew ta' pprezzar dinamiku, joħolqu swieq lokali ta' flessibbiltà, kif ukoll jadottaw oqfsa abilitanti għall-awtokonsumaturi (li jaġixxu b'mod konġunt) jew għall-klijenti attivi u għall-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u taċ-ċittadini. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom l-għan li jirresponsabbilizzaw lill-konsumaturi biex isiru attivi fil-livell lokali fis-swieq tal-enerġija rilevanti billi jippermettulhom jinvolvu ruħhom f'sensiela ta' attivitajiet innovattivi bħall-awtokonsum (kollettiv), il-ħżin, il-kondiviżjoni tal-enerġija, l-iskambju bejn il-pari u l-forniment ta' servizzi ta' flessibbiltà. Tali attivitajiet jispiraw mudelli kummerċjali ġodda u għandhom il-potenzjal li jaċċeleraw it-tranżizzjoni lejn l-enerġija rinnovabbli b'mod kosteffettiv u effiċjenti, filwaqt li jiżguraw aċċess sigur għal enerġija affordabbli fil-livell lokali, dment li jkunu abilitati b'mod li jevita li l-konsumaturi jiġu llokkjati f'awtokonsum iżolat minħabba nuqqas ta' ġabra usa' ta' għażliet, bħal inċentivi impliċiti (sinjalar tal-prezzijiet permezz ta' tariffi tal-grilja differenzjati skont il-ħin u kuntratti bi prezzijiet dinamiċi) jew inċentivi esplici (swieq tal-flessibbiltà bbażati fuq l-offerta), li jippermettulhom jinteraġixxu mas-sistema lokali u jimplimentaw miżuri ta' effiċjenza enerġetika. Fl-istess ħin, in-natura deċentralizzata tal-installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli tipprovdi opportunità għad-demokratizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija tal-Ewropa billi tippermetti liċ-ċittadini Ewropej isiru attivi u jieħdu s-sjieda tat-tranżizzjoni tal-enerġija.

Ammont konsiderevoli ta' Stati Membri għadhom lura f'dik li hija traspożizzjoni totali tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq, u dan għandu konsegwenzi negattivi f'termini ta' applikazzjoni inkoerenti tad-dritt tal-UE u f'termini ta' għoti ta' aċċess tal-istess drittijiet tal-konsumatur fl-UE kollha. Fl-istess ħin, f'xi Stati Membri, bdew jiġu żviluppati skemi ġodda għall-awtokonsum individwali jew kollettiv lil hinn mil-livell tal-bini u tal-komunità, u bħalissa mhumiex koperti mis-CEP. Dawn it-tipi l-oħra ta' inizjattivi ta' azzjoni kollettiva jistgħu jgħinu biex itaffu l-faqar enerġetiku, jipprovdu liċ-ċittadini tal-UE aktar għażliet biex jieħdu azzjoni rigward l-enerġija, u jżidu l-investimenti fl-enerġija rinnovabbli, kif ukoll jgħinu biex tinkiseb il-flessibbiltà meħtieġa biex tiġi akkomodata tranżizzjoni kosteffettiva lejn aktar elettrifikazzjoni u sistema tal-enerġija bbażata fuq sorsi rinnovabbli.

Mind u bdiet l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja u l-ħtieġa akbar li tiġi żgurata l-indipendenza enerġetika tal-UE kif ukoll il-komunikazzjoni REPowerEU tal-Kummissjoni, bl-introduzzjoni aċċelerata ta' pompi solari u tas-sħana, u t-talba biex jissaħħu r-rispons tad-domanda u l-flessibbiltà, traspożizzjoni xierqa u mħaffa ta' dawn id-dispożizzjonijiet u appoġġ għal mudelli kummerċjali ġodda u emerġenti jsiru dejjem aktar importanti sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ ta' flessibbiltà tal-produzzjoni lokali tal-enerġija rinnovabbli, bl-involvement mill-qrib ta' ċittadini. Il-gwerra fl-Ukrajna enfasizzat ukoll il-bżonn ta' reżiljenza territorjali tal-komunitajiet fl-Ewropa, u inkoraġġiet lil diversi municiplalitajiet u reġjuni jżviluppaw riżorsi lokalizzati, f'idejn l-abitanti tagħhom.

Ir-Repożitorju tal-Prosumaturi tal-Enerġija għandu jwettaq iż-żewġ funzjonijiet bażiċi li ġejjin:

- (i) Immonitorjar u mmappjar ta' skemi individwali u kollettivi tal-prosumaturi, b'attenzjoni għal-livelli ta' parteċipazzjoni ta' ċittadini, u oqfsa regolatorji favorevoli għall-awtokonsum u għar-rispons tad-domanda impliċitu u espliċitu fl-UE¹;
- (ii) Il-ġbir u l-analiżi ta' data dwar kundizzjonijiet ekwi fir-rigward tal-partiċipazzjoni ta' ċittadini fir-rispons tad-domanda impliċitu u espliċitu, inkluż b'rabta mar-rekwiżiti tal-kejl tal-konsum, it-tipi ta' assi inklużi/aċċettati, u d-disponibbiltà tal-assi.
- (iii) L-identifikazzjoni tal-mudelli emerġenti ta' sjieda u ta' negozju (fosthom skambji bejn il-pari, servizzi ta' flessibbiltà lokali, kondiviżjoni tal-enerġija, ħżin komunitarju) u offerti relatati ma' skemi tal-prosumaturi integrati fil-grilja, u l-monitoraġġ tal-garanziji tal-benefiċċji għaċ-ċittadini, is-sistema u s-soċjetà ingenerali².

¹Abbażi tal-immappjar tal-oqfsa regolatorji applikabbli għall-awtokonsum individwali u kollettiv ta' enerġija rinnovabbli fl-Istati Membri tal-UE, fl-ambitu ta' kuntratt speċifiku tal-Kuntratt Qafas Multiplu ENER/2020/OP/0021 li se jiġi konkluż fl-2023.

²"Integrat(i) fil-grilja" tfisser: skemi ta' prosumaturi li jirrispondu għas-sinjali tas-suq u l-ħtiġijiet tal-grilja, permezz ta' rispons tad-domanda jew impliċitu (sinjalar tal-prezzijiet) jew espliċitu (partiċipazzjoni fi swieq ta' flessibbiltà).

- (iv) L-identifikazzjoni tal-aħjar Prattiki u tal-ostakli li jirrigwardaw l-istabbiliment, l-iżvilupp u l-appoġġ tal-iskemi tal-prosumaturi integrati fil-grilja u effiċjenti fl-użu tal-enerġija li għandhom livelli għoljin ta' parteċipazzjoni taċ-ċittadini u ta' benefiċċji (inklużi dawk li mhumiex koperti mil-leġiżlazzjoni attwali tal-UE)³;
- (v) L-għoti ta' gwida lill-awtoritajiet lokali, liċ-ċittadini, lin-negozji u lill-komunitajiet rigward l-istabbiliment ta' skemi ta' prosumaturi integrati fil-grilja u effiċjenti fl-użu tal-enerġija billi jingħataw mudelli għal soluzzjonijiet teknoloġiċi, finanzjarji u amministrattivi.

Id-data miġbura permezz tar-repożitorju tkun tikkostitwixxi sors importanti ħafna ta' informazzjoni għall-istituzzjonijiet Ewropej, min ifassal il-politika u l-gvernijiet nazzjonali, reġjonali u lokali. Din id-data tiġi integrata fir-riflessjonijiet politiċi eżistenti u futuri; tappoġġa l-iżvilupp ta' azzjonijiet individwali u kollettivi tal-prosumaturi integrati fil-grilja b'mod li jottimizza l-użu tal-enerġija rinnovabbli, inaqqas il-kost ġenerali tat-tranżizzjoni tal-enerġija u b'hekk il-kontijiet tal-enerġija tal-konsumaturi. Dan huwa konformi mal-Istrateġija għall-Integrazzjoni tas-Sistema tal-Enerġija u l-Komunikazzjoni REPowerEU dwar id-Disinn tas-Suq tal-Elettriku. Barra minn hekk, tista' tispira lill-Istati Membri li għandhom isibuha diffiċli biex jimplimentaw b'mod adegwat id-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq sal-2025, u tikkontribwixxi għar-reviżjoni jew it-titjib tal-qafas regolatorju fil-livell tal-UE u dak nazzjonali għal skemi li bħalissa mhumiex koperti.

Min-naħa l-oħra, ir-repożitorju jista' jkun sors kbir ta' għarfien għall-SMEs, l-awtoritajiet lokali, iċ-ċittadini u l-assoċjazzjonijiet tagħhom li jixtiequ jstabbilixxu azzjonijiet individwali jew kollettivi u jipparteċipaw fis-swieq ta' flessibbiltà, b'mod partikolari fl-Istati Membri li s'issa m'għandhomx qafas regolatorju żviluppat jew li fit-tliet li xejn għandhom esperjenza tal-aħjar Prattiki.

Ir-repożitorju jista' jsir sors kbir ta' informazzjoni biex jiġi segwit il-progress tas-servizzi ta' flessibbiltà mmexxija miċ-ċittadini u l-progress tal-investiment privat fit-tranżizzjoni lejn l-enerġija rinnovabbli, kif ukoll biex jiġu rikonnoxxuti tipi oħra ta' inizjattivi ta' azzjoni kollettiva li jinvolvu awtokonsum favorevoli għall-grilja lil hinn mill-komunitajiet tal-enerġija billi dan inaqqas l-inċentiv għall-atturi kummerċjali u industrijali biex "jaħtfu" l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u taċ-ċittadini bl-għan li jinvolvu ruħhom f'attivitajiet innovattivi.

³Abbażi tal-immappjar tal-oqfsa regolatorji applikabbli għall-awtokonsum individwali u kollettivi ta' enerġija rinnovabbli fl-Istati Membri tal-UE, fl-ambitu ta' kuntratt speċifiku tal-Kuntratt Qafas Multiplu ENER/2020/OP/0021 li se jiġi konkluż fl-2023.

Bażi ġuridika:

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE)) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

Partita PA 01 23 02 — Azzjoni preparatorja — Skema Ewropea ta' boroż ta' studju għar-riċerkaturi friskju

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				6 000 000	3 000 000			6 000 000	1 500 000

Kummenti:

Din l-azzjoni preparatorja se tiżviluppa Skema Ewropea ta' Boroż ta' Studju biex tappoġġa r-riċerkaturi friskju. B'mod partikolari, l-azzjoni preparatorja se tiżviluppa l-proċeduri għall-għażla tal-benefiċjarji (il-valutazzjoni tar-riskju tagħhom u l-għoti ta' boroż) u għat-tqabbil ta' benefiċjarji ma' istituzzjonijiet ospitanti fl-UE. Għandu jiġi kkunsidrat ukoll sa liema punt il-proċeduri għandhom ikunu differenzjati abbażi tal-orijini ġeografika tat-talba. Taħt din l-azzjoni, se jiġu kkunsidrati talbiet mill-pajjiżi kollha barra mill-UE. Għandhom jiġu kkunsidrati l-esperjenzi ta' programmi nazzjonali u ta' NGOs komparabbli kif ukoll l-esperjenzi tal-azzjoni MSCA4Ukraine.

Barra minn hekk, biex jiġu vvalidati l-proċeduri stabbiliti, il-proġett pilota se jagħti boroż lil riċerkaturi friskju f'żewġ binarji bi 15-il kollokament iffinanzjati kompletament f'kull binarju:

Binarju 1: Kollokamenti urġenti għar-riċerkaturi friskju (barra mill-proċess tar-rifuġjati)

Binarju 2: Riċerkaturi tar-rifuġjati u kollokamenti ta' segwitu għal kandidati friskju barra mill-proċess tar-rifuġjati

Bil-għan li jiġu żgurati valur miżjud akbar tal-tal-UE kif ukoll sinerġiji bejn l-isforzi tat-Tim Ewropa, l-azzjoni preparatorja se tiżviluppa approċċ li jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jistabbilixxu l-proġetti tagħhom stess, kif ukoll approċċ biex jimmassimizza l-impatt tal-finanzjamenti nazzjonali u Ewropej f'koordinament tal-isforzi tad-programmi differenti.

Din l-azzjoni preparatorja tispira ruħha mir-rakkomandazzjonijiet politiċi żviluppati fil-qafas tal-proġetti H2020 MSCA "Inspireurope".

Bażi ġuridika:

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE)) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

Partita PA 01 23 03 — Azzjoni preparatorja — Il-promozzjoni fid-dinja ta' stil Ewropew tal-innovazzjoni diġitali radikata fil-kultura

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				2 000 000	1 000 000			2 000 000	500 000

Kummenti:

L-azzjoni għandha l-għan li tippromwovi approċċ Ewropew għall-innovazzjoni li jkun imsejjes fuq l-arti/il-kultura u l-valuri billi tgħaqqad, l-innovazzjoni u l-użu diġitali u l-arti fl-ekosistemi lokali f'reġjuni magħżula barra mill-Ewropa. Approċċ konkret ta' esperimentazzjoni artistika bid-diġitali se jintuża biex jippromwovi l-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali fl-ekonomiji tar-reġjuni magħżula u biex jippromwovi użu "kompatibbli mal-bniedem" u ekoloġikament konxju tad-diġitali fil-livell dinji. L-azzjoni ssegwi proġett pilota fejn l-idea għet ivvalidata u d-dimensjoni politika għall-promozzjoni ta' approċċ Ewropew għall-innovazzjoni bħala alternattiva għall-approċċi aġġustati tal-Istati Uniti u taċ-Ċina.

L-attivitajiet internazzjonali għandhom jinkludu avvenimenti (jiġifieri fieri, wirjiet, festivals, gruppi ta' ħidma, hackathons) u residenzi artistiki li fihom l-impriżi/in-negozji ġodda lokali u Ewropej jiltaqgħu mal-artisti lokali u Ewropej, rispettivament. Qed jiġi propost li l-attivitajiet jiġu limitati għal żewġ reġjuni magħżula — l-Afrika Sub-Saħarjana u l-Lvant Nofsani — b'ekonomiji emerġenti fejn nistennew li l-innovazzjoni msejsa fuq il-kultura u l-arti se timxi id f'id l-aktar mal-ħsieb lokali. Huwa ssuġġerit li ssir kollaborazzjoni f'dawn ir-reġjuni magħżula wkoll ma' atturi diġitali dominanti li juru sensibilizzazzjoni dejjem akbar dwar l-impatt soċjali u ambjentali dinji tal-progress diġitali. Lezzjoni meħuda mill-fażi pilota hija li jkun aħjar li jkun hemm żewġ

proġetti separati li jkopru ż-żewġ reġjuni magħżula. Minħabba l-importanza tal-intelliġenza artifiċjali, l-azzjoni se tenfasizza l-intelliġenza artifiċjali (iżda ma teskludix attivitajiet f'suġġetti oħra diġitalment pertinenti rilevanti fir-reġjuni magħżula). L-azzjoni tibni fost l-oħrajn fuq il-programm S+T+ARTS fid-DĠ CONNECT li jippromwovi sinerġiji bejn l-arti u t-teknoloġija diġitali.

Bażi ġuridika:

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE)) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

Partita PA 01 23 04 — Azzjoni preparatorja — Servizz ta' appoġġ għal proġetti ta' rinnovazzjoni mmexxija miċ-ċittadini

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				5 000 000	2 500 000			5 000 000	1 250 000

Kummenti:

Din l-azzjoni preparatorja hija l-kontinwazzjoni ta' proġett pilota (PP012102) li kien ġie approvat għal sentejn konsekuttivi u għandha l-għan li tegħleb l-ostakli finanzjarji, ġuridiċi u tekniċi għall-proġetti ta' rinnovazzjoni mmexxija miċ-ċittadini. Għalhekk, nipproponu l-ħolqien ta' servizz ta' appoġġ speċifiku tal-UE għall-atturi l-ġodda tal-Komunitajiet tal-Enerġija taċ-Ċittadini (CEC) u tal-Komunitajiet tal-Enerġija Rinnovabbli (REC) stabbilit fil-leġislazzjoni tal-UE li kapaċi jikkatalizzaw l-involviment taċ-ċittadini f'diversi aspetti tat-tranżizzjoni ekoloġika, inklużi proġetti ta' rinnovazzjoni. Il-ħolqien ta' tali servizz jista' jibni fuq l-esperjenza tal-kooperattivi li jirnexxilhom jgħaqqdu l-proġetti fuq skala ta' viċinat. Is-servizz ta' appoġġ għandu l-għan li jsaħħaħ ir-rabtiet fi ħdan il-komunitajiet u jespandi u jirriproduċi programmi li kellhom suċċess. Din għandha tinkludi:

1. Pjattaforma għall-kondiviżjoni tal-esperjenzi u tal-mudelli, sabiex tinbena dinamika komunitarja b'saħħitha biex jiġu mobilizzati ċ-ċittadini Ewropej madwar rinnovazzjoni integrata tal-bini u l-użu tal-enerġija rinnovabbli (permezz tal-komunitajiet tal-enerġija).

2. L-appoġġ għall-iżvilupp ta' pjanijiet ta' investiment, peress li l-identifikazzjoni tal-għażliet ta' finanzjament hija element kruċjali għall-ħolqien ta' riżervi ta' proġetti. (Tfittxija ta' punti komuni biex jitwessa' l-iżvilupp ta' proġetti mmexxija miċ-ċittadini. L-istudju tal-iżvilupp ta' mudelli li jappoġġaw ir-rinnovazzjoni flimkien mal-użu tal-enerġiji rinnovabbli.)

3. L-għoti ta' provi u indikaturi sabiex jiġu sensibilizzati l-komunitajiet tal-enerġija eżistenti dwar il-valur tar-rinnovazzjonijiet tal-enerġija.

4. L-għoti ta' assistenza teknika u kkwocjar lil gruppi ta' ċittadini, organizzazzjonijiet komunitarji eżistenti kif ukoll awtoritajiet lokali biex jistabbilixxu CEC u REC li jittrattaw ir-rinnovazzjoni tal-bini, l-aċċess għas-sjeda tad-djar u l-faqar enerġetiku.

5. Il-monitoraġġ u l-appoġġ ta' traspożizzjoni rigoruża tad-dispożizzjonijiet tal-pakkett dwar l-Enerġija Nadifa li jikkonċernaw il-Komunitajiet tal-Enerġija taċ-Ċittadini (CEC) u l-Komunitajiet tal-Enerġija Rinnovabbli (REC), li għandhom iservu ta' opportunità għall-Istati Membri biex isaħħu r-rwol taċ-ċittadini fit-tranżizzjoni enerġetika.

L-għan tal-proġett pilota se jkun li jħarreġ il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u dawk taċ-ċittadini permezz tal-proċess tal-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' tranżizzjoni territorjali.

Bażi ġuridika:

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE)) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

Artikolu PA 03 23 — 2023

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				800 000	400 000			800 000	200 000

Partita PA 03 23 01 — Azzjoni preparatorja — Żvilupp ta' metodoloġija u standards ta' sostenibbiltà għall-mitigazzjoni tal-impatt ambjentali tal-kriptoassi

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				800 000	400 000			800 000	200 000

Kummenti:

L-azzjoni preparatorja proposta għandha l-għan li tiżviluppa metodoloġija biex tkejjel l-impatt klimatiku u ambjentali tal-mekkaniżmi ta' kunsens użati mill-kriptoassi u tivvaluta l-fattibbiltà tal-istabbiliment ta' standards ta' sostenibbiltà ambjentali għall-kriptoassi bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' azzjoni leġiżlattiva futura fil-qasam tar-regolamentazzjoni finanzjarja dwar il-kriptoassi.

L-azzjoni preparatorja hija mistennija li tiffoka fuq it-tliet objettivi li ġejjin:

- tiżviluppa metodoloġija robusta bbażata fuq ix-xjenza biex tkejjel l-impatt klimatiku u ambjentali tal-protokoll tal-mekkaniżmu ta' kunsens użati mill-kriptoassi, inklużi kriterji kwalitattivi u stimi kwantitattivi tal-ammont totali ta' emissjonijiet tal-karbonju prodotti, il-konsum tal-enerġija u tar-riżorsi, u l-iskart elettroniku prodott min-network kollu ta' kriptoassi partikolari u mill-ekosistema tal-kriptoassi ta' dak il-kriptoassi b'mod ġenerali, fuq livell globali;
- twettaq immappjar komprensiv tal-mekkaniżmi ta' kunsens użati mill-kriptoassi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-impatt klimatiku u ambjentali tagħhom, inkluża analiżi tal-kompromessi potenzjali;
- tivvaluta l-impatt usa' fuq il-fatturi ESG, b'mod partikolari l-esternalitajiet ambjentali, ekonomiċi u soċjali rilevanti ġġenerati mill-kriptomminar, inkluż l-impatt fuq il-provvista ta' ċipep b'domanda għolja, it-tniġġis akustiku, il-konsum ta' elettriku skars kif ukoll l-impatt u r-riskji finanzjarji fuq l-utilitajiet pubbliċi Ewropej tal-enerġija;
- tidentifika alternattiva sostenibbli għall-kriptomminar fis-suq u l-aħjar prattiki għall-iżvilupp ta' protokoll ta' mekkaniżmu ta' kunsens li jkunu inqas intensivi fl-użu tal-enerġija u li ma jikkawżaw l-ebda ħsara sinifikanti lill-objettivi klimatiċi u ambjentali u lill-miri tal-enerġija tal-Unjoni;
- tiddeskrivi għażliet ta' politika differenti biex itaffi l-impatt ambjentali ta' ċerti kriptoassi u biex taċċellera l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet ekoloġiċi alternattivi;

f) tivvaluta l-fattibbiltà tal-iżvilupp ta' standards ta' sostenibbiltà għall-kriptoassi.

Għall-fini tal-iżvilupp tal-metodoloġija u tal-istandards tas-sostenibbiltà, għandha ssir enfasi speċjali fuq diversi fatturi li jikkonċernaw in-network kollu ta' kriptoassi, b'mod partikolari l-konsum tal-enerġija, l-użu ta' riżorsi reali, l-impronta tal-karbonju, kwalunkwe skart elettroniku prodott bl-użu tal-hardware, l-istruttura tal-inċentivi u d-disinn tal-protokoll, il-kapitalizzazzjoni tas-suq u l-iskala tal-operat tal-kriptoassi kkonċernati.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-kuntrattur ikollu l-għarfien espert u l-ħiliet kollha meħtieġa biex jimplimenta l-azzjoni preparatorja u b'mod partikolari biex jiżviluppa metodoloġija bbażata fuq ix-xjenza. Il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll li teskludi mill-parteciċipazzjoni fil-proċess tal-akkwist kwalunkwe kuntrattur li jkollu interessi professjonali eżistenti jew potenzjali.

Bażi ġuridika:

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE)) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċizzjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

Partita PA 07 21 01 — Azzjoni preparatorja — Pjattaformi medjatiċi Ewropej

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
p.m.	5 996 000	p.m.	5 996 000	6 000 000	8 996 000	p.m.	5 996 000	6 000 000	7 496 000

Kummenti:

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impjenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Bil-għan li tikkontribwixxi għas-sovranità diġitali tal-Ewropa u għall-Isfera Pubblika Ewropea, din l-azzjoni preparatorja tadatta għodod teknoloġiċi eżistenti u tiżviluppa soluzzjonijiet ġodda sabiex jinħolqu pjattaformi li kapaċi jagħtu aċċess imtejjeb liċ-ċittadini Ewropej għal informazzjoni affidabbli mill-Ewropa kollha.

Il-pjattaformi għandu jkollhom il-potenzjal li jestendu l-firxa tal-fornituri parteċipanti tal-mezzi tax-xandir billi jużaw għodod tekniċi inkorporati li jinkludu moduli ta' traduzzjoni (traduzzjoni awtomatika ta' testi, traskrizzjoni awtomatika tat-taħdit u interpretazzjoni awtomatika), teknoloġiji bbażati fuq l-IA, magni tat-tiftix sofistikati, u/jew algoritmi ta' rakkomandazzjoni tal-kontenut. Barra minn hekk, sistema ta' identifikazzjoni tal-utent tipprovdi liċ-ċittadini aċċess minn kwalunkwe apparat kif ukoll esperjenza ta' browsing personalizzata.

Fil-qafas tal-azzjoni preparatorja, ix-xandara u l-pubblikaturi jikkooperaw mal-iżviluppaturi tat-teknoloġija biex jgħolqu soluzzjonijiet faċli għall-utent. Dawn is-s-soluzzjonijiet jistgħu jiġu applikati għal ġeneri oħra ta' kontenut (eż. dawk edukattivi, sport, divertiment) u jiġu integrati fl-applikazzjonijiet diġitali differenti (eż. (re) player apps, apps tal-aħbarijiet). Abbażi ta' teknoloġiji eżistenti bbażati fuq l-IA u dawk b'sors miftuħ, l-użu tal-algoritmi huwa ggwidat mill-prinċipju tat-trasparenza massima: l-utenti jiġu infurmati dwar għaliex ikunu qed jaraw dak li jaraw.

Il-proposti editorjali huma bbażati fuq il-kunċett ta' kmamar tal-aħbarijiet f'network li jiġbru flimkien diversità ta' perspettivi minn uffiċċji tal-aħbarijiet nazzjonali madwar l-Ewropa. Il-kmamar tal-aħbarijiet jiffokaw fuq temi jew stejjer b'reżonanza pan-Ewropea, u jiżguraw li l-kopertura tadotta approċċ kostruttiv jew ibbażat fuq is-soluzzjonijiet. Regoli trasparenti u miftiehma li jkopru l-aspetti editorjali u legali kif ukoll il-flussi tax-xogħol tekniċi jipprovdu bażi ta' kooperazzjoni ċara.

Il-proġetti huma bbażati fuq valuri komuni inkluż ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, u b'hekk jipprovdu ambjent online sikur għaċ-ċittadini Ewropej. Dawn jistgħu jiġu kkumplementati faċilment bi proġetti oħra implimentati minn xandara u publikaturi (eż. kullani ta' dokumentarji jew programmi speċifiċi għal udjenzi żgħażaġh) filwaqt li partijiet ikkonċernati oħra li jkunu jħaddnu l-istess valuri tas-servizz pubbliku, bħal mużewijiet u libreriji, jistgħu jiġu mistiedna jissieħbu f'inizjattivi.

Il-proġett(i) jistgħu jinkludu wkoll:

- Proċess intern ta' verifika tal-fatti;
- Strateġija tal-midja soċjali;
- Algoritmu ta' servizz pubbliku li jaġixxi bħala l-pedament għas-sistemi ta' rakkomandazzjoni tal-kontenut.

Partita PA 07 21 03 — Azzjoni Preparatorja — Il-kitba fil-kuntest Ewropew

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
p.m.	2 690 000	p.m.	2 690 000	3 000 000	4 190 000	p.m.	2 690 000	3 000 000	3 440 000

Kummenti:

L-objettiv ta' din l-azzjoni huwa li tissaħħaħ il-kapaċità tal-kreaturi Ewropej, b'mod partikolari l-kittieba tal-iskript biex joħlqu sensieli ta' finzjoni mill-aktar avvanzata li tista' tattira udjenzi bejn il-fruntieri, u biex titrawwem komunità ta' talenti Ewropej ta' persuni li jkunu kapaċi jaħdmu bejn il-fruntieri nazzjonali u lingwistiċi.

Dan għandu jippermetti li Ewropej b'talenti fl-awdjoviżiv, b'mod partikolari l-kittieba tal-iskript, jiktbu flimkien xenarji ta' sensiliet televiżivi fil-livell Ewropew, u b'hekk jinħolqu opportunitajiet matul il-karriera tagħhom madwar l-Ewropa. L-għan huwa li jitrawwem il-proċess ta' ħolqien kollaborattiv li jiffoka fuq il-prattiki ta' kitba konġunta f'kuntest interkulturali, li jlaqqa' flimkien lill-kreaturi minn nazzjonalitajiet differenti.

L-enfasi tal-azzjoni preżenti għandha tkun fuq il-kitba konġunta ta' sensieli televiżivi li jappellaw għal pubbliku internazzjonali. Din l-azzjoni mhux se tiffinanzja l-iżvilupp ta' skripts mill-produtturi, li bħalissa huwa ffinanzjat taħt il-programm MEDIA. Il-komponent tal-ħiliet inkluż f'din l-azzjoni huwa parti integrali mill-proġett, u jiffoka fuq it-titjib tal-kwalità tal-iskripts prodotti mit-talent awdjoviżiv.

Partita PA 07 22 01 — Azzjoni preparatorja — Sfera pubblika Ewropea: offerta medjatika online ġdida għaż-żgħażaġh Ewropej

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
p.m.	4 500 000	p.m.	4 500 000	9 000 000	9 000 000	p.m.	4 500 000	9 000 000	6 750 000

Kummenti:

Din l-azzjoni preparatorja tindirizza l-lakuna eżistenti fl-ikkomunikar tal-Ewropa lill-ġenerazzjonijiet żgħażaġh Ewropej, billi toħloq sfera medjatika pubblika verament tranżnazzjonali u tagħti stampa aħjar tas-sens ta' għaqda, li qiegħed fil-qofol tal-identità Ewropea u huwa rifless f'kultura komuni, stil ta' ħajja simili u valuri

kondiviżi. Il-politika eżistenti hija mmirata primarjament lejn it-tiżi u t-trasformazzjoni diġitali ta' settur medjatiċu li qed jiffaċċja diffikultajiet u li ġie affettwat b'mod sever mill-pandemija. L-għanijiet iddikjarati tal-Att dwar il-Libertà tal-Midja li jmiss jinkludu t-tiżi tal-indipendenza u d-diversità tal-midja. Madankollu, l-appoġġ għat-tkabbir ta' spazji medjatiċi li jiġġeneraw skambju pubbliku fil-livell Ewropew jibqa' limitat, minkejja l-importanza tiegħu u n-nuqqas ta' inizjattivi vijabbli ttestjati.

Sabiex iż-żgħażaġh Ewropej jiġu attirati lejn l-ideat u l-valuri Ewropej u sabiex tingħata s-setgħa lil ċittadini tassew Ewropej permezz tal-pjattaformi diġitali, l-azzjoni preparatorja se tappoġġa spazji online organizzati li jiġbru kontenut ġurnalisticu li jstimula l-ħsieb madwar suġġetti rilevanti għall-ħajja tagħhom ta' kuljum, u jagħtihom is-setgħa li jkabblu perspettivi minn madwar l-Ewropa u jiddiskutu u jiskopru kif l-interessi tagħhom jorbtu mal-interessi taż-żgħażaġh Ewropej fi Stati Membri oħra.

Il-kontenut jittratta suġġetti li huma ta' interess jew preokkupazzjoni ċerti għaż-żgħażaġh Ewropej, bħall-educazzjoni u l-ħiliet, il-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19, il-ġeneru u d-diversità kif ukoll is-sostenibbiltà u t-tibdil fil-klima, arkitettura Ewropea ta' paċi u sigurtà, politika barranija, demokrazija, u se jitqiegħed f'kuntast sabiex ikun konvinċenti u attraenti għall-grupp fil-mira. Il-perspettiva Ewropea tinholq billi jitqabblu l-esperjenzi reġjonali u l-fehmiet personali dwar kwistjonijiet ta' importanza pan-Ewropea. L-għan hu li jiġu indirizzati suġġetti rilevanti ta' importanza pan-Ewropea u li fl-istess ħin jinholq forum għall-perspettivi lokali, li jippermetti lill-utenti żgħażaġh jidentifikaw ruħhom sew mal-kontenut. L-azzjoni preparatorja tiddedika attenzjoni partikolari biex jiġu indirizzati udjenzi li mhumiex kożmopolitani, kif ukoll żgħażaġh Ewropej b'inqas opportunitajiet, bil-lingwa materna tagħhom.

Din l-inizjattiva pan-Ewropea u multilingwi ambizzjuża se ssaħħaħ l-azzjoni preparatorja eżistenti, li tistimula dibattiti offline u online, miftuħa, veri, profondi u kostruttivi dwar il-ħajja attwali u futura fl-Ewropa fost iż-żgħażaġh Ewropej. Bl-użu ta' formati innovattivi fuq pjattaformi diġitali, bl-għan aħħari li tinholq sensibilizzazzjoni akbar dwar il-viżjonijiet u r-realtajiet Ewropej u jkun hemm impenn akbar min-naħa ta' ċittadini lejn il-valuri u l-ideat Ewropej, sabiex sussegwentement jikkontribwixxu favur soċjetà ċivili aktar attiva. Il-Pjan ta' Azzjoni għall-appoġġ tal-irkupru u t-trasformazzjoni tas-settur medjatiċu u dak awdjoviżiv għandu wkoll l-għan li jipromwovi ġurnaliżmu kollaborattiv u transfruntier, abbażi tal-kondiviżjoni u n-networking tal-aħjar Prattiki f'dan il-qasam. Din l-azzjoni preparatorja hija ta' benefiċċju kbir għal dan l-objettiv, billi tappoġġa dawn l-aħjar Prattiki b'rabta mal-kooperazzjoni transfruntiera u anke mal-innovazzjoni fis-settur medjatiċu.

Din l-azzjoni preparatorja, li hi allinjata ma' għadd kbir ta' objettivi tal-Unjoni u tibni fuq inizjattivi eżistenti, timla l-lakuna ta' appoġġ deċiżiv għas-sfera pubblika Ewropea billi tmexxi l-innovazzjoni fl-ispazju medjatiku Ewropew biex tistimula dibattitu fit-tul dwar futur komuni fost iż-żgħażaġh Ewropej.

Artikolu PA 07 23 — 2023

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				850 000	425 000			850 000	212 500

Partita PA 07 23 01 — Azzjoni preparatorja — Network ta' verifikaturi tal-fatti Ewropej għall-ġlieda kontra d-Diżinformazzjoni

Abbozz tal-baġit 2023		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2023		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2023		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2023		Konċiljazzjoni 2023	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				850 000	425 000			850 000	212 500

Kummenti:

L-objettiv ta' din l-azzjoni preparatorja huwa li tipprova lill-organizzazzjonijiet Ewropej ta' verifika tal-fatti b'pakkett konkret ta' riżorsi li jistgħu jgħinuhom jidentifikaw u jesponu bħala foloz kampanji ta' diżinformazzjoni dwar diżastri klimatiċi u ambjentali li għandhom effetti fuq l-opinjoni pubblika. Il-proposta se tibni fuq inizjattivi oħra li jrawmu l-kooperazzjoni fost l-organizzazzjonijiet tal-verifika tal-fatti fl-Ewropa bħan-Network Ewropew il-ġdid tal-Istandards tal-Verifika tal-Fatti (EFCSN, parti mill-Proġett Pilota CNECT/2020/3029907 dwar l-Integrità tal-Media Soċjali) u l-ħidma tal-Osservatorju Ewropew tal-Media Diġitali (EDMO-Smart 2019/1087). Il-proġett għandu jmur lil hinn minn dikjarazzjonijiet faċilment konfutabbli bħal "it-tibdil fil-klima ma jeżistix" li qed isiru dejjem aktar residwi, u jiffoka fuq narrattivi aktar kumplessi li qed jiżdiedu, bħad-diżinformazzjoni dwar is-soluzzjonijiet proposti (speċjalment dawk imwettqa minn individwi li jimplikaw bidla fid-drawwiet) jew li x-xjenza warajhom mhijiex affidabbli.

Il-proposta:

- se tivvaluta l-isfidi u l-ħtiġijiet tal-verifikaturi tal-fatti tal-UE fir-rigward tar-rispons għall-kriżijiet u tiġbor tagħlimiet minn kriżijiet reċenti;

- se ttiprovdi lill-verifikaturi tal-fatti b'pakkett ta' riżorsi u għodod li jistgħu jgħinuhom jagħtu spinta lill-prontezza u r-rispons tagħhom għall-kriżijiet;
- se toffri materjal ta' taħriġ u korsijiet dwar komunikazzjoni effettiva tal-kriżijiet;
- se toffri gwida dwar kif tinbena malajr komunità ta' esperti u prattikanti dwar suġġett ta' kriżi;
- se tfassal mappa tan-networks disponibbli għall-verifika tal-fatti fl-UE u gwida dwar kif jistgħu jiġu sfruttati b'mod effettiv f'sitwazzjoni ta' kriżi;
- se ttiprovdi viżwalizzazzjoni u għodod tekniċi oħra (eż. dimostrazzjoni tat-tixrid tad-diżinformazzjoni fuq mappa) li jistgħu jaġixxu bħala elementi kostitwenti lesti għas-siti web tal-verifikaturi tal-fatti u għodod ta' komunikazzjoni (b'kunsiderazzjoni xierqa għall-għodod eżistenti u l-evitar tad-duplikazzjoni);
- se tittestja l-pakkett ta' riżorsi ma' grupp ta' verifikaturi tal-fatti Ewropej dwar l-eżempju tat-tibdil fil-klima u l-kriżijiet relatati.

Bażi ġuridika:

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE)) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).